Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2023/0156(COD)

17.11.2023

EMENDI
133 - 434

Abbozz ta' rapport
Deirdre Clune
(PE755.046v01-00)

L-istabbiliment tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 952/2013

Proposta għal regolament
(COM(2023)0258 – C9-0175/2023 – 2023/0156(COD))

Emenda 133
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-marka tal-oriġini;

Or. fr

Emenda 134
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġu previsti mezzi effettivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-unjoni doganali, jenħtieġ li jiġu riveduti u ***ssimplifikati*** numru ta' regoli u ta' proċeduri li jirregolaw kif il-merkanzija tiddaħħal jew tinħareġ 'il barra mit-territorju doganali tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi previst sett modern u integrat ta' servizzi elettroniċi interoperabbli għall-ġbir, għall-ipproċessar u għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali (Pjattaforma tad-Data Doganali tal-Unjoni Ewropea, "Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE"). Jenħtieġ li Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea ("Awtorità Doganali tal-UE") tiġi stabbilita bħala kapaċità operazzjonali ċentrali għall-governanza koordinata tal-unjoni doganali f'oqsma speċifiċi.	(4) Sabiex jiġu previsti mezzi effettivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-unjoni doganali, jenħtieġ li jiġu riveduti u ***armonizzati*** numru ta' regoli u ta' proċeduri li jirregolaw kif il-merkanzija tiddaħħal jew tinħareġ 'il barra mit-territorju doganali tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi previst sett modern u integrat ta' servizzi elettroniċi interoperabbli għall-ġbir, għall-ipproċessar u għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali (Pjattaforma tad-Data Doganali tal-Unjoni Ewropea, "Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE"). Jenħtieġ li Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea ("Awtorità Doganali tal-UE") tiġi stabbilita bħala kapaċità operazzjonali ċentrali għall-governanza koordinata tal-unjoni doganali f'oqsma speċifiċi.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Kif żvelat fir-Rapport Speċjali Nru 04/2021: "Kontrolli doganali: armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE" mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-qafas leġiżlattiv mhuwiex imfassal tajjeb biżżejjed biex jiżgura li l-Istati Membri jagħżlu l-kontrolli li għandhom isiru fuq id-dikjarazzjoni tal-importazzjoni b'mod armonizzat. Barra minn hekk, l-Istati Membri jimplimentaw il-qafas b'modi differenti.

Emenda 135
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jiġu previsti mezzi effettivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-unjoni doganali, jenħtieġ li jiġu riveduti ***u ssimplifikati*** numru ta' regoli u ta' proċeduri li jirregolaw kif il-merkanzija tiddaħħal jew tinħareġ 'il barra mit-territorju doganali tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi previst sett modern u integrat ta' servizzi elettroniċi interoperabbli għall-ġbir, għall-ipproċessar u għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali (Pjattaforma tad-Data Doganali tal-Unjoni Ewropea, "Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE"). Jenħtieġ li Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea ("Awtorità Doganali tal-UE") tiġi stabbilita bħala kapaċità operazzjonali ċentrali għall-governanza koordinata tal-unjoni doganali f'oqsma speċifiċi.	(4) Sabiex jiġu previsti mezzi effettivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-unjoni doganali, jenħtieġ li jiġu riveduti***, issimplifikati u armonizzati*** numru ta' regoli u ta' proċeduri li jirregolaw kif il-merkanzija tiddaħħal jew tinħareġ 'il barra mit-territorju doganali tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi previst sett modern u integrat ta' servizzi elettroniċi interoperabbli għall-ġbir, għall-ipproċessar u għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali (Pjattaforma tad-Data Doganali tal-Unjoni Ewropea, "Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE"). Jenħtieġ li Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea ("Awtorità Doganali tal-UE") tiġi stabbilita bħala kapaċità operazzjonali ċentrali għall-governanza koordinata tal-unjoni doganali f'oqsma speċifiċi.

Or. en

Emenda 136
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, ir-rwol tal-awtoritajiet doganali evolva sabiex ikopri dejjem aktar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali li tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar merkanzija soġġetta għal superviżjoni doganali, b'mod partikolari r-rekwiżiti mhux finanzjarji dwar merkanzija li huma neċessarji sabiex din il-merkanzija tidħol u tiċċirkola fis-suq intern. Tali kompiti mhux finanzjarji żdiedu b'mod esponenzjali matul is-snin f'konformità mal-aspettattivi dejjem akbar tan-negozji u taċ-ċittadini tal-Unjoni fir-rigward tas-sikurezza, tas-sigurtà, tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità, tas-sostenibbiltà, tas-saħħa u tal-ħajja tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, tal-ambjent, tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-valuri tal-Unjoni. Għandhom jiġu introdotti għodod ġodda, bħall-Passaport Diġitali tal-Prodotti, sabiex jiġi żgurat li leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali relatata mal-prodotti tkompli twieġeb għal dawn l-aspettattivi. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu riflessi n-numru u l-kumplessità dejjem akbar ta' riskji mhux finanzjarji billi fil-missjoni tal-awtoritajiet doganali tiġi inkluża referenza speċifika għall-protezzjoni ta' dawn l-interessi pubbliċi kollha u, meta applikabbli, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħrajn.	(5) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, ir-rwol tal-awtoritajiet doganali evolva sabiex ikopri dejjem aktar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali li tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar merkanzija soġġetta għal superviżjoni doganali, b'mod partikolari r-rekwiżiti mhux finanzjarji dwar merkanzija li huma neċessarji sabiex din il-merkanzija tidħol u tiċċirkola fis-suq intern. Tali kompiti mhux finanzjarji żdiedu b'mod esponenzjali matul is-snin f'konformità mal-aspettattivi dejjem akbar tan-negozji u taċ-ċittadini tal-Unjoni fir-rigward tas-sikurezza, tas-sigurtà, tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità, tas-sostenibbiltà, tas-saħħa u tal-ħajja tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, tal-ambjent, tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-valuri tal-Unjoni. Għandhom jiġu introdotti għodod ġodda, bħall-Passaport Diġitali tal-Prodotti, sabiex jiġi żgurat li leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali relatata mal-prodotti tkompli twieġeb għal dawn l-aspettattivi. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu riflessi n-numru u l-kumplessità dejjem akbar ta' riskji mhux finanzjarji billi fil-missjoni tal-awtoritajiet doganali tiġi inkluża referenza speċifika għall-protezzjoni ta' dawn l-interessi pubbliċi kollha u, meta applikabbli, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħrajn. ***Huwa daqstant importanti li wieħed jinnota li volum sinifikanti ta' merkanzija pproċessat f'portijiet u ajruporti kbar qed jiġi trażbordat, jiġi minn kontinenti oħra u destinat lejhom mingħajr ma jidħol fis-suq tal-UE. Tali merkanzija ma għandhiex għalfejn tikkonforma mal-istess standards tal-UE dwar is-sikurezza u l-prodotti meħtieġa għall-oġġetti li jidħlu fis-suq intern.***

Or. en

Emenda 137
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, l-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jirrapportaw mingħajr dewmien żejjed lill-UPPE kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22 u l-Artikolu 25(2) u (3) ta' dak ir-Regolament. L-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom joqogħdu lura milli jieħdu miżuri li jistgħu jipperikolaw il-kunfidenzjalità ta' investigazzjonijiet kriminali dwar l-istess fatti tal-awtorità ġudizzjarja jew tal-infurzar tal-liġi nazzjonali kompetenti jew tal-UPPE, meta jintalbu jagħmlu dan minn dawn l-awtoritajiet.

Or. en

Emenda 138
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2013 jiġu adattati sabiex jittieħed kont tal-kamp ta' applikazzjoni usa' ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti f'atti oħrajn tal-Unjoni, u sabiex tiġi ċċarata terminoloġija li jkollha sens differenti f'setturi differenti. Jenħtieġ li fil-leġiżlazzjoni doganali jiġu inklużi definizzjonijiet ġodda sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' ċerti atturi	(7) Jenħtieġ li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2013 jiġu adattati sabiex jittieħed kont tal-kamp ta' applikazzjoni usa' ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti f'atti oħrajn tal-Unjoni, u sabiex tiġi ċċarata terminoloġija li jkollha sens differenti f'setturi differenti. Jenħtieġ li fil-leġiżlazzjoni doganali jiġu inklużi definizzjonijiet ġodda sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' ċerti atturi

fil-proċessi doganali. Fil-każ tal-importatur u tal-esportatur, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jagħmlu lil dawk il-persuni responsabbli għall-konformità tal-merkanzija, inkluż għal riskji finanzjarji u mhux finanzjarji, sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni doganali. Fil-każ tal-kunċett il-ġdid ta' importatur preżunt, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jiżguraw li, f'xi każijiet, fil-kuntest ta' bejgħ online minn barra l-Unjoni, operatur ekonomiku, għall-kuntrarju tal-konsumatur, jitqies bħala l-importatur u jassumi r-responsabbiltajiet korrispondenti. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll definizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tad-dispożizzjonijiet tas-superviżjoni doganali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontrolli doganali.

fil-proċessi doganali. Fil-każ tal-importatur u tal-esportatur, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jagħmlu lil dawk il-persuni responsabbli għall-konformità tal-merkanzija, inkluż għal riskji finanzjarji u mhux finanzjarji, sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni doganali. Fil-każ tal-kunċett il-ġdid ta' importatur preżunt, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jiżguraw li, f'xi każijiet, fil-kuntest ta' bejgħ online minn barra l-Unjoni, operatur ekonomiku, għall-kuntrarju tal-konsumatur, jitqies bħala l-importatur u jassumi r-responsabbiltajiet korrispondenti ***li jiżguraw li l-operatur ekonomiku rilevanti jkun ikkonforma mal-leġiżlazzjoni applikabbli applikata mill-awtoritajiet doganali meta l-merkanzija tidħol jew toħroġ mit-territorju doganali tal-Unjoni u jipprovdi, iżomm u jagħmel disponibbli rekords xierqa ta' tali konformità***. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll definizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tad-dispożizzjonijiet tas-superviżjoni doganali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontrolli doganali.

Or. en

Emenda 139
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2013 jiġu adattati sabiex jittieħed kont tal-kamp ta' applikazzjoni usa' ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti f'atti oħrajn tal-Unjoni, u sabiex tiġi ċċarata terminoloġija li jkollha sens differenti f'setturi differenti. Jenħtieġ li fil-leġiżlazzjoni doganali jiġu inklużi definizzjonijiet ġodda sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' ċerti atturi	(7) Jenħtieġ li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2013 jiġu adattati sabiex jittieħed kont tal-kamp ta' applikazzjoni usa' ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti f'atti oħrajn tal-Unjoni, u sabiex tiġi ċċarata terminoloġija li jkollha sens differenti f'setturi differenti. Jenħtieġ li fil-leġiżlazzjoni doganali jiġu inklużi definizzjonijiet ġodda sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' ċerti atturi

fil-proċessi doganali. Fil-każ tal-importatur u tal-esportatur, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jagħmlu lil dawk il-persuni responsabbli għall-konformità tal-merkanzija, inkluż għal riskji finanzjarji u mhux finanzjarji, sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni doganali. Fil-każ tal-kunċett il-ġdid ta' importatur preżunt, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jiżguraw li, f'xi każijiet, fil-kuntest ta' bejgħ online minn barra l-Unjoni, operatur ekonomiku, għall-kuntrarju tal-konsumatur, jitqies bħala l-importatur u jassumi r-responsabbiltajiet korrispondenti. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll definizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tad-dispożizzjonijiet tas-superviżjoni doganali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontrolli doganali.

fil-proċessi doganali. Fil-każ tal-importatur u tal-esportatur, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jagħmlu lil dawk il-persuni responsabbli għall-konformità tal-merkanzija, inkluż għal riskji finanzjarji u mhux finanzjarji, sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni doganali. Fil-każ tal-kunċett il-ġdid ta' importatur preżunt, ***applikat għall-bejjiegħa u s-swieq kollha involuti f'bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li għandha tiġi importata minn pajjiżi terzi,*** jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jiżguraw li, f'xi każijiet, fil-kuntest ta' bejgħ online minn barra l-Unjoni, operatur ekonomiku, għall-kuntrarju tal-konsumatur, jitqies bħala l-importatur u jassumi r-responsabbiltajiet korrispondenti. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll definizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tad-dispożizzjonijiet tas-superviżjoni doganali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontrolli doganali.

Or. en

Emenda 140
Ivan Štefanec

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2013 jiġu adattati sabiex jittieħed kont tal-kamp ta' applikazzjoni usa' ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti f'atti oħrajn tal-Unjoni, u sabiex tiġi ċċarata terminoloġija li jkollha sens differenti f'setturi differenti. Jenħtieġ li fil-leġiżlazzjoni doganali jiġu inklużi definizzjonijiet ġodda sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' ċerti atturi fil-proċessi doganali. Fil-każ tal-importatur u tal-esportatur, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jagħmlu lil dawk il-persuni responsabbli għall-konformità tal-	(7) Jenħtieġ li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2013 jiġu adattati sabiex jittieħed kont tal-kamp ta' applikazzjoni usa' ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti f'atti oħrajn tal-Unjoni, u sabiex tiġi ċċarata terminoloġija li jkollha sens differenti f'setturi differenti. Jenħtieġ li fil-leġiżlazzjoni doganali jiġu inklużi definizzjonijiet ġodda sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' ċerti atturi fil-proċessi doganali. Fil-każ tal-importatur u tal-esportatur, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jagħmlu lil dawk il-persuni responsabbli għall-konformità tal-

merkanzija, inkluż għal riskji finanzjarji u mhux finanzjarji, sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni doganali. Fil-każ tal-kunċett il-ġdid ta' importatur preżunt, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jiżguraw li, f'xi każijiet, fil-kuntest ta' bejgħ online minn barra l-Unjoni, operatur ekonomiku, għall-kuntrarju tal-konsumatur, jitqies bħala l-importatur u jassumi r-responsabbiltajiet korrispondenti. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll definizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tad-dispożizzjonijiet tas-superviżjoni doganali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontrolli doganali.	merkanzija, inkluż għal riskji finanzjarji u mhux finanzjarji, sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni doganali. Fil-każ tal-kunċett il-ġdid ta' importatur preżunt, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jiżguraw li, f'xi każijiet, fil-kuntest ta' bejgħ online minn barra l-Unjoni, operatur ekonomiku, għall-kuntrarju tal-konsumatur, jitqies bħala l-importatur u jassumi r-responsabbiltajiet ***finanzjarji*** korrispondenti ***u obbligi speċifiċi fl-ambitu tal-liġijiet dwar il-konformità tal-prodotti***. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll definizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tad-dispożizzjonijiet tas-superviżjoni doganali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontrolli doganali.
	Or. en

Emenda 141
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2013 jiġu adattati sabiex jittieħed kont tal-kamp ta' applikazzjoni usa' ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti f'atti oħrajn tal-Unjoni, u sabiex tiġi ċċarata terminoloġija li jkollha sens differenti f'setturi differenti. Jenħtieġ li fil-leġiżlazzjoni doganali jiġu inklużi definizzjonijiet ġodda sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' ċerti atturi fil-proċessi doganali. Fil-każ tal-importatur u tal-esportatur, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jagħmlu lil dawk il-persuni responsabbli għall-konformità tal-merkanzija, inkluż għal riskji finanzjarji u mhux finanzjarji, sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni doganali. Fil-każ tal-kunċett il-ġdid ta' importatur preżunt, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jiżguraw li, f'xi	(7) Jenħtieġ li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2013 jiġu adattati sabiex jittieħed kont tal-kamp ta' applikazzjoni usa' ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti f'atti oħrajn tal-Unjoni, u sabiex tiġi ċċarata terminoloġija li jkollha sens differenti f'setturi differenti. Jenħtieġ li fil-leġiżlazzjoni doganali jiġu inklużi definizzjonijiet ġodda sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' ċerti atturi fil-proċessi doganali. Fil-każ tal-importatur u tal-esportatur, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jagħmlu lil dawk il-persuni responsabbli ***għad-dwana*** għall-konformità tal-merkanzija, inkluż għal riskji finanzjarji u mhux finanzjarji, sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni doganali. Fil-każ tal-kunċett il-ġdid ta' importatur preżunt, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jiżguraw li, f'xi

każijiet, fil-kuntest ta' bejgħ online minn barra l-Unjoni, operatur ekonomiku, għall-kuntrarju tal-konsumatur, jitqies bħala l-importatur u jassumi r-responsabbiltajiet korrispondenti. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll definizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tad-dispożizzjonijiet tas-superviżjoni doganali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontrolli doganali.	każijiet, fil-kuntest ta' bejgħ online minn barra l-Unjoni, operatur ekonomiku, għall-kuntrarju tal-konsumatur, jitqies bħala l-importatur u jassumi r-responsabbiltajiet korrispondenti. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll definizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tad-dispożizzjonijiet tas-superviżjoni doganali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontrolli doganali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irridu niċċaraw li qed nitkellmu dwar ir-responsabbiltà lejn id-dwana, u mhux ir-responsabbiltà f'termini ta' biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni (ir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti (GSPR)).

Emenda 142
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2013 jiġu adattati sabiex jittieħed kont tal-kamp ta' applikazzjoni usa' ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti f'atti oħrajn tal-Unjoni, u sabiex tiġi ċċarata terminoloġija li jkollha sens differenti f'setturi differenti. Jenħtieġ li fil-leġiżlazzjoni doganali jiġu inklużi definizzjonijiet ġodda sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' ċerti atturi fil-proċessi doganali. Fil-każ tal-importatur u tal-esportatur, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jagħmlu lil dawk il-persuni responsabbli ***għall-konformità tal-merkanzija, inkluż għal riskji finanzjarji u mhux finanzjarji***, sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni doganali. Fil-każ tal-kunċett il-ġdid ta' importatur preżunt, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jiżguraw li, f'xi każijiet, fil-kuntest ta' bejgħ online minn	(7) Jenħtieġ li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2013 jiġu adattati sabiex jittieħed kont tal-kamp ta' applikazzjoni usa' ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti f'atti oħrajn tal-Unjoni, u sabiex tiġi ċċarata terminoloġija li jkollha sens differenti f'setturi differenti. Jenħtieġ li fil-leġiżlazzjoni doganali jiġu inklużi definizzjonijiet ġodda sabiex jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' ċerti atturi fil-proċessi doganali. Fil-każ tal-importatur u tal-esportatur, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jagħmlu lil dawk il-persuni responsabbli ***għar-riskji finanzjarji u soġġetti għar-responsabbiltajiet stabbiliti fil-liġijiet dwar il-konformità tal-prodott***, sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni doganali. Fil-każ tal-kunċett il-ġdid ta' importatur preżunt, jenħtieġ li definizzjonijiet ġodda jiżguraw li, f'xi każijiet, fil-kuntest ta'

barra l-Unjoni, operatur ekonomiku, għall-kuntrarju tal-konsumatur, jitqies bħala l-importatur u jassumi r-responsabbiltajiet korrispondenti. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll definizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tad-dispożizzjonijiet tas-superviżjoni doganali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontrolli doganali.	bejgħ online minn barra l-Unjoni, operatur ekonomiku, għall-kuntrarju tal-konsumatur, jitqies bħala l-importatur u jassumi r-responsabbiltajiet ***finanzjarji*** korrispondenti. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll definizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tad-dispożizzjonijiet tas-superviżjoni doganali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontrolli doganali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi proposti jagħmluha ċara li l-importaturi (preżunti) huma soġġetti għall-obbligi tal-konformità tal-prodott fl-ambitu tal-liġijiet eżistenti dwar il-konformità tal-prodotti aktar milli obbligi ġodda tal-konformità tal-prodott promulgati skont l-EUCR.

Emenda 143
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Lil hinn mir-rwol tradizzjonali tagħhom li jiġbru d-dazji doganali, il-VAT u s-sisa u li japplikaw il-leġiżlazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom ukoll rwol kritiku fl-infurzar ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u, meta applikabbli, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali oħra dwar kwistjonijiet doganali. Jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ta' din il-"leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali" sabiex jinbena qafas effettiv għar-regolamentazzjoni tal-applikazzjoni u tas-superviżjoni ta' dawn ir-rekwiżiti partikolari dwar il-merkanzija. Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu ġġustifikati minn raġunijiet ta', fost l-oħrajn, moralità pubblika, ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, il-protezzjoni ta saħħet u ħajjet il-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, il-ħarsien tal-ambjent, il-protezzjoni ta' wirt nazzjonali li	(8) Lil hinn mir-rwol tradizzjonali tagħhom li jiġbru d-dazji doganali, il-VAT u s-sisa u li japplikaw il-leġiżlazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom ukoll rwol kritiku fl-infurzar ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u, meta applikabbli, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali oħra dwar kwistjonijiet doganali. Jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ta' din il-"leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali" sabiex jinbena qafas effettiv għar-regolamentazzjoni tal-applikazzjoni u tas-superviżjoni ta' dawn ir-rekwiżiti partikolari dwar il-merkanzija. Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu ġġustifikati minn raġunijiet ta', fost l-oħrajn, moralità pubblika, ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, il-protezzjoni ta saħħet u ħajjet il-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, il-ħarsien tal-ambjent, il-protezzjoni ta' wirt nazzjonali li

għandu valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku u l-protezzjoni ta' proprjetà industrijali jew kummerċjali u ta' interessi pubbliċi oħrajn, inklużi kontrolli dwar il-prekursuri tad-droga, merkanzija li tiksrer ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u flus kontanti. Il-kunċett ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri ta' politika kummerċjali u miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tas-sajd, kif ukoll miżuri restrittivi adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 215 tat-TFUE.

għandu valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku u l-protezzjoni ta' proprjetà industrijali jew kummerċjali u ta' interessi pubbliċi oħrajn, inklużi kontrolli dwar il-prekursuri tad-droga, merkanzija li tiksrer ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u flus kontanti. Il-kunċett ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri ta' politika kummerċjali u miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tas-sajd, kif ukoll miżuri restrittivi adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 215 tat-TFUE. ***Id-diverġenzi fil-listi nazzjonali ta' projbizzjoni u restrizzjonijiet joħolqu diffikultajiet sinifikanti għall-entitajiet li jimportaw f'diversi Stati Membri. Sabiex jiġu ffaċilitati l-kummerċ u l-funzjonament tad-dwana, jenħtieġ li l-UE taħdem biex gradwalment tarmonizza l-listi nazzjonali ta' projbizzjonijiet u restrizzjonijiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu adottati definizzjonijiet armonizzati tat-termini legali użati fil-provvediment ta' projbizzjonijiet u restrizzjonijiet, sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti mill-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 144
Ivan Štefanec

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Lil hinn mir-rwol tradizzjonali tagħhom li jiġbru d-dazji doganali, il-VAT u s-sisa u li japplikaw il-leġiżlazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom ukoll rwol kritiku fl-infurzar ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u, meta applikabbli, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali oħra dwar kwistjonijiet doganali. Jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ta' din il-"leġiżlazzjoni oħra applikata mill-	(8) Lil hinn mir-rwol tradizzjonali tagħhom li jiġbru d-dazji doganali, il-VAT u s-sisa u li japplikaw il-leġiżlazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom ukoll rwol kritiku fl-infurzar ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u, meta applikabbli, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali oħra dwar kwistjonijiet doganali. Jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ta' din il-"leġiżlazzjoni oħra applikata mill-

awtoritajiet doganali” sabiex jinbena qafas effettiv għar-regolamentazzjoni tal-applikazzjoni u tas-superviżjoni ta’ dawn ir-rekwiżiti partikolari dwar il-merkanzija. Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu ġġustifikati minn raġunijiet ta’, fost l-oħrajn, moralità pubblika, ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, il-protezzjoni ta saħħet u ħajjet il-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, il-ħarsien tal-ambjent, il-protezzjoni ta’ wirt nazzjonali li għandu valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku u l-protezzjoni ta’ proprjetà industrijali jew kummerċjali u ta’ interessi pubbliċi oħrajn, inklużi kontrolli dwar il-prekursuri tad-droga, merkanzija li tiksrer ċerti drittijiet ta’ proprjetà intellettwali u flus kontanti. Il-kunċett ta’ leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri ta’ politika kummerċjali u miżuri ta’ konservazzjoni u ta’ ġestjoni tas-sajd, kif ukoll miżuri restrittivi adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 215 tat-TFUE.

awtoritajiet doganali” sabiex jinbena qafas effettiv għar-regolamentazzjoni tal-applikazzjoni u tas-superviżjoni ta’ dawn ir-rekwiżiti partikolari dwar il-merkanzija ***f’konformità mar-Regolament 2019/1020 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti, u fi ħdan il-kontrolli u l-proċeduri doganali speċifiċi stabbiliti skont dan ir-Regolament (li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni)***. Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu ġġustifikati minn raġunijiet ta’, fost l-oħrajn, moralità pubblika, ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, il-protezzjoni ta saħħet u ħajjet il-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, il-ħarsien tal-ambjent, il-protezzjoni ta’ wirt nazzjonali li għandu valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku u l-protezzjoni ta’ proprjetà industrijali jew kummerċjali u ta’ interessi pubbliċi oħrajn, inklużi kontrolli dwar il-prekursuri tad-droga, merkanzija li tiksrer ċerti drittijiet ta’ proprjetà intellettwali u flus kontanti. Il-kunċett ta’ leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri ta’ politika kummerċjali u miżuri ta’ konservazzjoni u ta’ ġestjoni tas-sajd, kif ukoll miżuri restrittivi adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 215 tat-TFUE.

Or. en

Emenda 145
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Lil hinn mir-rwol tradizzjonali tagħhom li jiġbru d-dazji doganali, il-VAT u s-sisa u li japplikaw il-leġiżlazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom ukoll rwol kritiku fl-infurzar ta’ leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u, meta applikabbli, ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali	(8) Lil hinn mir-rwol tradizzjonali tagħhom li jiġbru d-dazji doganali, il-VAT u s-sisa u li japplikaw il-leġiżlazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom ukoll rwol kritiku***, flimkien mal-Awtoritajiet tas-Sorveljanza tas-Suq,*** fl-infurzar ta’ leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u,

oħra dwar kwistjonijiet doganali. Jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ta' din il-"leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali" sabiex jinbena qafas effettiv għar-regolamentazzjoni tal-applikazzjoni u tas-superviżjoni ta' dawn ir-rekwiżiti partikolari dwar il-merkanzija. Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu ġġustifikati minn raġunijiet ta', fost l-oħrajn, moralità pubblika, ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, il-protezzjoni ta saħħet u ħajjet il-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, il-ħarsien tal-ambjent, il-protezzjoni ta' wirt nazzjonali li għandu valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku u l-protezzjoni ta' proprjetà industrijali jew kummerċjali u ta' interessi pubbliċi oħrajn, inklużi kontrolli dwar il-prekursuri tad-droga, merkanzija li tiksrer ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u flus kontanti. Il-kunċett ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri ta' politika kummerċjali u miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tas-sajd, kif ukoll miżuri restrittivi adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 215 tat-TFUE.	meta applikabbli, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali oħra dwar kwistjonijiet doganali. Jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ta' din il-"leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali" sabiex jinbena qafas effettiv għar-regolamentazzjoni tal-applikazzjoni u tas-superviżjoni ta' dawn ir-rekwiżiti partikolari dwar il-merkanzija ***f'konformità mar-Regolament 2019/1020 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti***. Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu ġġustifikati minn raġunijiet ta', fost l-oħrajn, moralità pubblika, ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, il-protezzjoni ta saħħet u ħajjet il-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, il-ħarsien tal-ambjent, il-protezzjoni ta' wirt nazzjonali li għandu valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku u l-protezzjoni ta' proprjetà industrijali jew kummerċjali u ta' interessi pubbliċi oħrajn, inklużi kontrolli dwar il-prekursuri tad-droga, merkanzija li tiksrer ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u flus kontanti. Il-kunċett ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri ta' politika kummerċjali u miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tas-sajd, kif ukoll miżuri restrittivi adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 215 tat-TFUE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li d-dwana għandha rwol kruċjali fl-infurzar tal-liġijiet dwar il-konformità tal-prodotti, ir-responsabbiltà primarja għal dan għandha tibqa' f'idejn l-Awtoritajiet tas-Sorveljanza tas-Suq (MSAs). L-emendi jirreferu wkoll għar-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq (MSR), li jiddeskrivi regoli dettaljati dwar kif id-dwana għandha tikkollabora mal-MSAs fiż-żamma tal-liġijiet dwar il-konformità tal-prodotti.

Emenda 146
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-konsegwenza tan-nuqqas ta' awtorità doganali li tieħu deċiżjoni mal-applikazzjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti jenħtieġ li tiġi ċċarata. Jenħtieġ li jiġi stabbilit ukoll il-prinċipju li, f'każ bħal dan, l-applikazzjoni titqies bħala soġġetta għal deċiżjoni negattiva u li l-applikant jista' jippreżenta appell, f'konformità mar-regola ġenerali dwar id-deċiżjonijiet doganali.	(10) Il-konsegwenza tan-nuqqas ta' awtorità doganali li tieħu deċiżjoni mal-applikazzjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti jenħtieġ li tiġi ċċarata. Jenħtieġ li jiġi stabbilit ukoll il-prinċipju li, f'każ bħal dan, l-applikazzjoni titqies bħala soġġetta għal deċiżjoni negattiva u li l-applikant jista' jippreżenta appell, f'konformità mar-regola ġenerali dwar id-deċiżjonijiet doganali. ***Sabiex jiġi żgurat li l-kummerċ ma jiġix ipparalizzat f'każ ta' falliment fuq skala kbira tas-sistemi elettroniċi ċentralizzati, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Aġenzija Doganali tal-UE jaħdmu mal-Istati Membri fuq proċeduri ta' riżerva.***

Or. en

Emenda 147
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-obbligi tal-importaturi preżunti, li huma differenti mill-obbligi applikabbli għall-[bqija tal-]importaturi, jenħtieġ li jiġu ċċarati wkoll. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi pprovdut li l-importatur preżunt jenħtieġ li jipprovdi lill-awtoritajiet doganali mhux biss id-data neċessarja għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija mibjugħa iżda wkoll l-informazzjoni li l-importatur preżunt jeħtieġlu jiġbor għall-finijiet tal-VAT. Din l-informazzjoni hija dettaljata fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011[43].	(14) L-obbligi tal-importaturi preżunti, li huma differenti mill-obbligi applikabbli għall-[bqija tal-]importaturi, jenħtieġ li jiġu ċċarati wkoll. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi ***ċċarat li l-importatur preżunt jinħoloq għall-fini ta' ġbir effettiv u effiċjenti tad-dazji doganali. L-importatur preżunt normalment ma jkunx fil-pussess tal-oġġetti u t-trasferiment tas-sjieda tal-oġġetti jseħħ bejn l-importatur u l-klijent. Konsegwentement, l-importatur preżunt spiss jiddependi fuq il-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-importaturi qabel jew mhux aktar tard miċ-check out biex ikun jista' jiżgura trattament korrett tad-dazji (obbligi ta' ħlas u rappurtar) tat-tranżazzjoni. Jenħtieġ ukoll li jiġi*** pprovdut li l-importatur preżunt jenħtieġ li jipprovdi lill-awtoritajiet doganali mhux

	biss id-data neċessarja għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija mibjugħa iżda wkoll l-informazzjoni li l-importatur preżunt jeħtieġlu jiġbor għall-finijiet tal-VAT. Din l-informazzjoni hija dettaljata fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011[43].
[43] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 077 23.3.2011, p. 1).	[43] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 077 23.3.2011, p. 1).

Or. en

Emenda 148
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-obbligi tal-importaturi preżunti, li huma differenti mill-obbligi applikabbli għall-[bqija tal-]importaturi, jenħtieġ li jiġu ċċarati wkoll. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi pprovdut li l-importatur preżunt jenħtieġ li jipprovdi lill-awtoritajiet doganali mhux biss id-data neċessarja għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija mibjugħa iżda wkoll l-informazzjoni li l-importatur preżunt jeħtieġlu jiġbor għall-finijiet tal-VAT. Din l-informazzjoni hija dettaljata fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011[43].	(14) L-obbligi tal-importaturi preżunti, li huma differenti mill-obbligi applikabbli għall-[bqija tal-]importaturi, jenħtieġ li jiġu ċċarati wkoll. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi pprovdut li l-importatur preżunt jenħtieġ li jipprovdi lill-awtoritajiet doganali mhux biss id-data neċessarja għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija mibjugħa iżda wkoll l-informazzjoni li l-importatur preżunt jeħtieġlu jiġbor għall-finijiet tal-VAT. Din l-informazzjoni hija dettaljata fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011[43]. ***Madankollu, l-importatur preżunt ma jistax ikun responsabbli għall-għoti ta' informazzjoni dwar il-konformità mhux fiskali.***

[43] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 077 23.3.2011, p. 1).

[43] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 077 23.3.2011, p. 1).

Or. en

Emenda 149
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-operaturi ekonomiċi li jissodisfaw ċerti kriterji u kundizzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala kummerċjanti konformi u affidabbli mill-awtoritajiet doganali jistgħu jingħataw l-istatus ta' AEO u, b'hekk, jibbenefikaw minn faċilitazzjonijiet fil-proċessi doganali. Filwaqt li jiġi żgurat li l-kummerċjanti li jittrattaw il-biċċa l-kbira tal-kummerċ tal-Unjoni jkunu affidabbli, l-iskema tal-AEO tbati minn ċerti dgħufijiet aċċennati fl-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u fis-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Sabiex jiġi indirizzat dak it-tħassib, b'mod partikolari dwar il-prattiki u l-isfidi nazzjonali diverġenti rigward il-monitoraġġ tal-konformità tal-AEO, jenħtieġ li r-regoli jiġu emendati sabiex jiġi introdott l-obbligu tal-awtoritajiet doganali li jimmonitorjaw il-konformità tal-anqas kull ***3 snin***.	(15) L-operaturi ekonomiċi li jissodisfaw ċerti kriterji u kundizzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala kummerċjanti konformi u affidabbli mill-awtoritajiet doganali jistgħu jingħataw l-istatus ta' AEO u, b'hekk, jibbenefikaw minn faċilitazzjonijiet fil-proċessi doganali. Filwaqt li jiġi żgurat li l-kummerċjanti li jittrattaw il-biċċa l-kbira tal-kummerċ tal-Unjoni jkunu affidabbli, l-iskema tal-AEO tbati minn ċerti dgħufijiet aċċennati fl-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u fis-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Sabiex jiġi indirizzat dak it-tħassib, b'mod partikolari dwar il-prattiki u l-isfidi nazzjonali diverġenti rigward il-monitoraġġ tal-konformità tal-AEO, jenħtieġ li r-regoli jiġu emendati sabiex jiġi introdott l-obbligu tal-awtoritajiet doganali li jimmonitorjaw il-konformità tal-anqas kull ***sentejn***.

Or. en

Emenda 150
Andreas Schwab

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Il-bidliet fil-proċessi doganali u l-mod kif joperaw l-awtoritajiet doganali jeħtieġu sħubija ġdida mal-operaturi ekonomiċi, jiġifieri*** l-iskema tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check). Il-kriterji u l-kundizzjonijiet sabiex wieħed isir operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) ***jenħtieġ li*** jibnu fuq il-kriterji tal-AEO ***iżda jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-kummerċjant jitqies trasparenti għall-awtoritajiet doganali. Għalhekk, jixraq li l-kummerċjanti ta' Fiduċja u ta' Verifika jintalbu*** jagħtu lill-awtoritajiet doganali aċċess għas-sistemi elettroniċi tagħhom fil-waqt li jżommu rekord tal-konformità tagħhom u tal-moviment tal-merkanzija tagħhom. Jenħtieġ li t-trasparenza tkun akkumpanjata minn ċerti benefiċċji, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-merkanzija tiġi rrilaxxata f'isem id-dwana mingħajr in-neċessità ta' intervent attiv tagħha, ħlief meta tkun meħtieġa approvazzjoni ta' qabel ir-rilaxx minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali u li jiġi differit il-ħlas tad-dejn doganali. ***Peress li dan il-mod ta' ħidma jenħtieġ li jissostitwixxi b'mod progressiv dak ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet doganali, jixraq li jiġi stabbilit l-obbligu tal-awtoritajiet doganali li jivvalutaw mill-ġdid l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-AEO għas-simplifikazzjonijiet doganali sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni***.	(16) ***Sabiex jiġi permess li l-kummerċjanti affidabbli b'mod speċjali, jibbenefikaw minn saħansitra aktar faċilitazzjonijiet, se tiġi stabbilita*** l-iskema tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check). Il-kriterji u l-kundizzjonijiet sabiex wieħed isir operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jibnu fuq il-kriterji tal-AEO***, iżda jeħtieġu żieda fl-isforzi ta' trasparenza bħal li*** jagħtu lill-awtoritajiet doganali aċċess għas-sistemi elettroniċi tagħhom fil-waqt li jżommu rekord tal-konformità tagħhom u tal-moviment tal-merkanzija tagħhom. Jenħtieġ li t-trasparenza tkun akkumpanjata minn ċerti benefiċċji, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-merkanzija tiġi rrilaxxata f'isem id-dwana mingħajr in-neċessità ta' intervent attiv tagħha, ħlief meta tkun meħtieġa approvazzjoni ta' qabel ir-rilaxx minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali u li jiġi differit il-ħlas tad-dejn doganali. ***L-iskema tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jenħtieġ li teżisti flimkien mal-AEO***.

Or. en

Emenda 151
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-bidliet fil-proċessi doganali u l-mod kif joperaw l-awtoritajiet doganali jeħtieġu sħubija ġdida mal-operaturi ekonomiċi, jiġifieri l-iskema tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check). Il-kriterji u l-kundizzjonijiet sabiex wieħed isir operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jenħtieġ li jibnu fuq il-kriterji tal-AEO iżda jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-kummerċjant jitqies trasparenti għall-awtoritajiet doganali. Għalhekk, jixraq li l-kummerċjanti ta' Fiduċja u ta' Verifika jintalbu jagħtu lill-awtoritajiet doganali aċċess ***għas-sistemi*** elettroniċi tagħhom filwaqt li jżommu rekord tal-konformità tagħhom u tal-moviment tal-merkanzija tagħhom. Jenħtieġ li t-trasparenza tkun akkumpanjata minn ċerti benefiċċji, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-merkanzija tiġi rrilaxxata f'isem id-dwana mingħajr in-neċessità ta' intervent attiv tagħha, ħlief meta tkun meħtieġa approvazzjoni ta' qabel ir-rilaxx minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali u li jiġi differit il-ħlas tad-dejn doganali. ***Peress li dan il-mod ta' ħidma jenħtieġ li jissostitwixxi b'mod progressiv dak ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet doganali, jixraq li jiġi stabbilit l-obbligu tal-awtoritajiet doganali li jivvalutaw mill-ġdid l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-AEO għas-simplifikazzjonijiet doganali sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.***	(16) Il-bidliet fil-proċessi doganali u l-mod kif joperaw l-awtoritajiet doganali jeħtieġu sħubija ġdida mal-operaturi ekonomiċi, jiġifieri l-iskema tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check). Il-kriterji u l-kundizzjonijiet sabiex wieħed isir operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jenħtieġ li jibnu fuq il-kriterji tal-AEO iżda jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-kummerċjant jitqies trasparenti għall-awtoritajiet doganali. Għalhekk, jixraq li l-kummerċjanti ta' Fiduċja u ta' Verifika jintalbu jagħtu lill-awtoritajiet doganali aċċess ***f'ħin reali għal data rilevanti fis-sistemi*** elettroniċi tagħhom filwaqt li jżommu rekord tal-konformità tagħhom u tal-moviment tal-merkanzija tagħhom. ***Għall-operaturi ekonomiċi żgħar u ta' daqs medju li lesti jiksbu l-istatus ta' Fiduċja u Verifika iżda li għalihom it-trażmissjoni ta' data f'ħin reali tista' tkun rekwiżit sproporzjonat, il-preżenza ta' Passaport Diġitali tal-Prodotti li jkun fih l-informazzjoni kollha dwar il-konformità ta' prodott tista' tintuża wkoll biex tintwera t-trasparenza.*** Jenħtieġ li t-trasparenza tkun akkumpanjata minn ċerti benefiċċji, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-merkanzija tiġi rrilaxxata f'isem id-dwana mingħajr in-neċessità ta' intervent attiv tagħha, ħlief meta tkun meħtieġa approvazzjoni ta' qabel ir-rilaxx minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali u li jiġi differit il-ħlas tad-dejn doganali.

Or. en

Emenda 152
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-bidliet fil-proċessi doganali jeħtieġu wkoll kjarifika tar-rwol tar-rappreżentanti doganali. Kemm ir-rappreżentanza diretta kif ukoll dik indiretta jenħtieġ li jibqgħu possibbli iżda jenħtieġ li jiġi ċċarat li r-rappreżentant indirett ta' importatur jew ta' esportatur jassumi l-obbligi kollha tal-importaturi jew tal-esportaturi, mhux biss l-obbligu li jitħallas jew jiġi ggarantit id-dejn doganali iżda wkoll ir-rispett ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali. Għal dik ir-raġuni, ir-rappreżentanti doganali jeħtiġilhom ikunu residenti fit-territorju doganali tal-Unjoni fejn jirrappreżentaw importaturi jew esportaturi, sabiex tiġi żgurata responsabbiltà xierqa għall-aspetti finanzjarji u mhux finanzjarji. Għalhekk, l-użu ta' rappreżentant doganali indirett stabbilit fl-Unjoni huwa alternattiva disponibbli u proporzjonata għall-importaturi u għall-esportaturi li ma għandhomx preżenza kummerċjali fl-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti doganali stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jkomplu jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-Unjoni fejn jirrappreżentaw persuni li ma humiex meħtieġa li jkunu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.	(17) Il-bidliet fil-proċessi doganali jeħtieġu wkoll kjarifika tar-rwol tar-rappreżentanti doganali. Kemm ir-rappreżentanza diretta kif ukoll dik indiretta jenħtieġ li jibqgħu possibbli iżda jenħtieġ li jiġi ċċarat li r-rappreżentant indirett ta' importatur jew ta' esportatur jassumi l-obbligi kollha tal-importaturi jew tal-esportaturi, mhux biss l-obbligu li jitħallas jew jiġi ggarantit id-dejn doganali iżda wkoll ir-rispett ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali. Għal dik ir-raġuni, ir-rappreżentanti doganali jeħtiġilhom ikunu residenti fit-territorju doganali tal-Unjoni fejn jirrappreżentaw importaturi jew esportaturi, sabiex tiġi żgurata responsabbiltà xierqa għall-aspetti finanzjarji u mhux finanzjarji. Għalhekk, l-użu ta' rappreżentant doganali indirett stabbilit fl-Unjoni huwa alternattiva disponibbli u proporzjonata għall-importaturi u għall-esportaturi li ma għandhomx preżenza kummerċjali fl-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti doganali stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jkomplu jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-Unjoni fejn jirrappreżentaw persuni li ma humiex meħtieġa li jkunu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni. ***L-identifikazzjoni ta' rappreżentanti doganali affidabbli hija sfida għall-operaturi ekonomiċi, speċjalment l-SMEs. Biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, huwa xieraq li l-Kummissjoni u l-Awtorità Doganali tal-UE joħolqu u jżommu reġistru volontarju ta' rappreżentanti doganali b'esperjenza li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa. Reġistru bħal dan jikkomplementa dawk eżistenti miżmuma minn xi Stati Membri.***

Or. en

Emenda 153
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tippermetti l-iskambju ta' data ma' sistemi oħrajn, ma' pjattaformi, jew ma' ambjenti bl-għan li tiżdied il-kwalità tad-data użata mid-dwana fit-twettiq tal-kompiti tagħha, kif ukoll għall-kondiviżjoni tad-data doganali rilevanti ma' awtoritajiet oħrajn, bl-għan li tiżdied l-effettività tal-kontrolli fis-suq intern. ***F'konformità mal-approċċ stabbilit fir-Regolament (UE) .../… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45]u fil-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà[46], il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE għandha trawwem l-interoperabbiltà transfruntiera u transsettorjali fl-Ewropa.*** Jenħtieġ li ***tisfrutta l-potenzjal tas-sorsi eżistenti ta' informazzjoni dwar ir-riskju disponibbli fil-livell tal-Unjoni, bħas-sistemi ta' twissija rapida għall-ikel u l-għalf (RASFF) u għall-prodotti mhux tal-ikel (Gate tas-Sikurezza), is-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS), u l-Portal tal-Infurzar tal-PI. Jenħtieġ li ssostni l-iżvilupp ta' kooperazzjoni strateġika u operazzjonali, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà, bejn id-dwana u awtoritajiet, korpi u*** servizzi ***oħrajn, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE għandha tipprovdi firxa wiesgħa ta' analitika avvanzata tad-data, inkluż ukoll permezz tal-użu tal-intelliġenza artifiċjali. Jenħtieġ li dik l-analiżi tad-data tkun faċilitatur għall-analiżi tar-riskju, għall-analiżi ekonomika, u għall-analiżi tat-tbassir sabiex jiġu antiċipati r-riskji possibbli bil-kunsinni li jaslu fl-Unjoni jew li jiċċaqilqu minnha. Sabiex tiġi żgurata superviżjoni aħjar tal-flussi tal-kummerċ u mod simplifikat ta' kollaborazzjoni ma' awtoritajiet minbarra d-dwana, il-Pjattaforma*** tad-Data Doganali tal-UE	(20) Jenħtieġ li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tippermetti l-iskambju ta' data ma' sistemi oħrajn, ma' pjattaformi, jew ma' ambjenti bl-għan li tiżdied il-kwalità tad-data użata mid-dwana fit-twettiq tal-kompiti tagħha, kif ukoll għall-kondiviżjoni tad-data doganali rilevanti ma' awtoritajiet oħrajn, bl-għan li tiżdied l-effettività tal-kontrolli fis-suq intern. Jenħtieġ li ***d-data doganali rilevanti tinvolvi ġbir ta' data primarja fil-mira mid-detenturi tad-data li għandhom kontroll fuq l-informazzjoni li tista' tintuża biex tivvalida dikjarazzjonijiet (manifatturi, spedituri, aġenti, pjattaformi ta' kummerċ elettroniku u fornituri ta'*** servizzi ***ta' pagament). Din id-data se tappoġġa l-prestazzjoni ta' analiżi tar-riskju robusta permessa mill-kapaċitajiet tal-Pjattaforma*** tad-Data Doganali tal-UE ***kif definit fl-Artikolu 29(1)(d)***.

għandha tkun kapaċi tagħmel użu mill-qafas ta' kollaborazzjoni tas-Sistema ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u, meta dak il-qafas ma jkunx jista' jintuża, toffri lil dawk l-awtoritajiet servizz speċifiku li permezz ta' dan ikunu jistgħu jiksbu d-data rilevanti, jipprovdu u jikkondividu l-informazzjoni mal-awtoritajiet doganali u jiżguraw li r-rekwiżiti settorjali jiġu ssodisfati. Dan ikun neċessarju f'każ li l-awtoritajiet l-oħrajn ma jkollhomx sistema elettronika li tista' tiġi federata mal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

---

[45] [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM/2022/720 final – 2022/0379 (COD) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU f'din in-nota f'qiegħ il-paġna.] Ir-Regolament (UE) ../…. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni (l-Att dwar l-Ewropa Interoperabbli) [COM/2022/720 final – 2022/0379 (COD)] (ĠU L ..,…..2023, p. .).

[46] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni (COM/2017/0134 final).

Or. en

Emenda 154
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(20a) Sabiex tittejjeb it-trasparenza tal-ktajjen tal-provvista tal-UE, jenħtieġ li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tippermetti lill-partijiet, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, it-trade unions, l-akkademiċi u l-ġurnalisti, soġġett għal ġustifikazzjoni xierqa u fuq talba magħmula għal raġunijiet ta' interess pubbliku, jaċċessaw data doganali mhux personali miġbura minn partijiet li jinnegozjaw fi prodotti jew merkanzija importati fl-UE.

Or. en

Emenda 155
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Id-data sottomessa fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE hija fil-biċċa l-kbira data mhux personali sottomessa mill-operaturi ekonomiċi tal-merkanzija li jkunu qegħdin jinnegozjaw. Madankollu, id-data tinkludi wkoll data personali, b'mod partikolari l-ismijiet ta' individwi li jaġixxu għal operatur ekonomiku jew awtorità. Sabiex jiġi żgurat li d-data personali u l-informazzjoni kummerċjali jkunu protetti ***bl-istess mod***, jixraq li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' aċċess, regoli għall-kunfidenzjalità u kundizzjonijiet għall-użu tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi stabbilit liema entitajiet jistgħu jaċċessaw jew jipproċessaw id-data maħżuna jew inkella disponibbli fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, minbarra l-persuni, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet doganali u l-Awtorità Doganali tal-UE, l-ibbilanċjar tal-ħtiġijiet ta' dawn l-entitajiet ***mal-ħtieġa*** li jiġi żgurat li d-data personali u kunfidenzjali miġbura għal skopijiet	(23) Id-data sottomessa fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE hija fil-biċċa l-kbira data mhux personali sottomessa mill-operaturi ekonomiċi tal-merkanzija li jkunu qegħdin jinnegozjaw. Madankollu, id-data tinkludi wkoll data personali, b'mod partikolari l-ismijiet ta' individwi li jaġixxu għal operatur ekonomiku jew awtorità. Sabiex jiġi żgurat li d-data personali u l-informazzjoni kummerċjali ***sensittiva*** jkunu protetti, jixraq li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' aċċess, regoli għall-kunfidenzjalità u kundizzjonijiet għall-użu tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. ***Mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, jenħtieġ li dawk ir-regoli ma jipprevjenux id-divulgazzjoni ta' data mhux personali wara l-aċċess għal talbiet għal informazzjoni.*** B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi stabbilit liema entitajiet jistgħu jaċċessaw jew jipproċessaw id-data maħżuna jew inkella disponibbli fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE,

doganali tintuża għal skopijiet addizzjonali ***biss sal-minimu neċessarju***.	minbarra l-persuni, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet doganali u l-Awtorità Doganali tal-UE, l-ibbilanċjar tal-ħtiġijiet ta' dawn l-entitajiet***, l-interess ġenerali u l-ħtieġa*** li jiġi żgurat li d-data personali u kunfidenzjali miġbura għal skopijiet doganali tintuża għal skopijiet addizzjonali ***b'mod proporzjonat, u konsistentement mar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/943***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza mal-GDPR għad-data personali u s-sigrieti kummerċjali għal data mhux personali.

Emenda 156
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Li jiġi żgurat li l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ("OLAF") ikun jista' jeżerċita s-setgħat ta' investigazzjoni tiegħu fir-rigward ta' attivitajiet frawdolenti li qed jaffettwaw l-interessi tal-Unjoni, jixraq li jkollha aċċess għad-data mill-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE li jkun simili ħafna għall-aċċess mill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-OLAF ikun intitolat jipproċessa d-data f'konformità mal-kundizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47]u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97[48]. Sabiex jiġi żgurat li l-UPPE jkun jista' jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu dwar kwistjonijiet relatati mad-dwana, jenħtieġ li ***jkun intitolat jitlob*** aċċess għad-data fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. Sabiex jiġu ppreservati l-funzjonijiet li	(24) Li jiġi żgurat li l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ("OLAF") ikun jista' jeżerċita s-setgħat ta' investigazzjoni tiegħu fir-rigward ta' attivitajiet frawdolenti li qed jaffettwaw l-interessi tal-Unjoni, jixraq li jkollha aċċess għad-data mill-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE li jkun simili ħafna għall-aċċess mill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-OLAF ikun intitolat jipproċessa d-data f'konformità mal-kundizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97[48]. Sabiex jiġi żgurat li l-UPPE jkun jista' jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu dwar kwistjonijiet relatati mad-dwana, jenħtieġ li ***jkollu*** aċċess għad-data fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. Sabiex jiġu ppreservati l-funzjonijiet li jitwettqu fis-

jitwettqu fis-sistemi tal-IT nazzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jew jiksbu l-possibbiltà li jipproċessaw id-data direttament fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE jew inkella li jieħdu d-data mil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u jipproċessawha b'mezzi differenti. Bħala tali, jenħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli għas-sikurezza alimentari f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49]u l-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tas-suq f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020 jiġu pprovduti bis-servizzi u bl-għodod it-tajbin fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE biex ikunu jistgħu jużaw id-data doganali rilevanti sabiex jikkontribwixxu għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali sabiex jimminimizzaw ir-riskji li prodotti mhux konformi jidħlu fl-Unjoni. Jixraq li l-Europol ikollha aċċess fuq talba għal data fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE sabiex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha kif speċifikati fir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Il-korpi u l-awtoritajiet l-oħrajn kollha tal-Unjoni u dawk nazzjonali, inkluża l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), jenħtieġ li jkollhom aċċess għal data mhux personali li tinsab fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

sistemi tal-IT nazzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jew jiksbu l-possibbiltà li jipproċessaw id-data direttament fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE jew inkella li jieħdu d-data mil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u jipproċessawha b'mezzi differenti. Bħala tali, jenħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli għas-sikurezza alimentari f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49] u l-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tas-suq f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020 jiġu pprovduti bis-servizzi u bl-għodod it-tajbin fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE biex ikunu jistgħu jużaw id-data doganali rilevanti sabiex jikkontribwixxu għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali sabiex jimminimizzaw ir-riskji li prodotti mhux konformi jidħlu fl-Unjoni. Jixraq li l-Europol ikollha aċċess fuq talba għal data fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE sabiex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha kif speċifikati fir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Il-korpi u l-awtoritajiet l-oħrajn kollha tal-Unjoni u dawk nazzjonali, inkluża l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), jenħtieġ li jkollhom aċċess għal data mhux personali li tinsab fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

---

[47] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[48] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru

[47] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[48] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE)

515/97 tat-13 ta’ Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

[49] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta’ regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)(ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

[50] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Nru 515/97 tat-13 ta’ Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

[49] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta’ regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)(ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

[50] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Or. en

Emenda 157
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Li jiġi żgurat li l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ("OLAF") ikun jista' jeżerċita s-setgħat ta' investigazzjoni tiegħu fir-rigward ta' attivitajiet frawdolenti li qed jaffettwaw l-interessi tal-Unjoni, jixraq li jkollha aċċess għad-data mill-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE li jkun simili ħafna għall-aċċess mill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-OLAF ikun intitolat jipproċessa d-data f'konformità mal-kundizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inklużi r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47]u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97[48]. Sabiex jiġi żgurat li l-UPPE jkun jista' jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu ***dwar kwistjonijiet relatati mad-dwana***, jenħtieġ li jkun intitolat ***jitlob aċċess għad-data*** fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. Sabiex jiġu ppreservati l-funzjonijiet li jitwettqu fis-sistemi tal-IT nazzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jew jiksbu l-possibbiltà li jipproċessaw id-data direttament fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE jew inkella li jieħdu d-data mil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u jipproċessawha b'mezzi differenti. Bħala tali, jenħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli għas-sikurezza alimentari f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49]u l-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tas-suq f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020 jiġu pprovduti bis-servizzi u bl-għodod it-tajbin fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE biex ikunu jistgħu jużaw id-data doganali rilevanti sabiex jikkontribwixxu għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-	(24) Li jiġi żgurat li l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ("OLAF") ikun jista' jeżerċita s-setgħat ta' investigazzjoni tiegħu fir-rigward ta' attivitajiet frawdolenti li qed jaffettwaw l-interessi tal-Unjoni, jixraq li jkollha aċċess għad-data mill-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE li jkun simili ħafna għall-aċċess mill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-OLAF ikun intitolat jipproċessa d-data f'konformità mal-kundizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inklużi r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97[48]. Sabiex jiġi żgurat li l-UPPE jkun jista' jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu, jenħtieġ li jkun intitolat ***jaċċessa d-data*** fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ***u li jkun jista' jipproċessaha***. Sabiex jiġu ppreservati l-funzjonijiet li jitwettqu fis-sistemi tal-IT nazzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jew jiksbu l-possibbiltà li jipproċessaw id-data direttament fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE jew inkella li jieħdu d-data mil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u jipproċessawha b'mezzi differenti. Bħala tali, jenħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli għas-sikurezza alimentari f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49] u l-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tas-suq f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020 jiġu pprovduti bis-servizzi u bl-għodod it-tajbin fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE biex ikunu jistgħu jużaw id-data doganali rilevanti sabiex jikkontribwixxu għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u għall-kooperazzjoni mal-

Unjoni u għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali sabiex jimminimizzaw ir-riskji li prodotti mhux konformi jidħlu fl-Unjoni. Jixraq li l-Europol ikollha aċċess fuq talba għal data fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE sabiex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha kif speċifikati fir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Il-korpi u l-awtoritajiet l-oħrajn kollha tal-Unjoni u dawk nazzjonali, inkluża l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), jenħtieġ li jkollhom aċċess għal data mhux personali li tinsab fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

awtoritajiet doganali sabiex jimminimizzaw ir-riskji li prodotti mhux konformi jidħlu fl-Unjoni. Jixraq li l-Europol ikollha aċċess fuq talba għal data fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE sabiex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha kif speċifikati fir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Il-korpi u l-awtoritajiet l-oħrajn kollha tal-Unjoni u dawk nazzjonali, inkluża l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), jenħtieġ li jkollhom aċċess għal data mhux personali li tinsab fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

---

[47] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[48] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

[49] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE)

---

[47] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[48] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

[49] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE)

2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)(ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).	2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)(ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).
[50] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).	[50] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Or. en

Emenda 158
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-modalitajiet għall-aċċess ta' dawn l-awtoritajiet kollha fir-regoli ta' implimentazzjoni, wara li tivvaluta s-salvagwardji eżistenti li kull awtorità jew kategorija ta' awtoritajiet għandha fis-seħħ sabiex tiżgura t-trattament korrett ta' data personali u kummerċjalment sensittiva.	(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-modalitajiet għall-aċċess ta' dawn l-awtoritajiet kollha fir-regoli ta' implimentazzjoni, wara li tivvaluta s-salvagwardji eżistenti li kull awtorità jew kategorija ta' awtoritajiet għandha fis-seħħ sabiex tiżgura t-trattament korrett ta' data personali u kummerċjalment sensittiva***, filwaqt li tqis li l-pubblikazzjoni ta' data doganali mhux sensittiva tista' tkun ta' interess ġenerali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ġuriżdizzjoni ewlenija oħra, inkluża l-Istati Uniti, tippubblika data doganali. Il-pubblikazzjoni ta' subsett ta' data doganali mhux personali tal-UE tikkontribwixxi għat-trasparenza tal-katina tal-valur, u tippermetti ħidma investigattiva minn atturi mhux statali bħall-OSĊ, it-trade unions, il-ġurnalisti, l-akkademiċi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

Emenda 159
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-modalitajiet għall-aċċess ta' dawn l-awtoritajiet kollha fir-regoli ta' implimentazzjoni, wara li tivvaluta s-salvagwardji eżistenti li kull awtorità jew kategorija ta' awtoritajiet għandha fis-seħħ sabiex tiżgura t-trattament korrett ta' data personali u kummerċjalment sensittiva.	(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-modalitajiet ***għat-talba u*** għall-aċċess ta' dawn l-awtoritajiet kollha fir-regoli ta' implimentazzjoni, wara li tivvaluta s-salvagwardji eżistenti li kull awtorità jew kategorija ta' awtoritajiet għandha fis-seħħ sabiex tiżgura t-trattament korrett ta' data personali u kummerċjalment sensittiva.

Or. en

Emenda 160
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Huwa xieraq li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE taħżen data personali għal perjodu massimu ta' 10 snin. Dan il-perjodu huwa ġġustifikat fid-dawl tal-possibbiltà li l-awtoritajiet doganali jinnotifikaw id-dejn doganali sa 10 snin wara li jkunu rċevew l-informazzjoni neċessarja dwar konnseja, kif ukoll sabiex jiżguraw li l-Kummissjoni, l-Awtorità Doganali tal-UE, l-OLAF, id-dwana u l-	(27) Huwa xieraq li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE taħżen data personali għal perjodu massimu ta' 10 snin. Dan il-perjodu huwa ġġustifikat fid-dawl tal-possibbiltà li l-awtoritajiet doganali jinnotifikaw id-dejn doganali sa 10 snin wara li jkunu rċevew l-informazzjoni neċessarja dwar konnseja, kif ukoll sabiex jiżguraw li l-Kummissjoni, l-Awtorità Doganali tal-UE, l-OLAF, ***l-UPPE,*** id-

awtoritajiet minbarra d-dwana jkunu jistgħu jivverifikaw l-informazzjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE mal-informazzjoni maħżuna f'sistemi oħrajn u skambjata magħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan il-perjodu ta' żmien jiġi allinjat mal-perjodu ta' ħżin meħtieġ minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali, meta tali leġiżlazzjoni tkun rilevanti għall-kontrolli doganali. Xieraq ukoll li kull meta tkun meħtieġa data personali għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi, ta' investigazzjonijiet u matul il-kontrolli ta' wara l-awtorizzazzjoni, il-perjodu taż-żamma jiġi sospiż sabiex jiġi evitat li d-data personali titħassar u ma tkunx tista' tintuża għal dawk l-għanijiet.

dwana u l-awtoritajiet minbarra d-dwana jkunu jistgħu jivverifikaw l-informazzjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE mal-informazzjoni maħżuna f'sistemi oħrajn u skambjata magħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan il-perjodu ta' żmien jiġi allinjat mal-perjodu ta' ħżin meħtieġ minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali, meta tali leġiżlazzjoni tkun rilevanti għall-kontrolli doganali. Xieraq ukoll li kull meta tkun meħtieġa data personali għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi, ta' investigazzjonijiet u matul il-kontrolli ta' wara l-awtorizzazzjoni, il-perjodu taż-żamma jiġi sospiż sabiex jiġi evitat li d-data personali titħassar u ma tkunx tista' tintuża għal dawk l-għanijiet.

Or. en

Emenda 161
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Huwa xieraq li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE taħżen data personali għal perjodu massimu ta' 10 snin. Dan il-perjodu huwa ġġustifikat fid-dawl tal-possibbiltà li l-awtoritajiet doganali jinnotifikaw id-dejn doganali sa 10 snin wara li jkunu rċevew l-informazzjoni neċessarja dwar konnseja, kif ukoll sabiex jiżguraw li l-Kummissjoni, l-Awtorità Doganali tal-UE, l-OLAF, id-dwana u l-awtoritajiet minbarra d-dwana jkunu jistgħu jivverifikaw l-informazzjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE mal-informazzjoni maħżuna f'sistemi oħrajn u skambjata magħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan il-perjodu ta' żmien jiġi allinjat mal-perjodu ta' ħżin meħtieġ minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali, meta tali	(27) Huwa xieraq li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE taħżen data personali għal perjodu massimu ta' 10 snin. Dan il-perjodu huwa ġġustifikat fid-dawl tal-possibbiltà li l-awtoritajiet doganali jinnotifikaw id-dejn doganali sa 10 snin wara li jkunu rċevew l-informazzjoni neċessarja dwar konnseja, kif ukoll sabiex jiżguraw li l-Kummissjoni, l-Awtorità Doganali tal-UE, l-OLAF, ***l-UPPE,*** id-dwana u l-awtoritajiet minbarra d-dwana jkunu jistgħu jivverifikaw l-informazzjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE mal-informazzjoni maħżuna f'sistemi oħrajn u skambjata magħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan il-perjodu ta' żmien jiġi allinjat mal-perjodu ta' ħżin meħtieġ minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali, meta tali

leġiżlazzjoni tkun rilevanti għall-kontrolli doganali. Xieraq ukoll li kull meta tkun meħtieġa data personali għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi, ta' investigazzjonijiet u matul il-kontrolli ta' wara l-awtorizzazzjoni, il-perjodu taż-żamma jiġi sospiż sabiex jiġi evitat li d-data personali titħassar u ma tkunx tista' tintuża għal dawk l-għanijiet.

leġiżlazzjoni tkun rilevanti għall-kontrolli doganali. Xieraq ukoll li kull meta tkun meħtieġa data personali għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi, ta' investigazzjonijiet u matul il-kontrolli ta' wara l-awtorizzazzjoni, il-perjodu taż-żamma jiġi sospiż sabiex jiġi evitat li d-data personali titħassar u ma tkunx tista' tintuża għal dawk l-għanijiet.

Or. en

Emenda 162
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fi [...]**.**	(30) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fi [...]***, filwaqt li fakkar b'mod espliċitu li l-kriterji tar-riskju li għandhom jintużaw biex jintgħażlu persuni permezz ta' pproċessar awtomatizzat, meta jirriżultaw f'deċiżjonijiet individwali, jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ċirkostanzi li huma affidabbli u marbuta direttament ma' fatturi oġġettivi; ma jinvolvux riskju dirett jew indirett ta' diskriminazzjoni, bħar-razza, l-oriġini etnika, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni politika, l-orjentazzjoni sesswali; u ma jkunux wesgħin iżżejjed***

Or. en

Emenda 163
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Livell ta' ġestjoni tar-riskju doganali fil-livell tal-Unjoni huwa fundamentali sabiex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata tal-kontrolli doganali fl-Istati Membri. Bħalissa hemm qafas komuni ta' ġestjoni tar-riskju li jinkludi l-possibbiltà li jiġu identifikati oqsma komuni ta' kontrolli ta' prijorità u kriterji u standards komuni tar-riskju fil-qasam tar-riskju finanzjarju għat-twettiq tal-kontrolli doganali, iżda dan għandu nuqqasijiet sinifikanti. Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' applikazzjoni armonizzata tal-kontrolli doganali u ta' ġestjoni armonizzata tar-riskju li jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji u mhux finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri, xieraq li jiġu rriveduti r-regoli sabiex jiġi stabbilit approċċ ta' ġestjoni tar-riskju aktar solidu li jindirizza kemm ir-riskji finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji. Dan jinkludi l-indirizzar tal-isfidi strutturali dwar il-ġestjoni tar-riskju tar-riskji finanzjarji identifikati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. B'mod partikolari, xieraq li jiġi deskritt liema attivitajiet huma inklużi fil-ġestjoni tar-riskju doganali, f'approċċ ċikliku. Huwa importanti wkoll li jiġu identifikati r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, tal-Awtorità Doganali tal-UE u tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Huwa essenzjali wkoll li jiġi previst li l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi oqsma komuni ta' kontrolli ta' prijorità u kriterji u standards komuni tar-riskju, u tkun tista' tidentifika oqsma speċifiċi fil-qasam ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali li jistħoqqilhom prijorità għall-ġestjoni tar-riskju komuni u għall-kontrolli, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sigurtà.	(31) Livell ta' ġestjoni tar-riskju doganali fil-livell tal-Unjoni huwa fundamentali sabiex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata tal-kontrolli doganali fl-Istati Membri. Bħalissa hemm qafas komuni ta' ġestjoni tar-riskju li jinkludi l-possibbiltà li jiġu identifikati oqsma komuni ta' kontrolli ta' prijorità u kriterji u standards komuni tar-riskju fil-qasam tar-riskju finanzjarju għat-twettiq tal-kontrolli doganali, iżda dan għandu nuqqasijiet sinifikanti. Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' applikazzjoni armonizzata tal-kontrolli doganali u ta' ġestjoni armonizzata tar-riskju li jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji u mhux finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri, xieraq li jiġu rriveduti r-regoli sabiex jiġi stabbilit approċċ ta' ġestjoni tar-riskju aktar solidu li jindirizza kemm ir-riskji finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji. Dan jinkludi l-indirizzar tal-isfidi strutturali dwar il-ġestjoni tar-riskju tar-riskji finanzjarji identifikati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. B'mod partikolari, xieraq li jiġi deskritt liema attivitajiet huma inklużi fil-ġestjoni tar-riskju doganali, f'approċċ ċikliku. Huwa importanti wkoll li jiġu identifikati r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, tal-Awtorità Doganali tal-UE u tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Huwa essenzjali wkoll li jiġi previst li l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi oqsma komuni ta' kontrolli ta' prijorità u kriterji u standards komuni tar-riskju, u tkun tista' tidentifika oqsma speċifiċi fil-qasam ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali li jistħoqqilhom prijorità għall-ġestjoni tar-riskju komuni u għall-kontrolli, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sigurtà. ***Dan jeħtieġ kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti li jinfurzaw leġiżlazzjoni oħra applikata mid-dwana, b'enfasi speċifika fuq il-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.***

Emenda 164
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Għalhekk, xieraq li jiġu introdotti attivitajiet u dispożizzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat il-ġbir fil-livell tal-Unjoni ta' data komprensiva rilevanti għall-ġestjoni tar-riskju inklużi r-riżultati u l-evalwazzjoni tal-kontrolli kollha. Dan jipprevedi analiżi tar-riskju komuni u l-kwistjoni ta' rakkomandazzjonijiet korrispondenti ta' kontroll tal-Unjoni għall-awtoritajiet doganali. Jenħtieġ li dawk ir-rakkomandazzjonijiet ta' kontroll jiġu implimentati, jew jingħataw raġunijiet għaliex ma ġewx applikati. Jenħtieġ li tiġi prevista wkoll il-possibbiltà li tinħareġ struzzjoni li l-merkanzija destinata għall-Unjoni ma titħallhiex titgħabba jew tiġi ttrasportata. Jenħtieġ li l-analiżi tar-riskji u tat-theddid fil-livell tal-Unjoni tkun ibbażata fuq data aġġornata b'mod kostanti fil-livell tal-Unjoni u jenħtieġ li din tidentifika l-miżuri u l-kontrolli li għandhom jitwettqu fil-punti ta' qsim tal-fruntiera tad-dħul u tal-ħruġ tat-territorju tal-Unjoni. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà b'mod partikolari, jenħtieġ li l-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni, meta possibbli, tikkontribwixxi għal analiżijiet strateġiċi u għal valutazzjonijiet tat-theddid imwettqin fil-livell tal-Unjoni u tibbenefika minnhom, inklużi dawk imwettqin mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) sabiex jikkontribwixxu għall-prevenzjoni effiċjenti u effettiva tal-kriminalità u l-	(32) Għalhekk, xieraq li jiġu introdotti attivitajiet u dispożizzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat il-ġbir fil-livell tal-Unjoni ta' data komprensiva rilevanti għall-ġestjoni tar-riskju inklużi r-riżultati u l-evalwazzjoni tal-kontrolli kollha. Dan jipprevedi analiżi tar-riskju komuni u l-kwistjoni ta' rakkomandazzjonijiet korrispondenti ta' kontroll tal-Unjoni għall-awtoritajiet doganali. Jenħtieġ li dawk ir-rakkomandazzjonijiet ta' kontroll jiġu implimentati, jew jingħataw raġunijiet għaliex ma ġewx applikati. ***F'konformità mal-prinċipju "konformità jew spjegazzjoni", dawn ir-rakkomandazzjonijiet ta' kontroll jenħtieġ li jiġu implimentati, jew jingħataw raġunijiet konvinċenti biex ma jiġux applikati. Jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas biex tingħata ċertezza dwar sitwazzjonijiet meta jkun permissibbli li wieħed jiddevja minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, pereżempju, meta jipprevalu prijoritajiet urġenti oħra jew ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi.*** Jenħtieġ li tiġi prevista wkoll il-possibbiltà li tinħareġ struzzjoni li l-merkanzija destinata għall-Unjoni ma titħallhiex titgħabba jew tiġi ttrasportata. Jenħtieġ li l-analiżi tar-riskji u tat-theddid fil-livell tal-Unjoni tkun ibbażata fuq data aġġornata b'mod kostanti fil-livell tal-Unjoni u jenħtieġ li din tidentifika l-miżuri u l-kontrolli li għandhom jitwettqu fil-punti ta' qsim tal-fruntiera tad-dħul u tal-ħruġ tat-territorju tal-Unjoni. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà b'mod partikolari,

ġlieda kontriha.

jenħtieġ li l-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni, meta possibbli, tikkontribwixxi għal analiżijiet strateġiċi u għal valutazzjonijiet tat-theddid imwettqin fil-livell tal-Unjoni u tibbenefika minnhom, inklużi dawk imwettqin mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) sabiex jikkontribwixxu għall-prevenzjoni effiċjenti u effettiva tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha.

Or. en

Emenda 165
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Għalhekk, xieraq li jiġu introdotti attivitajiet u dispożizzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat il-ġbir fil-livell tal-Unjoni ta' data komprensiva rilevanti għall-ġestjoni tar-riskju inklużi r-riżultati u l-evalwazzjoni tal-kontrolli kollha. Dan jipprevedi analiżi tar-riskju komuni u l-kwistjoni ta' rakkomandazzjonijiet korrispondenti ta' kontroll tal-Unjoni għall-awtoritajiet doganali. Jenħtieġ li dawk ir-rakkomandazzjonijiet ta' kontroll jiġu implimentati, jew jingħataw raġunijiet għaliex ma ġewx applikati. Jenħtieġ li tiġi prevista wkoll il-possibbiltà li tinħareġ struzzjoni li l-merkanzija destinata għall-Unjoni ma titħallhiex titgħabba jew tiġi ttrasportata. Jenħtieġ li l-analiżi tar-riskji u tat-theddid fil-livell tal-Unjoni tkun ibbażata fuq data aġġornata b'mod kostanti fil-livell tal-Unjoni u jenħtieġ li din tidentifika l-miżuri u l-kontrolli li għandhom jitwettqu fil-punti ta' qsim tal-fruntiera tad-dħul u tal-ħruġ tat-territorju tal-Unjoni. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni	(32) Għalhekk, xieraq li jiġu introdotti attivitajiet u dispożizzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat il-ġbir fil-livell tal-Unjoni ta' data komprensiva rilevanti għall-ġestjoni tar-riskju inklużi r-riżultati u l-evalwazzjoni tal-kontrolli kollha. Dan jipprevedi analiżi tar-riskju komuni u l-kwistjoni ta' rakkomandazzjonijiet korrispondenti ta' kontroll tal-Unjoni għall-awtoritajiet doganali. Jenħtieġ li dawk ir-rakkomandazzjonijiet ta' kontroll jiġu implimentati, jew jingħataw raġunijiet għaliex ma ġewx applikati. Jenħtieġ li tiġi prevista wkoll il-possibbiltà li tinħareġ struzzjoni li l-merkanzija destinata għall-Unjoni ma titħallhiex titgħabba jew tiġi ttrasportata. Jenħtieġ li l-analiżi tar-riskji u tat-theddid fil-livell tal-Unjoni tkun ibbażata fuq data aġġornata b'mod kostanti fil-livell tal-Unjoni u jenħtieġ li din tidentifika l-miżuri u l-kontrolli li għandhom jitwettqu fil-punti ta' qsim tal-fruntiera tad-dħul u tal-ħruġ tat-territorju tal-Unjoni. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni

mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà b'mod partikolari, jenħtieġ li l-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni, meta possibbli, tikkontribwixxi għal analiżijiet strateġiċi u għal valutazzjonijiet tat-theddid imwettqin fil-livell tal-Unjoni u tibbenefika minnhom, inkluż dawk imwettqin mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) sabiex jikkontribwixxu għall-prevenzjoni effiċjenti u effettiva tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha.	mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà b'mod partikolari, jenħtieġ li l-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni, meta possibbli, tikkontribwixxi għal analiżijiet strateġiċi u għal valutazzjonijiet tat-theddid imwettqin fil-livell tal-Unjoni u tibbenefika minnhom, inkluż dawk imwettqin mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) sabiex jikkontribwixxu għall-prevenzjoni effiċjenti u effettiva tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha. ***Ksur serju jew ripetut ta' leġiżlazzjonijiet oħra applikati mid-dwana u skoperti mid-dwana jew minn awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li jkollu impatt fuq il-profil tar-riskju tal-importaturi, tal-esportaturi jew tal-importaturi prežunti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħalissa din ir-relazzjoni bejn l-importazzjoni ta' prodotti mhux konformi u l-profil tar-riskju mhi spjegata mkien.

Emenda 166
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li l-merkanzija mhux tal-Unjoni li tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni titqies li tkun f'ħażna temporanja mill-mument li t-trasportatur jinnotifika l-wasla tagħha sat-tqegħid tagħha taħt proċedura doganali sakemm ma tkunx diġà tqiegħdet fi tranżitu. Sabiex tiġi żgurata superviżjoni doganali xierqa, jenħtieġ li din is-sitwazzjoni tkun limitata fiż-żmien. ***Jenħtieġ li ma ddumx aktar minn 10 ijiem, ħlief f'każijiet eċċezzjonali.***	(36) Jenħtieġ li l-merkanzija mhux tal-Unjoni li tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni titqies li tkun f'ħażna temporanja mill-mument li t-trasportatur jinnotifika l-wasla tagħha sat-tqegħid tagħha taħt proċedura doganali sakemm ma tkunx diġà tqiegħdet fi tranżitu. Sabiex tiġi żgurata superviżjoni doganali xierqa, jenħtieġ li din is-sitwazzjoni tkun limitata fiż-żmien. Jekk l-importatur ikollu bżonn jaħżen il-merkanzija għal perjodu itwal,

Jekk l-importatur ikollu bżonn jaħżen il-merkanzija għal perjodu itwal, jenħtieġ li l-merkanzija tkun f'maħżen doganali, fejn il-merkanzija tista' tinħażen mingħajr limitu ta' żmien. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għal postijiet ta' ħżin temporanju jiġu kkonvertiti f'awtorizzazzjonijiet ta' maħżen doganali jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti.	jenħtieġ li l-merkanzija tkun f'maħżen doganali, fejn il-merkanzija tista' tinħażen mingħajr limitu ta' żmien. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għal postijiet ta' ħżin temporanju jiġu kkonvertiti f'awtorizzazzjonijiet ta' maħżen doganali jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti.
	Or. en

Emenda 167
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Ladarba l-awtoritajiet doganali jkollhom l-informazzjoni neċessarja għall-proċedura rilevanti, fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, jenħtieġ li jiddeċiedu jekk għandhomx isiru aktar kontrolli fuq il-merkanzija, jirrilaxxawhiex, jirrifjutawhiex jew jissospendux ir-rilaxx tagħha jew iħallux iż-żmien jgħaddi sabiex il-merkanzija titqies rilaxxata. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jagħmlu dan f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, meta jkun neċessarju. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jirrifjutaw ir-rilaxx tal-merkanzija meta jkollhom evidenza li l-merkanzija ma tikkonformax mar-rekwiżiti legali applikabbli. Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom bżonn jikkonsultaw lil awtoritajiet oħrajn sabiex jiddeterminaw jekk il-merkanzija tikkonformax jew le, jenħtieġ li jissospendu r-rilaxx tal-anqas sakemm issir il-konsultazzjoni. F'dawn il-każijiet, id-deċiżjoni sussegwenti tal-awtoritajiet doganali dwar il-merkanzija jenħtieġ li tiddependi fuq it-tweġiba tal-awtoritajiet l-oħrajn. Sabiex jiġi evitat l-imblukkar kemm tal-kummerċjanti kif ukoll tal-awtoritajiet fil-każijiet li fihom il-	(38) Ladarba l-awtoritajiet doganali jkollhom l-informazzjoni neċessarja għall-proċedura rilevanti, fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, jenħtieġ li jiddeċiedu jekk għandhomx isiru aktar kontrolli fuq il-merkanzija, jirrilaxxawhiex, jirrifjutawhiex jew jissospendux ir-rilaxx tagħha jew iħallux iż-żmien jgħaddi sabiex il-merkanzija titqies rilaxxata. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jagħmlu dan f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, meta jkun neċessarju. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jirrifjutaw ir-rilaxx tal-merkanzija meta jkollhom evidenza li l-merkanzija ma tikkonformax mar-rekwiżiti legali applikabbli. Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom bżonn jikkonsultaw lil awtoritajiet oħrajn sabiex jiddeterminaw jekk il-merkanzija tikkonformax jew le, jenħtieġ li jissospendu r-rilaxx tal-anqas sakemm issir il-konsultazzjoni. F'dawn il-każijiet, id-deċiżjoni sussegwenti tal-awtoritajiet doganali dwar il-merkanzija jenħtieġ li tiddependi fuq it-tweġiba tal-awtoritajiet l-oħrajn. Sabiex jiġi evitat l-imblukkar kemm tal-kummerċjanti kif ukoll tal-awtoritajiet fil-każijiet li fihom il-

konklużjoni dwar il-konformità tkun teħtieġ xi żmien, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkollhom il-possibbiltà li jirrilaxxaw il-merkanzija bil-kundizzjoni li l-kummerċjant ikompli jinforma dwar il-post tal-merkanzija ***għal massimu ta' 15-il jum***. Fl-aħħar nett, sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-kummerċjanti li pprovdew l-informazzjoni fil-ħin mingħajr ma jobbligaw lill-awtoritajiet doganali jirreaġixxu għal kull kunsinna, jenħtieġ li l-merkanzija li ma tkunx intgħażlet għal kontroll wara perjodu ta' żmien raġonevoli titqies bħala rilaxxata. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun intitolata tiddefinixxi dan il-perjodu ta' żmien fir-regoli delegati, filwaqt li tadattaha, meta jkun neċessarju, għat-tip ta' traffiku jew għat-tip ta' punti ta' qsim tal-fruntiera.

konklużjoni dwar il-konformità tkun teħtieġ xi żmien, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkollhom il-possibbiltà li jirrilaxxaw il-merkanzija bil-kundizzjoni li l-kummerċjant ikompli jinforma dwar il-post tal-merkanzija. Fl-aħħar nett, sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-kummerċjanti li pprovdew l-informazzjoni fil-ħin mingħajr ma jobbligaw lill-awtoritajiet doganali jirreaġixxu għal kull kunsinna, jenħtieġ li l-merkanzija li ma tkunx intgħażlet għal kontroll wara perjodu ta' żmien raġonevoli titqies bħala rilaxxata. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun intitolata tiddefinixxi dan il-perjodu ta' żmien fir-regoli delegati, filwaqt li tadattaha, meta jkun neċessarju, għat-tip ta' traffiku jew għat-tip ta' punti ta' qsim tal-fruntiera.

Or. en

Emenda 168
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Sal-punt li l-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jipprovdu aċċess sħiħ doganali għas-sistemi, għar-rekords u għall-operazzjonijiet tagħhom u jitqiesu affidabbli, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrilaxxaw il-merkanzija tagħhom taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet doganali iżda mingħajr ma jistennew l-intervent tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jkunu jistgħu jirrilaxxaw merkanzija għal kwalunkwe proċedura ta' dħul mal-wasla fid-destinazzjoni finali tal-merkanzija jew għal kwalunkwe proċedura ta' ħruġ fil-post ta' konsenja tal-merkanzija. Peress li l-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati	(39) Sal-punt li l-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jipprovdu aċċess sħiħ doganali għas-sistemi, għar-rekords u għall-operazzjonijiet tagħhom u jitqiesu affidabbli, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrilaxxaw il-merkanzija tagħhom taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet doganali iżda mingħajr ma jistennew l-intervent tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jkunu jistgħu jirrilaxxaw merkanzija għal kwalunkwe proċedura ta' dħul mal-wasla fid-destinazzjoni finali tal-merkanzija jew għal kwalunkwe proċedura ta' ħruġ fil-post ta' konsenja tal-merkanzija. Peress li l-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati

(operaturi Trust and Check) jitqiesu trasparenti, il-wasla u/jew il-konsenja jenħtieġ li jiġu rreġistrati kif xieraq fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. Jenħtieġ li dawn l-operaturi jkunu obbligati jinformaw lill-awtoritajiet doganali meta tinqala' problema sabiex dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni finali dwar ir-rilaxx. Meta s-sistemi ta' kontrolli interni tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) ikunu robusti biżżejjed, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu, f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, jawtorizzaw lill-kummerċjanti jwettqu ċerti kontrolli waħedhom. Madankollu, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jżommu l-possibbiltà li jikkontrollaw il-merkanzija fi kwalunkwe ħin.	(operaturi Trust and Check) jitqiesu trasparenti, il-wasla u/jew il-konsenja jenħtieġ li jiġu rreġistrati kif xieraq fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. Jenħtieġ li dawn l-operaturi jkunu obbligati jinformaw lill-awtoritajiet doganali meta tinqala' problema sabiex dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni finali dwar ir-rilaxx. Meta s-sistemi ta' kontrolli interni tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) ikunu robusti biżżejjed, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu, f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, jawtorizzaw lill-kummerċjanti jwettqu ċerti kontrolli waħedhom. Madankollu, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jżommu l-possibbiltà li jikkontrollaw il-merkanzija fi kwalunkwe ħin. ***Ksur ripetut jew serju ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE applikata mid-dwana minn operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jenħtieġ li jwassal għat-telf tal-istatus ta' fiduċja.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mingħajr dan ma hemm l-ebda rabta diretta bejn l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika u l-importazzjoni ta' prodotti mhux konformi.

Emenda 169
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) L-applikazzjoni tar-regoli standard għall-kalkolu tad-dazju fit-tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku tirriżulta, f'ħafna każijiet, f'piż amministrattiv sproporzjonat kemm għall-amministrazzjonijiet doganali kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir tad-dħul.	***imħassar***

Fl-interess tal-iżvilupp ta' trattament fiskali u doganali robust u effettiv għall-merkanzija importata minn pajjiżi terzi permezz ta' tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku ("bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata"), il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tiġi emendata sabiex jitneħħa l-limitu li taħtu l-merkanzija ta' valur negliġibbli li ma taqbiżx il-EUR 150 għal kull kunsinna tkun eżentata mid-dazji doganali mal-importazzjoni f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009[53], u sabiex jiġi introdott trattament tariffarju simplifikat għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi terzi f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[54](Nomenklatura Magħquda). Fid-dawl ta' dawn l-emendi proposti, jenħtieġ li ċerti regoli tal-Kodiċi dwar il-klassifikazzjoni tariffarja, l-oriġini u l-valur doganali jiġu emendati sabiex jipprevedu s-simplifikazzjonijiet applikabbli fuq bażi volontarja mill-importatur prežunt meta jiġi ddeterminat id-dazju doganali fi tranżazzjoni min-negozju għall-konsumatur li tikkwalifika bħala bejgħ mill-bogħod għall-finijiet tal-VAT. Jenħtieġ li s-simplifikazzjonijiet jikkonsistu fil-possibbiltà li jiġi kkalkolat id-dazju doganali dovut bl-applikazzjoni ta' waħda mit-tariffi tal-bucket il-ġodda fin-Nomenklatura Magħquda għal valur ikkalkolat b'mod aktar sempliċi. Skont ir-regoli simplifikati għat-tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku min-negozju għall-konsumatur, jenħtieġ li l-prezz nett tax-xiri mingħajr il-VAT iżda inklużi l-kostijiet totali tat-trasport sad-destinazzjoni finali tal-prodott jitqies bħala l-valur doganali u jenħtieġ li ma tkun meħtieġa l-ebda oriġini. Għalhekk, jekk l-importatur prežunt ikun jixtieq jibbenefika minn rati tariffarji preferenzjali billi jagħti prova tal-istatus oriġinarju tal-merkanzija, dik il-persuna tista' tagħmel dan billi tapplika l-proċeduri standard.

---

[53] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23).

[54] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nuqqas ta' ċertezza dwar il-konformità tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), speċjalment l-Artikolu 7, il-paragrafu 8(2) tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ.

Emenda 170
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) ***L-applikazzjoni tar-regoli standard għall-kalkolu tad-dazju fit-tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku tirriżulta, f'ħafna każijiet, f'piż amministrattiv sproporzjonat kemm għall-amministrazzjonijiet doganali kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir tad-dħul. Fl-interess tal-iżvilupp ta' trattament fiskali u doganali robust u effettiv għall-merkanzija importata minn pajjiżi terzi permezz ta' tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku ("bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata"), il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tiġi emendata sabiex jitneħħa l-limitu li taħtu l-merkanzija ta' valur negliġibbli li ma taqbiżx il-EUR 150 għal kull kunsinna tkun eżentata mid-dazji doganali mal-importazzjoni f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009[53], u sabiex jiġi introdott trattament tariffarju simplifikat***	(48) Jenħtieġ li ċerti regoli tal-Kodiċi dwar il-klassifikazzjoni tariffarja, l-oriġini u l-valur doganali jiġu emendati sabiex jipprevedu s-simplifikazzjonijiet applikabbli fuq bażi volontarja mill-importatur preżunt meta jiġi ddeterminat id-dazju doganali fi tranżazzjoni min-negozju għall-konsumatur li tikkwalifika bħala bejgħ mill-bogħod għall-finijiet tal-VAT. Jenħtieġ li s-simplifikazzjonijiet jikkonsistu fil-possibbiltà li jiġi kkalkolat id-dazju doganali dovut bl-applikazzjoni ta' waħda mit-tariffi tal-bucket il-ġodda fin-Nomenklatura Magħquda għal valur ikkalkolat b'mod aktar sempliċi. Skont ir-regoli simplifikati għat-tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku min-negozju għall-konsumatur, jenħtieġ li l-prezz nett tax-xiri mingħajr il-VAT iżda inklużi l-kostijiet totali tat-trasport sad-destinazzjoni finali tal-prodott jitqies bħala l-valur doganali u jenħtieġ li ma tkun meħtieġa l-ebda oriġini.

għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi terzi f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[54](Nomenklatura Magħquda). Fid-dawl ta' dawn l-emendi proposti, jenħtieġ li ċerti regoli tal-Kodiċi dwar il-klassifikazzjoni tariffarja, l-oriġini u l-valur doganali jiġu emendati sabiex jipprevedu s-simplifikazzjonijiet applikabbli fuq bażi volontarja mill-importatur preżunt meta jiġi ddeterminat id-dazju doganali fi tranżazzjoni min-negozju għall-konsumatur li tikkwalifika bħala bejgħ mill-bogħod għall-finijiet tal-VAT. Jenħtieġ li s-simplifikazzjonijiet jikkonsistu fil-possibbiltà li jiġi kkalkolat id-dazju doganali dovut bl-applikazzjoni ta' waħda mit-tariffi tal-bucket il-ġodda fin-Nomenklatura Magħquda għal valur ikkalkolat b'mod aktar sempliċi. Skont ir-regoli simplifikati għat-tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku min-negozju għall-konsumatur, jenħtieġ li l-prezz nett tax-xiri mingħajr il-VAT iżda inklużi l-kostijiet totali tat-trasport sad-destinazzjoni finali tal-prodott jitqies bħala l-valur doganali u jenħtieġ li ma tkun meħtieġa l-ebda oriġini. Għalhekk, jekk l-importatur preżunt ikun jixtieq jibbenefika minn rati tariffarji preferenzjali billi jagħti prova tal-istatus oriġinarju tal-merkanzija, dik il-persuna tista' tagħmel dan billi tapplika l-proċeduri standard.

Għalhekk, jekk l-importatur preżunt ikun jixtieq jibbenefika minn rati tariffarji preferenzjali billi jagħti prova tal-istatus oriġinarju tal-merkanzija, dik il-persuna tista' tagħmel dan billi tapplika l-proċeduri standard.

---

[53] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23).

[54] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Or. en

Emenda 171
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 55a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(55a) L-Istati Membri u l-UE għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li d-dwana jkollha riżorsi xierqa, imħarrġa, u mgħammra biex ikollha l-kapaċità li twettaq il-missjoni tagħha, inklużi setgħat investigattivi xierqa;

Or. en

Emenda 172
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 55b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(55b) Id-dwana teħtieġ investimenti serji, speċjalment fid-dawl ta' għadd suffiċjenti ta' persunal imħarreġ kif xieraq sabiex tiggarantixxi l-funzjonament tas-sistemi doganali tal-UE li qed jiffaċċjaw żieda esponenzjali fid-domandi fuq id-dwana; billi mingħajr l-investimenti meħtieġa fil-persunal, is-soluzzjonijiet diġitali ma jistgħux jiksbu l-benefiċċji fid-dawl tal-effiċjenza u l-armonizzazzjoni; għalhekk, l-investimenti fis-sistemi diġitali jenħtieġ li jiggarantixxu finanzjament suffiċjenti għall-persunal u t-taħriġ tagħhom sabiex jirrikjedu l-ħiliet meħtieġa għal tagħmir tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, teknoloġija għall-analitika tal-big data, detezzjoni u kontrolli u b'hekk, jiggarantixxu li l-kontrolli doganali jitwettqu b'mod uniformi madwar l-UE;

Or. en

Emenda 173
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu rappreżentati f'Bord Maniġerjali, sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tal-Awtorità Doganali tal-UE. Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali, inkluża l-għażla tal-President u tal-Viċi President tagħha, jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji tal-bilanċ bejn il-ġeneri, tal-esperjenza u tal-kwalifiki. Minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni dwar l-unjoni doganali, u r-rabta mill-qrib bejn id-dwana u oqsma oħrajn ta' politika, jixraq li l-President tagħha jiġi elett minn fost dawk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Fid-dawl tal-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Awtorità Doganali tal-UE, jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali, b'mod partikolari, jadotta Dokument Uniku ta' Programmazzjoni, li jinkludi programmazzjoni annwali u pluriennali, iwettaq il-funzjonijiet tiegħu marbutin mal-baġit tal-Awtorità, jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità, jaħtar Direttur Eżekuttiv, u jistabbilixxi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet marbutin mal-kompiti operazzjonali tal-Awtorità mid-Direttur Eżekuttiv. Jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali jkun assistit minn Bord Eżekuttiv.	(56) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu rappreżentati f'Bord Maniġerjali, sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tal-Awtorità Doganali tal-UE. Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali, inkluża l-għażla tal-President u tal-Viċi President tagħha, jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji tal-bilanċ bejn il-ġeneri, tal-esperjenza u tal-kwalifiki. ***Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut li l-intensità tat-traffiku tal-merkanzija fil-fruntieri esterni mhijiex ugwali madwar l-UE. Għalhekk, l-istruttura ta' governanza tal-Awtorità Doganali tal-UE jenħtieġ li tirrifletti din ir-realtà, filwaqt li tiżgura li l-ħtiġijiet u l-isfidi differenti ffaċċjati minn Stati Membri differenti jkunu rappreżentati u indirizzati b'mod adegwat.*** Minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni dwar l-unjoni doganali, u r-rabta mill-qrib bejn id-dwana u oqsma oħrajn ta' politika, jixraq li l-President tagħha jiġi elett minn fost dawk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Fid-dawl tal-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Awtorità Doganali tal-UE, jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali, b'mod partikolari, jadotta Dokument Uniku ta' Programmazzjoni, li jinkludi programmazzjoni annwali u pluriennali, iwettaq il-funzjonijiet tiegħu marbutin mal-baġit tal-Awtorità, jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità, jaħtar Direttur Eżekuttiv, u jistabbilixxi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet marbutin mal-kompiti operazzjonali tal-Awtorità mid-Direttur Eżekuttiv. Jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali jkun assistit minn Bord Eżekuttiv.

Or. en

Emenda 174
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu rappreżentati f'Bord Maniġerjali, sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tal-Awtorità Doganali tal-UE. Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali, inkluża l-għażla tal-President u tal-Viċi President tagħha, jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji tal-bilanċ bejn il-ġeneri, tal-esperjenza u tal-kwalifiki. Minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni dwar l-unjoni doganali, u r-rabta mill-qrib bejn id-dwana u oqsma oħrajn ta' politika, jixraq li l-President tagħha jiġi elett minn fost dawk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Fid-dawl tal-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Awtorità Doganali tal-UE, jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali, b'mod partikolari, jadotta Dokument Uniku ta' Programmazzjoni, li jinkludi programmazzjoni annwali u pluriennali, iwettaq il-funzjonijiet tiegħu marbutin mal-baġit tal-Awtorità, jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità, jaħtar Direttur Eżekuttiv, u jistabbilixxi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet marbutin mal-kompiti operazzjonali tal-Awtorità mid-Direttur Eżekuttiv. Jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali jkun assistit minn Bord Eżekuttiv.	(56) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu rappreżentati f'Bord Maniġerjali, sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tal-Awtorità Doganali tal-UE. Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali, inkluża l-għażla tal-President u tal-Viċi President tagħha, jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji tal-bilanċ bejn il-ġeneri, tal-esperjenza u tal-kwalifiki. Minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni dwar l-unjoni doganali, u r-rabta mill-qrib bejn id-dwana u oqsma oħrajn ta' politika, jixraq li l-President tagħha jiġi elett minn fost dawk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Fid-dawl tal-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Awtorità Doganali tal-UE, jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali, b'mod partikolari, jadotta Dokument Uniku ta' Programmazzjoni, li jinkludi programmazzjoni annwali u pluriennali, iwettaq il-funzjonijiet tiegħu marbutin mal-baġit tal-Awtorità, jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità, jaħtar Direttur Eżekuttiv, u jistabbilixxi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet marbutin mal-kompiti operazzjonali tal-Awtorità mid-Direttur Eżekuttiv. Jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali jkun assistit minn Bord Eżekuttiv ***u korp konsultattiv li jirrappreżenta organizzazzjonijiet tal-konsumatur, assoċjazzjonijiet tan-negozju u atturi mhux statali rilevanti oħra***.

Or. en

Emenda 175
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***u l-Kummissjoni jkunu*** rappreżentati f'Bord Maniġerjali, sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tal-Awtorità Doganali tal-UE. Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali, inkluża l-għażla tal-President u tal-Viċi President tagħha, jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji tal-bilanċ bejn il-ġeneri, tal-esperjenza u tal-kwalifiki. Minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni dwar l-unjoni doganali, u r-rabta mill-qrib bejn id-dwana u oqsma oħrajn ta' politika, jixraq li l-President tagħha jiġi elett minn fost dawk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Fid-dawl tal-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Awtorità Doganali tal-UE, jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali, b'mod partikolari, jadotta Dokument Uniku ta' Programmazzjoni, li jinkludi programmazzjoni annwali u pluriennali, iwettaq il-funzjonijiet tiegħu marbutin mal-baġit tal-Awtorità, jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità, jaħtar Direttur Eżekuttiv, u jistabbilixxi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet marbutin mal-kompiti operazzjonali tal-Awtorità mid-Direttur Eżekuttiv. Jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali jkun assistit minn Bord Eżekuttiv.	(56) Jenħtieġ li l-Istati Membri***, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew ikunu*** rappreżentati f'Bord Maniġerjali, sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tal-Awtorità Doganali tal-UE. Il-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali, inkluża l-għażla tal-President u tal-Viċi President tagħha, jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji tal-bilanċ bejn il-ġeneri, tal-esperjenza u tal-kwalifiki. Minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni dwar l-unjoni doganali, u r-rabta mill-qrib bejn id-dwana u oqsma oħrajn ta' politika, jixraq li l-President tagħha jiġi elett minn fost dawk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Fid-dawl tal-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Awtorità Doganali tal-UE, jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali, b'mod partikolari, jadotta Dokument Uniku ta' Programmazzjoni, li jinkludi programmazzjoni annwali u pluriennali, iwettaq il-funzjonijiet tiegħu marbutin mal-baġit tal-Awtorità, jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità, jaħtar Direttur Eżekuttiv, u jistabbilixxi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet marbutin mal-kompiti operazzjonali tal-Awtorità mid-Direttur Eżekuttiv. Jenħtieġ li l-Bord Maniġerjali jkun assistit minn Bord Eżekuttiv.

Or. en

Emenda 176
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Sabiex iwettqu l-missjoni tagħhom, l-awtoritajiet doganali jikkooperaw mill-qrib u b'mod regolari mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, mal-awtoritajiet ta' kontroll sanitarji u fitosanitarji, mal-korpi tal-infurzar tal-liġi, mal-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri, mal-korpi tal-ħarsien tal-ambjent, mal-esperti dwar il-proprjetà kulturali, u ħafna awtoritajiet oħrajn inkarigati minn politiki settorjali. Meta jitqiesu l-evoluzzjoni tas-suq uniku u r-rwol li qiegħed jevolvi tad-dwana, iż-żieda fil-projbizzjonijiet u fir-restrizzjonijiet u fil-kummerċ elettroniku, huwa neċessarju li din il-kooperazzjoni tiġi strutturata u tissaħħaħ fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali. Minflok kooperazzjoni ffokata fuq kunsinni individwali jew avvenimenti speċifiċi tul il-katina tal-provvista, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' kooperazzjoni strutturat bejn l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħrajn responsabbli għall-oqsma ta' politika rilevanti. Qafas ta' kooperazzjoni bħal dan jenħtieġ li jinkludi l-aspetti li ġejjin: l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni u ta' ħtiġijiet ta' politika f'qasam speċifiku, l-iskambju u l-analiżi tal-informazzjoni, il-bini ta' strateġija ta' kooperazzjoni ġenerali fil-forma ta' strateġiji ta' superviżjoni konġunta u, fl-aħħar nett, il-kooperazzjoni dwar l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontrolli operazzjonali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita wkoll l-applikazzjoni ta' parti mil-leġiżlazzjoni l-oħra applikata mill-awtoritajiet doganali billi tfassal lista ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timponi rekwiżiti fuq merkanzija soġġetta għal kontrolli doganali mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi pubbliċi bħas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, il-konsumaturi u l-ambjent.	(58) Sabiex iwettqu l-missjoni tagħhom, l-awtoritajiet doganali jikkooperaw mill-qrib u b'mod regolari mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, mal-awtoritajiet ta' kontroll sanitarji u fitosanitarji, mal-korpi tal-infurzar tal-liġi, mal-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri, mal-korpi tal-ħarsien tal-ambjent, mal-esperti dwar il-proprjetà kulturali, u ħafna awtoritajiet oħrajn inkarigati minn politiki settorjali. Meta jitqiesu l-evoluzzjoni tas-suq uniku u r-rwol li qiegħed jevolvi tad-dwana, iż-żieda fil-projbizzjonijiet u fir-restrizzjonijiet u fil-kummerċ elettroniku, huwa neċessarju li din il-kooperazzjoni tiġi strutturata u tissaħħaħ fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali. Minflok kooperazzjoni ffokata fuq kunsinni individwali jew avvenimenti speċifiċi tul il-katina tal-provvista, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' kooperazzjoni strutturat bejn l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħrajn responsabbli għall-oqsma ta' politika rilevanti. Qafas ta' kooperazzjoni bħal dan jenħtieġ li jinkludi l-aspetti li ġejjin: l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni u ta' ħtiġijiet ta' politika f'qasam speċifiku, l-iskambju u l-analiżi tal-informazzjoni, il-bini ta' strateġija ta' kooperazzjoni ġenerali fil-forma ta' strateġiji ta' superviżjoni konġunta u, fl-aħħar nett, il-kooperazzjoni dwar l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontrolli operazzjonali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita wkoll l-applikazzjoni ta' parti mil-leġiżlazzjoni l-oħra applikata mill-awtoritajiet doganali billi tfassal lista ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timponi rekwiżiti fuq merkanzija soġġetta għal kontrolli doganali mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi pubbliċi bħas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, il-konsumaturi u l-ambjent***, u torganizza kondivižjoni ta' informazzjoni dwar l-infurzar tagħhom. Meta applikabbli, ir-rekords ta' ksur serju u ripetut ta' leġiżlazzjonijiet oħra applikati mid-dwana jenħtieġ li jkunu disponibbli għad-dwana mill-awtoritajiet***

kompetenti rilevanti, u jitqiesu fil-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju doganali Ewropej.

Or. en

Emenda 177
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Sabiex tiżdied iċ-ċarezza u sabiex il-qafas ta' kooperazzjoni bejn id-dwana u awtoritajiet sħab oħrajn isir aktar effiċjenti, jenħtieġ li lista ta' servizzi offruti mill-awtoritajiet doganali tiddefinixxi b'mod ċar ir-rwol possibbli tad-dwana fl-applikazzjoni ta' politiki rilevanti oħrajn fil-fruntieri tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-qafas ta' kooperazzjoni tiġi mmonitorjata mill-Awtorità Doganali tal-UE. Jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE taħdem mill-qrib u tikkoopera mal-Kummissjoni, mal-OLAF, ma' aġenziji u ma' korpi rilevanti oħrajn tal-Unjoni, ***bħall-Europol*** u l-Frontex kif ukoll ma' aġenziji u ma' networks speċjalizzati fl-oqsma ta' politika rispettivi, bħan-Network tal-UE għall-Konformità tal-Prodotti.	(59) Sabiex tiżdied iċ-ċarezza u sabiex il-qafas ta' kooperazzjoni bejn id-dwana u awtoritajiet sħab oħrajn isir aktar effiċjenti, jenħtieġ li lista ta' servizzi offruti mill-awtoritajiet doganali tiddefinixxi b'mod ċar ir-rwol possibbli tad-dwana fl-applikazzjoni ta' politiki rilevanti oħrajn fil-fruntieri tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-qafas ta' kooperazzjoni tiġi mmonitorjata mill-Awtorità Doganali tal-UE. Jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE taħdem mill-qrib u tikkoopera mal-Kummissjoni, mal-OLAF, ma' aġenziji u ma' korpi rilevanti oħrajn tal-Unjoni, ***bħall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, il-Europol*** u l-Frontex kif ukoll ma' aġenziji u ma' networks speċjalizzati fl-oqsma ta' politika rispettivi, bħan-Network tal-UE għall-Konformità tal-Prodotti.

Or. en

Emenda 178
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Sabiex tiżdied iċ-ċarezza u sabiex il-qafas ta' kooperazzjoni bejn id-dwana u	(59) Sabiex tiżdied iċ-ċarezza u sabiex il-qafas ta' kooperazzjoni bejn id-dwana u

awtoritajiet sħab oħrajn isir aktar effiċjenti, jenħtieġ li lista ta' servizzi offruti mill-awtoritajiet doganali tiddefinixxi b'mod ċar ir-rwol possibbli tad-dwana fl-applikazzjoni ta' politiki rilevanti oħrajn fil-fruntieri tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-qafas ta' kooperazzjoni tiġi mmonitorjata mill-Awtorità Doganali tal-UE. Jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE taħdem mill-qrib u tikkoopera mal-Kummissjoni, mal-OLAF, ma' aġenziji u ma' korpi rilevanti oħrajn tal-Unjoni, bħall-Europol u l-Frontex kif ukoll ma' aġenziji u ma' networks speċjalizzati fl-oqsma ta' politika rispettivi, bħan-Network tal-UE għall-Konformità tal-Prodotti.	awtoritajiet sħab oħrajn isir aktar effiċjenti, jenħtieġ li lista ta' servizzi offruti mill-awtoritajiet doganali tiddefinixxi b'mod ċar ir-rwol possibbli tad-dwana fl-applikazzjoni ta' politiki rilevanti oħrajn fil-fruntieri tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-qafas ta' kooperazzjoni tiġi mmonitorjata mill-Awtorità Doganali tal-UE. Jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE taħdem mill-qrib u tikkoopera mal-Kummissjoni, ***mal-UPPE,*** mal-OLAF, ma' aġenziji u ma' korpi rilevanti oħrajn tal-Unjoni, bħall-Europol u l-Frontex kif ukoll ma' aġenziji u ma' networks speċjalizzati fl-oqsma ta' politika rispettivi, bħan-Network tal-UE għall-Konformità tal-Prodotti.
	Or. en

Emenda 179
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) F'dinja dejjem aktar konnessa, id-diplomazija doganali u l-kooperazzjoni internazzjonali huma aspetti importanti fil-ħidma tal-awtoritajiet doganali madwar id-dinja. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni internazzjonali tipprevedi l-possibbiltà ta' skambju ta' data doganali, fuq il-bażi ta' ftehimiet internazzjonali jew ta' leġiżlazzjoni awtonoma tal-Unjoni, permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni xierqa u siguri, soġġetta għar-rispett ta' informazzjoni kunfidenzjali u għall-protezzjoni ta' data personali, bħal permezz tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.	(60) F'dinja dejjem aktar konnessa, id-diplomazija doganali u l-kooperazzjoni internazzjonali huma aspetti importanti fil-ħidma tal-awtoritajiet doganali madwar id-dinja. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni internazzjonali tipprevedi l-possibbiltà ta' skambju ta' data doganali, fuq il-bażi ta' ftehimiet internazzjonali jew ta' leġiżlazzjoni awtonoma tal-Unjoni, permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni xierqa u siguri, soġġetta għar-rispett ta' informazzjoni kunfidenzjali u għall-protezzjoni ta' data personali, bħal permezz tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. ***Madankollu, huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut li filwaqt li jitrawmu l-kooperazzjoni internazzjonali u l-iskambju tad-data, trid tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa lill-kompetenzi tal-Istati Membri. Dan l-approċċ jenħtieġ***

li ma jirrestringix il-kapaċità tal-Istati Membri li jinnegozjaw u jiddeċiedu individwalment dwar kwistjonijiet li jappartjenu għal kompiti nazzjonali (mhux tal-UE) ma' pajjiżi terzi. Tali flessibbiltà hija kruċjali biex tinżamm is-sovranità tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni kemm tal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE kif ukoll dik nazzjonali. Għalhekk, filwaqt li javvanza l-kooperazzjoni internazzjonali u l-kondiviżjoni tad-data, il-qafas irid jiżgura li ma jiksirx il-kompetenza tal-Istati Membri li jiġġestixxu l-affarijiet doganali tagħhom, b'mod partikolari meta jikkonċerna impenji bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi dwar kompiti nazzjonali. Dan il-bilanċ huwa vitali biex tinżamm l-integrità tas-sovranità tal-Istati Membri filwaqt li ssir ħidma lejn strateġija doganali koeżiva u effettiva għall-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 180
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Minkejja l-fatt li l-leġiżlazzjoni doganali hija armonizzata permezz tal-Kodiċi, ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 inkluda biss l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu penali għan-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni doganali u kien jeħtieġ li tali penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom l-għażla ta' penali doganali, li jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u huma soġġetti għal evoluzzjoni maż-żmien. Jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni li jistabbilixxi bażi minima ta' ksur doganali u ta' sanzjonijiet mhux kriminali. Tali qafas huwa neċessarju sabiex jiġu	(61) Minkejja l-fatt li l-leġiżlazzjoni doganali hija armonizzata permezz tal-Kodiċi, ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 inkluda biss l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu penali għan-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni doganali u kien jeħtieġ li tali penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom l-għażla ta' penali doganali, li jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u huma soġġetti għal evoluzzjoni maż-żmien. Jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni li jistabbilixxi bażi minima ta' ksur doganali u ta' sanzjonijiet mhux kriminali. Tali qafas huwa neċessarju sabiex jiġu

indirizzati n-nuqqas ta’ applikazzjoni uniformi u d-diverġenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni ta’ sanzjonijiet kontra ksur tal-leġiżlazzjoni doganali li jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, għal lakuni u għal “xiri doganali opportunistiku”. Jenħtieġ li l-qafas ikun magħmul minn lista komuni ta’ atti jew ta’ ommissjonijiet li jenħtieġ li jikkostitwixxu ksur doganali fl-Istati Membri kollha. Fid-determinazzjoni tas-sanzjoni applikabbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jiddefinixxu jekk dawn l-atti jew l-omissjonijiet jitwettqux intenzjonalment jew b’negliġenza ovvja.	indirizzati n-nuqqas ta’ applikazzjoni uniformi u d-diverġenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni ta’ sanzjonijiet kontra ksur tal-leġiżlazzjoni doganali li jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, għal lakuni u għal “xiri doganali opportunistiku”. Jenħtieġ li l-qafas ikun magħmul minn lista komuni ta’ atti jew ta’ ommissjonijiet li jenħtieġ li jikkostitwixxu ksur doganali fl-Istati Membri kollha. Fid-determinazzjoni tas-sanzjoni applikabbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jiddefinixxu jekk dawn l-atti jew l-omissjonijiet jitwettqux intenzjonalment jew b’negliġenza ovvja. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-Awtorità Doganali tal-UE regolarment jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar l-awditjar u s-sanzjonijiet, sabiex itejbu l-konverġenza u l-koerenza tal-metodoloġiji u l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta regolarment jekk is-sanzjonijiet applikati mill-Istati Membri humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, u tieħu azzjoni xierqa jekk ikun meħtieġ.***
	Or. en

Emenda 181
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Minkejja l-fatt li l-leġiżlazzjoni doganali hija armonizzata permezz tal-Kodiċi, ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 inkluda biss l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu penali għan-nuqqas ta’ konformità mal-leġiżlazzjoni doganali u kien jeħtieġ li tali penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom l-għażla ta’ penali doganali, li jvarjaw ħafna bejn l-Istati	(61) Minkejja l-fatt li l-leġiżlazzjoni doganali hija armonizzata permezz tal-Kodiċi, ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 inkluda biss l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu penali għan-nuqqas ta’ konformità mal-leġiżlazzjoni doganali u kien jeħtieġ li tali penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom l-għażla ta’ penali doganali, li jvarjaw ħafna bejn l-Istati

Membri u huma soġġetti għal evoluzzjoni maż-żmien. Jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni li jistabbilixxi bażi minima ta' ksur doganali u ta' sanzjonijiet mhux kriminali. Tali qafas huwa neċessarju sabiex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' applikazzjoni uniformi u d-diverġenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet kontra ksur tal-leġiżlazzjoni doganali li jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, għal lakuni u għal "xiri doganali opportunistiku". Jenħtieġ li l-qafas ikun magħmul minn lista komuni ta' atti jew ta' ommissjonijiet li jenħtieġ li jikkostitwixxu ksur doganali fl-Istati Membri kollha. Fid-determinazzjoni tas-sanzjoni applikabbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jiddefinixxu jekk dawn l-atti jew l-omissjonijiet jitwettqux intenzjonalment jew b'negliġenza ovvja.	Membri u huma soġġetti għal evoluzzjoni maż-żmien. Jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni li jistabbilixxi bażi minima ta' ksur doganali u ta' sanzjonijiet mhux kriminali. Tali qafas huwa neċessarju sabiex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' applikazzjoni uniformi u d-diverġenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet kontra ksur tal-leġiżlazzjoni doganali li jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, għal lakuni u għal "xiri doganali opportunistiku". Jenħtieġ li l-qafas ikun magħmul minn lista komuni ta' atti jew ta' ommissjonijiet li jenħtieġ li jikkostitwixxu ksur doganali fl-Istati Membri kollha. ***In-nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-importatur, tal-esportatur u tal-importatur preżunt jenħtieġ li jiġi inkluż fil-lista ta' ksur doganali.*** Fid-determinazzjoni tas-sanzjoni applikabbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jiddefinixxu jekk dawn l-atti jew l-omissjonijiet jitwettqux intenzjonalment jew b'negliġenza ovvja.
	Or. en

Emenda 182
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Huwa neċessarju wkoll li tiġi stabbilita bażi minima komuni ta' sanzjonijiet mhux kriminali li jipprevedu ammonti minimi ta' imposti pekunarji, il-possibbiltà ta' revoka, ta' sospensjoni jew ta' emenda ta' awtorizzazzjonijiet doganali, inkluż għal Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati u operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check), kif ukoll il-konfiska tal-merkanzija. Jenħtieġ li l-ammonti minimi tal-imposti pekunarji jiddependu fuq jekk il-ksur doganali jkunx twettaq	***imħassar***

intenzjonalment jew le u jekk għandux impatt jew le fuq l-ammont ta' dazji doganali u ta' imposti oħrajn u fuq il-projbizzjonijiet jew fuq ir-restrizzjonijiet. Din il-qalba komuni minima ta' sanzjonijiet mhux kriminali jenħtieġ li tapplika mingħajr preġudizzju għall-ordinament ġuridiku nazzjonali tal-Istati Membri, li minflok jista' jipprevedi sanzjonijiet kriminali.

Or. en

Emenda 183
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Huwa neċessarju wkoll li tiġi stabbilita bażi minima komuni ta' sanzjonijiet mhux kriminali li jipprevedu ammonti minimi ta' imposti pekunarji, il-possibbiltà ta' revoka, ta' sospensjoni jew ta' emenda ta' awtorizzazzjonijiet doganali, inkluż għal Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati u operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check), kif ukoll il-konfiska tal-merkanzija. Jenħtieġ li l-ammonti minimi tal-imposti pekunarji jiddependu fuq jekk il-ksur doganali jkunx twettaq intenzjonalment jew le u jekk għandux impatt jew le fuq l-ammont ta' dazji doganali u ta' imposti oħrajn u fuq il-projbizzjonijiet jew fuq ir-restrizzjonijiet. Din il-qalba komuni minima ta' sanzjonijiet mhux kriminali jenħtieġ li tapplika mingħajr preġudizzju għall-ordinament ġuridiku nazzjonali tal-Istati Membri, li minflok jista' jipprevedi sanzjonijiet kriminali.	(64) Huwa neċessarju wkoll li tiġi stabbilita bażi minima komuni ta' sanzjonijiet mhux kriminali li jipprevedu ammonti minimi ta' imposti pekunarji, il-possibbiltà ta' revoka, ta' sospensjoni jew ta' emenda ta' awtorizzazzjonijiet doganali, inkluż għal Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati u operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check), kif ukoll il-konfiska tal-merkanzija. Jenħtieġ li l-ammonti minimi tal-imposti pekunarji jiddependu fuq jekk il-ksur doganali jkunx twettaq intenzjonalment jew le u jekk għandux impatt jew le fuq l-ammont ta' dazji doganali u ta' imposti oħrajn u fuq il-projbizzjonijiet jew fuq ir-restrizzjonijiet. Din il-qalba komuni minima ta' sanzjonijiet mhux kriminali jenħtieġ li tapplika mingħajr preġudizzju għall-ordinament ġuridiku nazzjonali tal-Istati Membri, li minflok jista' jipprevedi sanzjonijiet kriminali. ***L-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-awtorità doganali tal-UE għandhom jikkollaboraw biex gradwalment iżidu l-koerenza tas-sanzjonijiet mhux kriminali u l-***

applikazzjoni tagħhom madwar l-UE.

Or. en

Emenda 184
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Jenħtieġ li l-prestazzjoni tal-unjoni doganali tiġi evalwata tal-anqas fuq bażi annwali sabiex il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-Istati Membri, tkun tista' tieħu l-orjentazzjonijiet ta' politika xierqa. Il-ġbir ta' informazzjoni mill-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jiġi fformalizzat u approfondit, peress li rapportar aktar komprensiv itejjeb il-valutazzjoni komparattiva u jista' jgħin sabiex jiġu omoġenizzati l-prattiki u sabiex jiġi vvalutat l-impatt tad-deċiżjonijiet dwar il-politika doganali. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi introdott qafas legali għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-unjoni doganali. Sabiex jingħata lok għal granularità suffiċjenti tal-analiżi, jenħtieġ li l-kejl tal-prestazzjoni jsir mhux biss fil-livell nazzjonali iżda wkoll fil-livell tal-punt ta' qsim tal-fruntiera. Jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE ssostni lill-Kummissjoni fil-proċess ta' evalwazzjoni billi tiġbor u tanalizza d-data fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u tidentifika kif l-attivitajiet u l-operazzjonijiet doganali jsostnu l-kisba tal-objettivi strateġiċi u l-prijoritajiet tal-unjoni doganali u jikkontribwixxu għall-missjoni tal-awtoritajiet doganali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tidentifika x-xejriet, l-aspetti b'saħħithom, id-dgħufijiet, il-lakuni, u r-riskji potenzjali ewlenin, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet għal titjib lill-Kummissjoni. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tas-	(65) Jenħtieġ li l-prestazzjoni tal-unjoni doganali tiġi evalwata tal-anqas fuq bażi annwali sabiex il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-Istati Membri, tkun tista' tieħu l-orjentazzjonijiet ta' politika xierqa. Il-ġbir ta' informazzjoni mill-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jiġi fformalizzat u approfondit, peress li rapportar aktar komprensiv itejjeb il-valutazzjoni komparattiva u jista' jgħin sabiex jiġu omoġenizzati l-prattiki u sabiex jiġi vvalutat l-impatt tad-deċiżjonijiet dwar il-politika doganali. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi introdott qafas legali għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-unjoni doganali. Sabiex jingħata lok għal granularità suffiċjenti tal-analiżi, jenħtieġ li l-kejl tal-prestazzjoni jsir mhux biss fil-livell nazzjonali iżda wkoll fil-livell tal-punt ta' qsim tal-fruntiera. Jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE ssostni lill-Kummissjoni fil-proċess ta' evalwazzjoni billi tiġbor u tanalizza d-data fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u tidentifika kif l-attivitajiet u l-operazzjonijiet doganali jsostnu l-kisba tal-objettivi strateġiċi u l-prijoritajiet tal-unjoni doganali u jikkontribwixxu għall-missjoni tal-awtoritajiet doganali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tidentifika x-xejriet, l-aspetti b'saħħithom, id-dgħufijiet, il-lakuni, u r-riskji potenzjali ewlenin, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet għal titjib lill-Kummissjoni. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tas-

sigurtà b'mod partikolari, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tipparteċipa wkoll, mill-perspettiva operazzjonali, f'analiżijiet strateġiċi u f'valutazzjonijiet tat-theddid imwettqin fil-livell tal-Unjoni, inklużi dawk imwettqin mill-Europol u mill-Frontex.	sigurtà b'mod partikolari, jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE tipparteċipa wkoll, mill-perspettiva operazzjonali, f'analiżijiet strateġiċi u f'valutazzjonijiet tat-theddid imwettqin fil-livell tal-Unjoni, inklużi dawk imwettqin mill-Europol u mill-Frontex. ***Jenħtieġ li dan ir-rapport ta' evalwazzjoni jiġi ppubblikat.***
	Or. en

Emenda 185
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) ***Fl-2032***, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jibdew jużaw, fuq bażi volontarja, il-kapaċitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. Sa ***tmiem l-2037, jenħtieġ li l-Pjattaforma*** tad-Data Doganali tal-UE tiġi żviluppata bis-sħiħ, u l-operaturi ekonomiċi kollha għandhom jużawha. L-preżuntioperaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) u l-importaturi se jiġu ssorveljati mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom. B'deroga u soġġetti għal rieżami, l-operaturi li la jkunu operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) u lanqas importaturi preżunti jibqgħu taħt is-superviżjoni tal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tinsab fiżikament il-merkanzija. Sal-31 ta' Diċembru ***2035***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa ż-żewġ mudelli ta' superviżjoni, inkluż fir-rigward tal-effettività tagħhom għall-identifikazzjoni u għall-prevenzjoni tal-frodi. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tikkunsidra wkoll aspetti ta' tassazzjoni indiretta. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun intitolata tiddeċiedi permezz ta' att delegat jekk jenħtieġx li ż-żewġ mudelli jkomplu jew jekk, fil-każijiet kollha, jenħtieġx li l-awtorità doganali	(74) ***Minn Jannar 2029***, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jibdew jużaw, fuq bażi volontarja, il-kapaċitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. Sa ***Diċembru 2032, il-Pjattaforma*** tad-Data Doganali tal-UE ***jenħtieġ li*** tiġi żviluppata bis-sħiħ, u l-operaturi ekonomiċi kollha għandhom jużawha. L-preżuntioperaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) u l-importaturi se jiġu ssorveljati mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom. B'deroga u soġġetti għal rieżami, l-operaturi li la jkunu operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) u lanqas importaturi preżunti jibqgħu taħt is-superviżjoni tal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tinsab fiżikament il-merkanzija. Sal-31 ta' Diċembru ***2031***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa ż-żewġ mudelli ta' superviżjoni, inkluż fir-rigward tal-effettività tagħhom għall-identifikazzjoni u għall-prevenzjoni tal-frodi. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tikkunsidra wkoll aspetti ta' tassazzjoni indiretta. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun intitolata tiddeċiedi permezz ta' att delegat jekk jenħtieġx li ż-żewġ mudelli jkomplu jew jekk, fil-każijiet kollha, jenħtieġx li l-awtorità doganali

responsabbli għall-post tal-istabbiliment tal-kummerċjant tirrilaxxa l-merkanzija. Jenħtieġ li l-post tat-tiġrib ta' dejn doganali jiġi rregolat ukoll f'konformità mad-determinazzjoni tal-awtorità doganali responsabbli,	responsabbli għall-post tal-istabbiliment tal-kummerċjant tirrilaxxa l-merkanzija. Jenħtieġ li l-post tat-tiġrib ta' dejn doganali jiġi rregolat ukoll f'konformità mad-determinazzjoni tal-awtorità doganali responsabbli,

Or. en

Emenda 186
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-iżgurar li l-merkanzija li tippreżenta riskju għas-sikurezza jew għas-sigurtà taċ-ċittadini u tar-residenti ma tidħolx fit-territorju doganali tal-Unjoni, billi jiġu stabbiliti l-miżuri xierqa għall-kontrolli tal-merkanzija u tal-ktajjen tal-provvista;	(b) l-iżgurar li l-merkanzija ***maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni fis-suq intern iżda*** li tippreżenta riskju għas-sikurezza jew għas-sigurtà taċ-ċittadini u tar-residenti ma tidħolx fit-territorju doganali tal-Unjoni, billi jiġu stabbiliti l-miżuri xierqa għall-kontrolli tal-merkanzija u tal-ktajjen tal-provvista;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ajruporti u portijiet kbar jipproċessaw nofs il-merkanzija tagħhom fi trażbord, li jiġu minn kontinent ieħor, destinati għal kontinent ieħor. Din il-merkanzija ma titqegħidx fis-suq tal-UE. Ma hemm ebda raġuni li teħtieġ li dik il-merkanzija tikkonforma mar-regoli tal-UE dwar is-sikurezza, bħas-sikurezza tal-prodotti. Għadd kbir ta' regoli mhux fiskali japplikaw biss għal merkanzija li fil-fatt tiġi importata fl-UE. Ladarba d-dwana tapplika dawn ir-restrizzjonijiet mad-dħul, il-portijiet (anke ajruporti) tal-UE jistgħu jitilfu l-funzjoni tat-trażbord tagħhom.

Emenda 187
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) is-sostenn għal attività kummerċjali leġittima, billi jinżamm bilanċ xieraq bejn il-kontrolli doganali u l-iffaċilitar tal-kummerċ leġittimu u s-simplifikazzjoni tal-proċessi u tal-proċeduri doganali.	(e) is-sostenn għal attività kummerċjali leġittima, billi jinżamm bilanċ xieraq bejn il-kontrolli doganali u l-iffaċilitar tal-kummerċ leġittimu u s-simplifikazzjoni tal-proċessi u tal-proċeduri doganali ***permezz ta' analiżi tar-riskju robusta f'ħin reali permessa mill-kapaċitajiet ta' intelliġenza artifiċjali tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE kif definit fl-Artikolu 29(1)(d)***.

Or. en

Emenda 188
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	l-iżgurar tal-fluss ta' merkanzija rilevanti għall-kriżi kif definit fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt 6 tar-Regolament li jistabbilixxi strument għas-Suq Uniku f'emerġenza u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 fi żminijiet ta' kriżi.

Or. en

Emenda 189
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2 –punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) dispożizzjonijiet doganali li jinsabu fi ftehimiet internazzjonali, sa fejn dawn ikunu applikabbli fl-Unjoni***;***	(d) dispożizzjonijiet doganali li jinsabu fi ftehimiet internazzjonali, sa fejn dawn ikunu applikabbli fl-Unjoni***. Dan jinkludi ftehimiet ambjentali multilaterali rilevanti li għalihom l-UE u l-Istati Membri huma Parti, sa fejn jirregolaw il-konformità tal-merkanzija.***

Emenda 190
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) "importatur" tfisser ***kwalunkwe persuna li jkollha s-setgħa li tiddetermina u tkun iddeterminat li l-merkanzija minn pajjiż terz għandha tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni jew, ħlief jekk ikun ipprovdut mod ieħor, kwalunkwe persuna li titqies bħala importatur prežunt;***	(12) "importatur" tfisser ***dan li ġej:***
	(a) individwu privat li jkun qed iġorr il-merkanzija li għandha tittieħed fit-territorju doganali tal-Unjoni meta din il-merkanzija tkun tinsab fil-bagalji personali tal-individwu privat;
	(b) persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni, li jkollha s-setgħa li tiddetermina u tkun iddeterminat li l-merkanzija minn pajjiż terz għandha tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni;
	(c) meta (b) ma japplikax, kwalunkwe persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni li tkun parti kontraenti għal kuntratt li skontu l-merkanzija trid tidħol f'dak it-territorju doganali JEW taqbel li tieħu dak ir-rwol;
	(d) ħlief jekk ikun ipprovdut mod ieħor, kwalunkwe persuna li titqies bħala importatur prežunt.

Or. en

Emenda 191
Adam Bielan

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) "importatur" tfisser kwalunkwe persuna li jkollha s-setgħa li tiddetermina u tkun iddeterminat li l-merkanzija minn pajjiż terz għandha tiddaħħal fit-territorju doganali ***tal-Unjoni jew, ħlief jekk ikun ipprovdut mod ieħor, kwalunkwe persuna li titqies bħala importatur prežunt***;	(12) "importatur" tfisser kwalunkwe persuna li jkollha s-setgħa li tiddetermina u tkun iddeterminat li l-merkanzija minn pajjiż terz għandha tiddaħħal fit-territorju doganali;

Or. en

Emenda 192
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "importatur prežunt" tfisser kwalunkwe persuna involuta fil-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tiġi importata minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali tal-Unjoni li tkun awtorizzata li tuża l-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE;	(13) "importatur prežunt" tfisser kwalunkwe persuna involuta fil-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tiġi importata minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali tal-Unjoni li tkun awtorizzata li tuża l-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE ***u li r-responsabbiltajiet tagħha huma limitati għall-ġbir, ir-rapportar tad-data, u l-ġestjoni ta' obbligi finanzjarji bħal dazji doganali, mingħajr ma ġġorr obbligazzjonijiet għall-merkanzija fiżika***;

Or. en

Emenda 193
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "importatur prežunt" tfisser	(13) "importatur prežunt" tfisser

kwalunkwe persuna involuta fil-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tiġi importata minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali tal-Unjoni li tkun awtorizzata li tuża l-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE;	kwalunkwe persuna involuta fil-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tiġi importata minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali tal-Unjoni***, inkluża l-persuna*** li tkun awtorizzata li tuża l-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE;

Or. en

Emenda 194
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "importatur preżunt" tfisser kwalunkwe persuna involuta fil-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tiġi importata minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali tal-Unjoni ***li tkun awtorizzata li tuża*** l-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE;	(13) "importatur preżunt" tfisser kwalunkwe persuna involuta fil-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tiġi importata minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali tal-Unjoni***, inklużi l-persuni li jkunu awtorizzati li jużaw*** l-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-persuni kollha involuti fil-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li għandha tiġi importata minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali tal-Unjoni, mingħajr eċċezzjoni

Emenda 195
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) "esportatur" tfisser ***kwalunkwe persuna li għandha s-setgħa li tiddetermina u tkun iddeterminat li l-merkanzija għandha tinħareġ 'il barra***	(14) "esportatur" tfisser ***individwu privat li jkun qed iġorr il-merkanzija li għandha tinħareġ mit-territorju doganali tal-Unjoni meta din il-merkanzija tkun***

mit-territorju doganali tal-Unjoni;	***tinsab fil-bagalji personali tal-individwu privat, jew***
	(i) persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni, li għandha s-setgħa li tiddetermina u tkun iddeterminat li l-merkanzija għandha tinħareġ 'il barra minn dak it-territorju doganali;
	(ii) meta (i) ma japplikax, kwalunkwe persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni li tkun parti kontraenti għal kuntratt li skontu l-merkanzija trid tinħareġ minn dak it-territorju doganali JEW taqbel li tieħu dan ir-rwol.

Or. en

Emenda 196
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) "aġent doganali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi bħala rappreżentant dirett jew indirett.

Or. en

Emenda 197
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) joħloq theddida għas-sigurtà u ***għas-sikurezza tal-Unjoni u*** taċ-ċittadini u ***tar-residenti tagħha***; jew	(b) joħloq theddida għas-sigurtà u ***għas-saħħa*** taċ-ċittadini u ***r-residenti tal-UE***; jew

Or. it

Emenda 198
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) joħloq theddida għas-sigurtà u ***għas-sikurezza tal-Unjoni u*** taċ-ċittadini u ***tar-residenti tagħha***; jew	(b) joħloq theddida għas-sigurtà u ***għas-saħħa pubblika*** taċ-ċittadini u ***r-residenti tal-Unjoni***; jew

Or. en

Emenda 199
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) "dejn doganali" tfisser l-obbligu ta' persuna biex tħallas l-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni ***li japplika*** għal merkanzija speċifika taħt il-leġiżlazzjoni doganali fis-seħħ;	(57) "dejn doganali" tfisser l-obbligu ta' persuna biex tħallas l-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni ***u kwalunkwe imposta oħra li tapplika*** għal merkanzija speċifika taħt il-leġiżlazzjoni doganali fis-seħħ;

Or. en

Emenda 200
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) "dejn doganali" tfisser l-obbligu ta' persuna biex tħallas l-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni ***li japplika*** għal merkanzija speċifika taħt il-leġiżlazzjoni doganali fis-seħħ;	(57) "dejn doganali" tfisser l-obbligu ta' persuna biex tħallas l-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni ***u kwalunkwe imposta oħra li tapplika*** għal merkanzija speċifika taħt il-leġiżlazzjoni doganali fis-seħħ;

Or. en

Emenda 201
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) "dejn doganali" tfisser l-obbligu ta' persuna biex tħallas l-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni ***li japplika*** għal merkanzija speċifika taħt il-leġiżlazzjoni doganali fis-seħħ;	(57) "dejn doganali" tfisser l-obbligu ta' persuna biex tħallas l-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni ***u kwalunkwe imposta oħra li tapplika*** għal merkanzija speċifika taħt il-leġiżlazzjoni doganali fis-seħħ;

Or. en

Emenda 202
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 57a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(57a) "imposti oħrajn" tfisser kwalunkwe tariffa li trid titħallas flimkien mad-dazji doganali, mal-VAT, mat-tariffi tal-formalitajiet doganali u mat-tariffi tal-kurrier.

Or. en

Emenda 203
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) "kriżi" ***tfisser avveniment jew sitwazzjoni li f'daqqa waħda tipperikola s-***	(64) "kriżi" ***kif definita fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt 1 tar-Regolament li***

sikurezza, is-sigurtà, is-saħħa u l-ħajja taċ-ċittadini, tal-operaturi ekonomiċi u tal-persunal tal-awtoritajiet doganali u teħtieġ miżuri urġenti fir-rigward tad-dħul, tal-ħruġ jew tat-tranżitu tal-merkanzija.	***jistabbilixxi strument għas-Suq Uniku f'emerġenza u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Koerenza ma' leġiżlazzjoni ġdida dwar il-kriżi.

Emenda 204
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(64a) "klijent aħħari" tfisser persuna fiżika jew morali residenti jew stabbilita fl-Unjoni, li għaliha jkun sar disponibbli prodott minn bejjiegħ jew suq.

Or. en

Emenda 205
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(64a) "vjeġġ mhux f'riskju" tfisser vjeġġ mingħajr riskju doganali kif ivvalutat mill-Pjattaforma tad-Data, u li jiġi attribwit il-kodiċi bil-kulur aħdar.

Or. en

Emenda 206

Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(64a) "imposti oħrajn" tfisser kwalunkwe tariffa li trid titħallas flimkien mad-dazji doganali, mal-VAT, mat-tariffi tal-formalitajiet doganali u mat-tariffi tal-kurrier.

Or. en

Emenda 207
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(64b) "vjeġġ f'riskju - li għandu jiġi vvalutat qabel ir-rilaxx fis-suq intern" tfisser vjeġġ li għandu jiġi segregat u eżaminat mill-awtoritajiet doganali nazzjonali mal-wasla fid-destinazzjoni;

Or. en

Emenda 208
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(64c) "vjeġġ mhux konformi" tfisser vjeġġ mhux konformi mar-regoli tal-UE, li għandu jiġi miċħud milli jingħabar mill-oriġini u/jew jiġi miċħud għar-rilaxx fis-suq intern;

Or. en

Emenda 209
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(64d) "kwalità tad-data" tfisser ġbir immirat ta' data primarja mid-detenturi tad-data li għandhom kontroll fuq l-informazzjoni li tista' tintuża għall-validazzjoni tad-dikjarazzjonijiet u għall-ġlieda kontra l-frodi. Din id-data se tappoġġa l-prestazzjoni ta' analiżi tar-riskju robusta permessa mill-kapaċitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE kif definit fl-Artikolu 29(1)(d);

Or. en

Emenda 210
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(64e) "imposti oħrajn" tfisser kwalunkwe tariffa li trid titħallas flimkien mad-dazji doganali, mal-VAT, mat-tariffi tal-formalitajiet doganali u mat-tariffi tal-kurrier;

Or. en

Emenda 211
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(64f) "klijent aħħari" tfisser persuna fiżika jew ġuridika residenti jew stabbilita fl-Unjoni, li għaliha jkun sar disponibbli prodott minn bejjiegħ jew suq;

Or. en

Emenda 212
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet doganali għandhom, mingħajr dewmien u sa mhux aktar tard minn ***30*** jum tal-kalendarju minn meta jirċievu l-applikazzjoni għal deċiżjoni, jivverifikaw jekk ikunux issodisfati l-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' dik l-applikazzjoni.	L-awtoritajiet doganali għandhom, mingħajr dewmien u sa mhux aktar tard minn ***14-il*** jum tal-kalendarju minn meta jirċievu l-applikazzjoni għal deċiżjoni, jivverifikaw jekk ikunux issodisfati l-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' dik l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 213
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħlief meta jkun previst mod ieħor, l-awtorità doganali kompetenti għandha tieħu deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 sa mhux aktar tard minn ***120*** jum tal-kalendarju mid-data tal-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni u għandha tinnotifika lill-applikant mingħajr dewmien.	Ħlief meta jkun previst mod ieħor, l-awtorità doganali kompetenti għandha tieħu deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 sa mhux aktar tard minn ***90*** jum tal-kalendarju mid-data tal-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni u għandha tinnotifika lill-applikant mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 214

Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-awtoritajiet doganali jonqsu milli jieħdu deċiżjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi, l-applikant jista' jikkunsidra t-talba li ġiet miċħuda u jista' jappella tali deċiżjoni negattiva. L-applikant jista' jinforma wkoll lill-Awtorità Doganali tal-UE li l-awtoritajiet doganali ma ħadux deċiżjoni sal-limiti ta' żmien rilevanti.	Meta l-awtoritajiet doganali jonqsu milli jieħdu deċiżjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi, l-applikant jista' jikkunsidra t-talba li ġiet miċħuda u jista' jappella tali deċiżjoni negattiva. L-applikant jista' jinforma wkoll lill-Awtorità Doganali tal-UE li l-awtoritajiet doganali ma ħadux deċiżjoni sal-limiti ta' żmien rilevanti. ***Il-Kummissjoni, l-Awtorità Doganali tal-UE u l-Istati Membri għandhom jaqblu dwar proċess ċar biex jittrattaw deċiżjonijiet f'każ ta' ħsara teknika tal-infrastruttura tas-sistemi elettroniċi ċentralizzati tal-UE, u speċjalment tal-pjattaforma tad-data, sabiex jiġi żgurat li l-kummerċ ma jiġix ipparalizzat.***

Or. en

Emenda 215
Tom Vandenkendelaere

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-awtoritajiet doganali jonqsu milli jieħdu deċiżjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi, l-applikant jista' jikkunsidra t-talba li ġiet miċħuda u jista' jappella tali deċiżjoni negattiva. ***L-applikant jista' jinforma wkoll lill-Awtorità Doganali tal-UE li l-awtoritajiet doganali ma ħadux deċiżjoni sal-limiti ta' żmien rilevanti.***	Meta l-awtoritajiet doganali jonqsu milli jieħdu deċiżjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi, l-applikant jista' jikkunsidra t-talba li ġiet miċħuda u jista' jappella tali deċiżjoni negattiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ma għandu ebda valur miżjud għall-applikant li jissottometti din l-informazzjoni lill-Awtorità Doganali tal-UE. Mhux ċar għal xiex se tintuża din l-informazzjoni.

Emenda 216
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-awtoritajiet doganali jonqsu milli jieħdu deċiżjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi, ***l-applikant jista' jikkunsidra t-talba*** li ġiet miċħuda u jista' jappella tali deċiżjoni negattiva. L-applikant jista' jinforma ***wkoll*** lill-Awtorità Doganali tal-UE li l-awtoritajiet doganali ma ħadux deċiżjoni sal-limiti ta' żmien rilevanti.	Meta l-awtoritajiet doganali jonqsu milli jieħdu deċiżjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi, ***it-talba għandha tiġi kkunsidrata bħala*** li ġiet miċħuda u ***l-applikant*** jista' jappella tali deċiżjoni negattiva. L-applikant jista' jinforma lill-Awtorità Doganali tal-UE li l-awtoritajiet doganali ma ħadux deċiżjoni sal-limiti ta' żmien rilevanti.

Or. en

Emenda 217
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 9 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni doganali fil-livell Ewropew.

Or. en

Emenda 218
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-attendenza, meta mitluba, ta' persunal tad-dwana barra mill-ħinijiet uffiċjali jew f'xi bini ieħor li ma jkunx il-bini doganali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 219
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) miżuri ta' kontroll eċċezzjonali, meta dawn ikunu neċessarji minħabba n-natura tal-merkanzija jew riskju potenzjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 220
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi ekonomiċi stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni għandhom jirreġistraw mal-awtoritajiet doganali responsabbli għall-post fejn ikunu stabbiliti sabiex jiksbu numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI). Meta jkun possibbli, dik ir-reġistrazzjoni għandha tinkludi wkoll l-identifikazzjoni elettronika tal-operatur fl-iskemi nazzjonali ta' identifikazzjoni elettronika msemmija fir-Regolament (UE) Nru 910/2014.	1. L-operaturi ekonomiċi stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni għandhom jirreġistraw mal-awtoritajiet doganali responsabbli għall-post fejn ikunu stabbiliti sabiex jiksbu numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI). Meta jkun possibbli, dik ir-reġistrazzjoni għandha tinkludi wkoll l-identifikazzjoni elettronika tal-operatur fl-iskemi nazzjonali ta' identifikazzjoni elettronika msemmija fir-Regolament (UE) Nru 910/2014. ***L-operaturi ekonomiċi li jinnegozjaw regolarment ma' pajjiżi terzi***

jistgħu jagħżlu post ta' stabbiliment għal finijiet doganali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operaturi ekonomiċi għandhom diversi kunsiderazzjonijiet (kummerċjali) biex jiddeterminaw il-post ta' stabbiliment tagħhom, id-definizzjoni attwali tisforza għafsa fuq in-negozji li qed joperaw internazzjonalment biex ikunu konnessi ma' amministrazzjoni doganali billi setgħu ċċentralizzaw (jew saħansitra esternalizzaw) l-attivitajiet doganali tagħhom fi Stat Membru ieħor. B'mod partikolari, il-kombinament meħtieġ kemm għar-riżorsi umani kif ukoll dawk tekniċi, f'każijiet ta' teknoloġija barra mill-post ta' negozju din id-definizzjoni ma taqbilx.

Emenda 221
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. F'każijiet speċifiċi, l-awtoritajiet doganali għandhom jinvalidaw ir-reġistrazzjoni.	5. F'każijiet speċifiċi ***ġġustifikati sew***, l-awtoritajiet doganali għandhom jinvalidaw ir-reġistrazzjoni.

Or. en

Emenda 222
Ivan Štefanec

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-iżgurar li ***l-merkanzija li tidħol jew toħroġ mit-territorju doganali tal-Unjoni tikkonforma*** mal-leġiżlazzjoni rilevanti l-oħra applikata mill-awtoritajiet doganali u l-provvista, iż-żamma u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' rekords xierqa ta' tali konformità***;***	(c) l-iżgurar li ***l-operatur ekonomiku rilevanti kif determinat skont ir-Regolament 2023/988 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti u r-Regolament 2019/1020 ikun ikkonforma*** mal-leġiżlazzjoni rilevanti l-oħra applikata mill-awtoritajiet doganali ***meta [il-merkanzija tidħol jew toħroġ mit-territorju doganali tal-Unjoni]*** u l-provvista, iż-żamma u t-

tqegħid għad-dispożizzjoni ta' rekords xierqa ta' tali konformità**.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara li l-importaturi mhumiex direttament responsabbli għall-konformità mal-leġiżlazzjoni speċifika dwar il-prodotti, iżda minflok għas-sottomissjoni tad-data rilevanti lill-awtoritajiet doganali u għall-iżgurar li l-persuni responsabbli, kif identifikati fil-GPSR u fl-MSR, ikunu kkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti.

Emenda 223
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-iżgurar li ***l-merkanzija li tidħol jew toħroġ mit-territorju doganali tal-Unjoni tikkonforma mal-leġiżlazzjoni*** rilevanti l-oħra applikata mill-awtoritajiet doganali u l-provvista, iż-żamma u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' rekords xierqa ta' tali konformità;	(c) l-iżgurar li ***l-operatur ekonomiku rilevanti kif determinat skont ir-Regolament 2023/988 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti u r-Regolament 2019/1020 ikun ikkompila l-leġiżlazzjoni*** rilevanti l-oħra applikata mill-awtoritajiet doganali ***meta l-merkanzija tidħol jew toħroġ mit-territorju doganali tal-Unjoni*** u l-provvista, iż-żamma u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' rekords xierqa ta' tali konformità;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara li l-importaturi mhumiex direttament responsabbli għall-konformità mal-leġiżlazzjoni speċifika dwar il-prodotti, iżda minflok għas-sottomissjoni tad-data rilevanti lill-awtoritajiet doganali u għall-iżgurar li l-persuni responsabbli, kif identifikati fil-GPSR u fl-MSR, ikunu kkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti.

Emenda 224
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'deroga mill-Artikolu 20(1), ***il-punt (a),*** l-importaturi preżunti għandhom jipprovdu jew jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata fit-territorju doganali tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-jum ta' wara d-data meta l-ħlas ikun ġie aċċettat u fi kwalunkwe każ qabel ir-rilaxx tal-merkanzija.	1. B'deroga mill-Artikolu 20(1), l-importaturi preżunti għandhom ***(a)*** jipprovdu jew jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata fit-territorju doganali tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-jum ta' wara d-data meta l-ħlas ikun ġie aċċettat u fi kwalunkwe każ qabel ir-rilaxx tal-merkanzija ***u (b) jiżguraw l-kalkolu u l-ħlas korretti tad-dazji doganali u kwalunkwe imposta oħra applikabbli***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tispeċifika li r-responsabbiltajiet tal-importaturi preżunti huma definiti mil-liġijiet doganali, b'enfasi fuq li tiġi pprovduta data essenzjali għar-rilaxx tal-merkanzija mibjugħa u l-ġestjoni tal-kalkolu u l-ħlas tad-dazji doganali u l-imposti rilevanti. Din l-ispeċifikazzjoni tallinja mar-rikonoxximent tal-Kummissjoni li d-dazji tal-importaturi preżunti huma differenti minn dawk ta' importaturi oħra, li jiżgura konsistenza mal-obbligi deskritti fir-Regolament (UE) Nru 2022/2065, ir-Regolament 2019/1020, u r-Regolament 2023/988.

Emenda 225
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'deroga mill-Artikolu 20(1), il-punt (a), l-importaturi preżunti għandhom jipprovdu jew jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata fit-territorju doganali tal-Unjoni ***sa mhux aktar tard mill-jum ta' wara d-data meta l-ħlas ikun ġie aċċettat u fi kwalunkwe każ qabel ir-rilaxx tal-merkanzija***.	1. B'deroga mill-Artikolu 20(1), il-punt (a), l-importaturi preżunti għandhom jipprovdu jew jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 226

Ivan Štefanec

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'deroga mill-Artikolu 20(1), ***il-punt (a)***, l-importaturi preżunti għandhom jipprovdu jew jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata fit-territorju doganali tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-jum ta' wara d-data meta l-ħlas ikun ġie aċċettat u fi kwalunkwe każ qabel ir-rilaxx tal-merkanzija.	1. B'deroga mill-Artikolu 20(1), ***il-punti (a) u (c)***, l-importaturi preżunti għandhom jipprovdu jew jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata fit-territorju doganali tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-jum ta' wara d-data meta l-ħlas ikun ġie aċċettat u fi kwalunkwe każ qabel ir-rilaxx tal-merkanzija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligi tal-importatur preżunt huma speċifiċi għal dawk stabbiliti mil-liġijiet doganali, inkluż il-forniment tad-data meħtieġa għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-merkanzija mibjugħa, u għall-kalkolu u għall-ħlas tad-dazji doganali u imposti applikabbli oħra. Din il-kjarifika hija konsistenti mar-rikonoxximent tal-Kummissjoni li l-obbligi tal-importaturi preżunti huma differenti mill-obbligi applikabbli għall-importaturi oħra, u tiżgura li l-obbligi tal-importatutri preżunti huma konsistenti mal-obbligi stabbiliti fir-Regolament 2019/1020 u/jew ir-Regolament 2023/988.

Emenda 227
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) in-nuqqas ta' ksur serju u ripetut ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mid-dwana;

Or. en

Emenda 228
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Importatur jew esportatur, li jkun residenti jew reġistrat fit-territorju doganali tal-Unjoni, jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u jkun wettaq operazzjonijiet doganali regolari matul in-negozju ta' dik il-persuna għal tal-anqas 3 snin, jista' japplika għall-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) mal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita dik il-persuna.	1. Importatur jew esportatur ***jew rappreżentant tad-dwana, inkluż aġent doganali***, li jkun residenti jew reġistrat fit-territorju doganali tal-Unjoni, jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u jkun wettaq operazzjonijiet doganali regolari matul in-negozju ta' dik il-persuna għal tal-anqas 3 snin, jista' japplika għall-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) mal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita dik il-persuna.

Or. en

Emenda 229
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Importatur ***jew esportatur***, li jkun residenti jew reġistrat fit-territorju doganali tal-Unjoni, jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u jkun wettaq operazzjonijiet doganali regolari matul in-negozju ta' dik il-persuna għal tal-anqas 3 snin, jista' japplika għall-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) mal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita dik il-persuna.	1. Importatur***, esportatur jew rappreżentant tad-dwana***, li jkun residenti jew reġistrat fit-territorju doganali tal-Unjoni, jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u jkun wettaq operazzjonijiet doganali regolari matul in-negozju ta' dik il-persuna għal tal-anqas 3 snin, jista' japplika għall-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) mal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita dik il-persuna.

Or. en

Emenda 230
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Importatur jew esportatur, li jkun*** residenti jew ***reġistrat*** fit-territorju doganali tal-Unjoni, ***jissodisfa*** l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u ***jkun wettaq*** operazzjonijiet doganali regolari matul in-negozju ta' dik il-persuna għal tal-anqas 3 snin, ***jista' japplika*** għall-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) mal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita dik il-persuna.	1. ***Persuna, li tkun*** residenti jew ***reġistrata*** fit-territorju doganali tal-Unjoni, ***tissodisfa*** l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u ***tkun wettqet*** operazzjonijiet doganali regolari matul in-negozju ta' dik il-persuna għal tal-anqas 3 snin, ***tista' tapplika*** għall-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) mal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita dik il-persuna.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-intermedjarji kummerċjali doganali u operaturi rilevanti oħra għandhom ikunu jistgħu japplikaw għat-TCT, kif inhu l-każ bl-istatus ta' AEO. L-istess lingwa bħal hawnhekk.

Emenda 231
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu l-istatus wara konsultazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, jekk ikun neċessarju, u wara li ***jkollhom aċċess għad-data*** rilevanti tal-applikant għall-aħħar 3 snin sabiex jivvalutaw il-konformità mal-kriterji fil-paragrafu 3.	2. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu l-istatus wara konsultazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, jekk ikun neċessarju, u wara li ***jkunu rċevew u vvalutaw id-data*** rilevanti tal-applikant għall-aħħar 3 snin sabiex jivvalutaw il-konformità mal-kriterji fil-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 232
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-nuqqas ta' kwalunkwe ksur serju jew ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli dwar it-tassazzjoni u ebda rekord ta' reati kriminali serji; il-ksur u r-reati li għandhom jiġu kkunsidrati huma dawk relatati ma' attivitajiet ekonomiċi jew kummerċjali;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nippreferu li nżommu l-istatus ta' AEO, għalhekk nissuġġerixxu li jitħassar l-Artikolu 26 u li jiġi emendat l-Artikolu 25(3) kif issuġġerit.

Emenda 233
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) a) il-kriterji għall-għoti ta' status ta' operatur ekonomiku awtorizzat
	b) minbarra l-Artikolu 24, il-paragrafu 1(c), b'mod partikolari, matul l-aħħar 3 snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikant għandu jkun issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu fir-rigward tal-pagamenti tad-dazji doganali u tad-dazji, tat-taxxi jew tat-tariffi l-oħrajn kollha li jingabru fuq jew b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni tal-merkanzija, inkluż fuq il-VAT u fuq id-dazji tas-sisa dovuti fir-rigward ta' operazzjonijiet intra-UE;
	c) minbarra l-Artikolu 24, il-paragrafu 1(d), inkluż li l-impjegati rilevanti jingħataw struzzjonijiet dwar kif jinteraġixxu mal-awtoritajiet doganali permezz tal-Pjattaforma tad-Data

Doganali tal-UE;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nippreferu li nżommu l-istatus ta' AEO, għalhekk nissuġġerixxu li jitħassar l-Artikolu 26 jiġi emendat l-Artikolu 25(3) kif issuġġerit.

Emenda 234
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) in-nuqqas ta' ksur serju u ripetut ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mid-dwana

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rekord ripetut ta' nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti għandu jġib miegħu konsegwenzi.

Emenda 235
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-wiri mill-applikant ta' livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-fluss tal-merkanzija, permezz ta' sistema ta' ġestjoni tar-rekords kummerċjali u tat-trasport, li tippermetti li jsiru kontrolli doganali xierqa u evidenza li n-nuqqas ta' konformità ġie rrimedjat b'mod effettiv; l-applikant għandu jiżgura l-impjegati rilevanti jgħarrfu lill-awtoritajiet doganali kull meta jiltaqgħu ma' diffikultajiet ta' konformità u	***imħassar***

jistabbilixxi proċeduri għall-informar lill-awtoritajiet doganali dwar tali diffikultajiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nippreferu li nżommu l-istatus ta' AEO, għalhekk nissuġġerixxu li jitħassar l-Artikolu 26 u li jiġi emendat l-Artikolu 25(3) kif issuġġerit.

Emenda 236
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-solvenza finanzjarja, li għandha titqies bħala pprovata meta l-applikant ikollu kapaċità finanzjarja tajba, li tippermettilu jonora l-impenji tiegħu, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-karatteristiċi tat-tip ta' attività kummerċjali kkonċernata. B'mod partikolari, matul l-aħħar 3 snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikant għandu jkun issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu fir-rigward tal-pagamenti tad-dazji doganali u tad-dazji, tat-taxxi jew tat-tariffi l-oħrajn kollha li jinġabru fuq jew b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni tal-merkanzija, inkluż fuq il-VAT u fuq id-dazji tas-sisa dovuti fir-rigward ta' operazzjonijiet intra-UE;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nippreferu li nżommu l-istatus ta' AEO, għalhekk nissuġġerixxu li jitħassar l-Artikolu 26 u li jiġi emendat l-Artikolu 25(3) kif issuġġerit.

Emenda 237
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-solvenza finanzjarja, li għandha titqies bħala pprovata meta l-applikant ikollu kapaċità finanzjarja ***tajba***, li tippermettilu jonora l-impenji tiegħu, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-karatteristiċi tat-tip ta' attività kummerċjali kkonċernata. B'mod partikolari, matul l-aħħar 3 snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikant għandu jkun issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu fir-rigward tal-pagamenti tad-dazji doganali u tad-dazji, tat-taxxi jew tat-tariffi l-oħrajn kollha li jinġabru fuq jew b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni tal-merkanzija, inkluż fuq il-VAT u fuq id-dazji tas-sisa dovuti fir-rigward ta' operazzjonijiet intra-UE;	(c) is-solvenza finanzjarja, li għandha titqies bħala pprovata meta l-applikant ikollu kapaċità finanzjarja, li tippermettilu jonora l-impenji tiegħu, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-karatteristiċi tat-tip ta' attività kummerċjali kkonċernata. B'mod partikolari, matul l-aħħar 3 snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikant għandu jkun issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu fir-rigward tal-pagamenti tad-dazji doganali u tad-dazji, tat-taxxi jew tat-tariffi l-oħrajn kollha li jinġabru fuq jew b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni tal-merkanzija, inkluż fuq il-VAT u fuq id-dazji tas-sisa dovuti fir-rigward ta' operazzjonijiet intra-UE;

Or. en

Emenda 238
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) standards prattiċi ta' kompetenza jew ta' kwalifiki professjonali direttament relatati mat-tip u mad-daqs tal-attività mwettqa, inkluż li l-impjegati rilevanti jingħataw struzzjonijiet dwar kif jinteraġixxu mal-awtoritajiet doganali permezz tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nippreferu li nżommu l-istatus ta' AEO, għalhekk nissuġġerixxu li jitħassar l-Artikolu 26 u li jiġi emendat l-Artikolu 25(3) kif issuġġerit.

Emenda 239
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) standards xierqa ta' sigurtà, ta' sikurezza u ta' konformità, adattati għat-tip u għad-daqs tal-attività mwettqa. L-istandards għandhom jitqiesu bħala ssodisfati meta l-applikant juri li huwa jżomm miżuri xierqa sabiex jiżgura s-sigurtà u s-sikurezza tal-katina tal-provvista internazzjonali, inkluż fl-oqsma tal-integrità fiżika u tal-kontrolli tal-aċċess, tal-proċessi loġistiċi u tat-trattament ta' tipi speċifiċi ta' merkanzija, ta' persunal u ta' identifikazzjoni tas-sħab kummerċjali tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nippreferu li nżommu l-istatus ta' AEO, għalhekk nissuġġerixxu li jitħassar l-Artikolu 26 u li jiġi emendat l-Artikolu 25(3) kif issuġġerit.

Emenda 240
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) standards xierqa ta' sigurtà, ta' sikurezza u ta' konformità, adattati għat-tip u għad-daqs tal-attività mwettqa. L-istandards għandhom jitqiesu bħala ssodisfati meta l-applikant juri li huwa jżomm miżuri xierqa sabiex jiżgura s-sigurtà u s-sikurezza tal-katina tal-provvista internazzjonali, inkluż fl-oqsma tal-integrità fiżika u tal-kontrolli tal-aċċess, tal-proċessi loġistiċi u tat-trattament ta' tipi	(e) standards xierqa ta' sigurtà, ta' sikurezza***, inkluża s-sikurezza tal-prodotti,*** u ta' konformità, adattati għat-tip u għad-daqs tal-attività mwettqa***. L-applikant se jkun meħtieġ jipparteċipa f'taħriġ obbligatorju pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti relatat mat-tip ta' attività***. L-istandards għandhom jitqiesu bħala ssodisfati meta l-applikant juri li huwa jżomm miżuri xierqa sabiex jiżgura s-

speċifiċi ta’ merkanzija, ta’ persunal u ta’ identifikazzjoni tas-sħab kummerċjali tiegħu;	sigurtà u s-sikurezza tal-katina tal-provvista internazzjonali, inkluż fl-oqsma tal-integrità fiżika u tal-kontrolli tal-aċċess, tal-proċessi loġistiċi u tat-trattament ta’ tipi speċifiċi ta’ merkanzija, ta’ persunal u ta’ identifikazzjoni tas-sħab kummerċjali tiegħu;

Or. en

Emenda 241
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) standards xierqa ta’ sigurtà, ta’ sikurezza u ta’ konformità, adattati għat-tip u għad-daqs tal-attività mwettqa. L-istandards għandhom jitqiesu bħala ssodisfati meta l-applikant juri li huwa jżomm miżuri xierqa sabiex jiżgura s-sigurtà u s-sikurezza tal-katina tal-provvista internazzjonali, inkluż fl-oqsma tal-integrità fiżika u tal-kontrolli tal-aċċess, tal-proċessi loġistiċi u tat-trattament ta’ tipi speċifiċi ta’ merkanzija, ta’ persunal u ta’ identifikazzjoni tas-sħab kummerċjali tiegħu;	(e) standards xierqa ta’ sigurtà, ta’ sikurezza u ta’ konformità, ***inkluża s-sikurezza tal-prodotti*** adattati għat-tip u għad-daqs tal-attività mwettqa***. L-applikant se jkun meħtieġ jipparteċipa f’taħriġ obbligatorju pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti relatat mat-tip ta’ attività***. L-istandards għandhom jitqiesu bħala ssodisfati meta l-applikant juri li huwa jżomm miżuri xierqa sabiex jiżgura s-sigurtà u s-sikurezza tal-katina tal-provvista internazzjonali, inkluż fl-oqsma tal-integrità fiżika u tal-kontrolli tal-aċċess, tal-proċessi loġistiċi u tat-trattament ta’ tipi speċifiċi ta’ merkanzija, ta’ persunal u ta’ identifikazzjoni tas-sħab kummerċjali tiegħu;

Or. en

Emenda 242
Tom Vandenkendelaere

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt f – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(f) li jkun hemm sistema elettronika li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali f'ħin reali d-data kollha dwar il-moviment tal-merkanzija u l-konformità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal dik il-merkanzija, inkluż fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà u inkluża, meta rilevanti, il-kondiviżjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ta' dawn:	(f) li jkun hemm sistema elettronika***, inklużi sistemi ġestiti minn fornitur terz,*** li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali f'ħin reali d-data ***xierqa*** kollha dwar il-moviment tal-merkanzija u l-konformità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal dik il-merkanzija, inkluż fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà u inkluża, meta rilevanti, il-kondiviżjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ta' dawn:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ħafna operaturi jużaw pjattaformi ġestiti minn partijiet terzi, bħas-Sistemi tal-Komunità tal-Port, biex iwasslu (u jiġbru) l-informazzjoni meħtieġa lid-dwana. Dawn is-sistemi għandhom jitqiesu bħala sistemi elettroniċi adegwati skont din il-leġiżlazzjoni.

Emenda 243
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt f – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) li jkun hemm sistema elettronika li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali f'ħin reali ***d-data kollha*** dwar il-moviment tal-merkanzija u l-konformità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal dik il-merkanzija, inkluż fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà u inkluża, meta rilevanti, il-kondiviżjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ta' dawn:	(f) li jkun hemm sistema elettronika li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali ***d-data, u meta jkun ġustifikat b'mod raġonevoli u xieraq, id-data*** f'ħin reali***,*** dwar il-moviment tal-merkanzija u l-konformità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal dik il-merkanzija, inkluż fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà u inkluża, meta rilevanti, il-kondiviżjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ta' dawn:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux ċar kif id-data tal-kumpaniji għandha tiġi aċċessata f'ħin reali mingħajr ma tiġi żvelata informazzjoni sensittiva. Approċċ aktar ristrett jidher proporzjonali.

Emenda 244
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt f – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) li jkun hemm sistema elettronika li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali f'ħin reali d-data ***kollha*** dwar il-moviment tal-merkanzija u l-konformità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal dik il-merkanzija, inkluż fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà u inkluża, meta rilevanti, il-kondiviżjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ta' dawn:	(f) li jkun hemm sistema elettronika li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali f'ħin reali d-data ***rilevanti*** dwar il-moviment tal-merkanzija u l-konformità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal dik il-merkanzija, inkluż fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà u inkluża, meta rilevanti, il-kondiviżjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ta' dawn:

Or. en

Emenda 245
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt f – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) li jkun hemm sistema elettronika li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali ***f'ħin reali*** d-data kollha dwar il-moviment tal-merkanzija u l-konformità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal dik il-merkanzija, inkluż fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà u inkluża, meta rilevanti, il-kondiviżjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ta' dawn:	(f) li jkun hemm sistema elettronika li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali d-data kollha dwar il-moviment tal-merkanzija u l-konformità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal dik il-merkanzija, inkluż fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà u inkluża, meta rilevanti, il-kondiviżjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ta' dawn:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit li d-dwana jkollha aċċess f'ħin reali għas-sistemi tal-IT tan-negozji mhux se jiġi aċċettat min-negozjanti għal raġunijiet ovvji ta' sigurtà. Barra minn hekk, jidher li mhuwiex meħtieġ biex id-dwana taġixxi kif suppost, l-iskema tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) hija rikonoxximent li n-negozji jilħqu ċertu livell ta' konformità, li jfisser li d-dwana tista' tinfluwenza l-kontrolli interni ta' dak in-negozju. Approċċ ta' kontroll ibbażat fuq bażi perjodika għandu jkun biżżejjed.

Emenda 246
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) b'eċċezzjoni għall-paragrafu f u n-nuqqas ta' obbligi marbuta mal-istatus ta' importatur jew l-istatus ta' importatur preżunt, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jistgħu jagħmlu d-data dwar il-konformità disponibbli għall-awtoritajiet doganali permezz ta' Passaport Diġitali tal-Prodotti,

Or. en

Emenda 247
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tal-anqas kull ***3 snin*** l-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu monitoraġġ fil-fond tal-attivitajiet u tar-rekords interni tal-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check). L-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva, fis-sjieda, fis-sitwazzjoni tas-solvenza, fil-mudelli ta' negozjar tiegħu jew dwar kwalunkwe bidla	Tal-anqas kull ***sentejn*** l-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu monitoraġġ fil-fond tal-attivitajiet u tar-rekords interni tal-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check). L-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva, fis-sjieda, fis-sitwazzjoni tas-solvenza, fil-mudelli ta' negozjar tiegħu jew dwar kwalunkwe bidla

sinifikanti oħra fis-sitwazzjoni u fl-attivitajiet tiegħu. L-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw mill-ġdid l-istatus tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jekk kwalunkwe waħda minn dawn il-bidliet ikollha impatt sinifikanti fuq l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika. L-awtoritajiet doganali jistgħu jissospendu din l-awtorizzazzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar ir-rivalutazzjoni.	sinifikanti oħra fis-sitwazzjoni u fl-attivitajiet tiegħu. L-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw mill-ġdid l-istatus tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jekk kwalunkwe waħda minn dawn il-bidliet ikollha impatt sinifikanti fuq l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika. L-awtoritajiet doganali jistgħu jissospendu din l-awtorizzazzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar ir-rivalutazzjoni.
	Or. en

Emenda 248
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tal-anqas kull ***3 snin*** l-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu monitoraġġ fil-fond tal-attivitajiet u tar-rekords interni tal-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check). L-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva, fis-sjieda, fis-sitwazzjoni tas-solvenza, fil-mudelli ta' negozjar tiegħu jew dwar kwalunkwe bidla sinifikanti oħra fis-sitwazzjoni u fl-attivitajiet tiegħu. L-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw mill-ġdid l-istatus tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jekk kwalunkwe waħda minn dawn il-bidliet ikollha impatt sinifikanti fuq l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika. L-awtoritajiet doganali jistgħu jissospendu din l-awtorizzazzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar ir-rivalutazzjoni.	Tal-anqas kull ***sena*** l-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu monitoraġġ fil-fond tal-attivitajiet u tar-rekords interni tal-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check). L-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva, fis-sjieda, fis-sitwazzjoni tas-solvenza, fil-mudelli ta' negozjar tiegħu jew dwar kwalunkwe bidla sinifikanti oħra fis-sitwazzjoni u fl-attivitajiet tiegħu. L-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw mill-ġdid l-istatus tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jekk kwalunkwe waħda minn dawn il-bidliet ikollha impatt sinifikanti fuq l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika. L-awtoritajiet doganali jistgħu jissospendu din l-awtorizzazzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar ir-rivalutazzjoni.
	Or. en

Emenda 249
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jbiddlu l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi jistgħu jivvalutaw mill-ġdid l-awtorizzazzjoni ta' Fiduċja u ta' Verifika, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li inizjalment ikun ta l-istatus u jkunu rċivew ir-rekords preċedenti dwar l-operaturi. ***Matul ir-rivalutazzjoni, l-awtorità doganali tal-Istat Membru li tkun tat l-awtorizzazzjoni inizjali tista' tissospendiha.***	Meta operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jbiddlu l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi jistgħu jivvalutaw mill-ġdid l-awtorizzazzjoni ta' Fiduċja u ta' Verifika, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li inizjalment ikun ta l-istatus u jkunu rċivew ir-rekords preċedenti dwar l-operaturi.

Or. en

Emenda 250
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva, ***fis-sjieda,*** fis-sitwazzjoni tas-solvenza, fil-mudelli ta' negozjar tiegħu jew dwar kwalunkwe bidla sinifikanti oħra fis-sitwazzjoni u fl-attivitajiet tiegħu jekk kwalunkwe waħda minn dawn il-bidliet ikollha impatt fuq l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika.	L-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva, fis-sitwazzjoni tas-solvenza, fil-mudelli ta' negozjar tiegħu jew dwar kwalunkwe bidla sinifikanti oħra fis-sitwazzjoni u fl-attivitajiet tiegħu jekk kwalunkwe waħda minn dawn il-bidliet ikollha impatt fuq l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika.

Or. en

Emenda 251
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jkun suspettat ***li jkun involut f'attività frawdolenti fir-rigward tal-attività ekonomika jew kummerċjali tiegħu, l-istatus tiegħu għandu jiġi sospiż.***	Meta operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jkun suspettat***:***
	(a) li jkun involut f'attività frawdolenti fir-rigward tal-attività ekonomika jew kummerċjali tiegħu,
	(b) bi ksur serju jew ripetut ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mid-dwana;
	l-istatus tiegħu għandu jiġi sospiż.

Or. en

Emenda 252
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jkun ***suspettat li jkun*** involut f'attività frawdolenti fir-rigward tal-attività ekonomika jew kummerċjali tiegħu, l-istatus tiegħu għandu jiġi sospiż.	Meta operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jkun involut f'attività frawdolenti fir-rigward tal-attività ekonomika jew kummerċjali tiegħu ***jew ir-rilaxx ta' prodotti mhux konformi fis-suq intern***, l-istatus tiegħu għandu jiġi sospiż. ***Din is-sospensjoni għandha tiġi notifikata fil-Pjattaforma tad-Data Doganali.***

Or. en

Emenda 253
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta operatur ta' Fiduċja u Verifikat (operatur Trust and Check) jkun suspettat li jkun involut f'attività frawdolenti fir-rigward tal-attività ekonomika jew kummerċjali tiegħu, l-istatus tiegħu għandu jiġi sospiż**.**	Meta operatur ta' Fiduċja u Verifikat (operatur Trust and Check) jkun suspettat li jkun involut f'attività frawdolenti fir-rigward tal-attività ekonomika jew kummerċjali tiegħu, ***jew suspettat li rrilaxxa prodotti mhux konformi fit-territorju doganali,*** l-istatus tiegħu għandu jiġi sospiż

Or. en

Emenda 254
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet doganali ***jistgħu*** jawtorizzaw lill-operaturi ta' Fiduċja u Verifikati (operaturi Trust and Check) sabiex:	7. L-awtoritajiet doganali ***għandhom*** jawtorizzaw lill-operaturi ta' Fiduċja u Verifikati (operaturi Trust and Check) sabiex:

Or. en

Emenda 255
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet doganali ***jistgħu*** jawtorizzaw lill-operaturi ta' Fiduċja u Verifikati (operaturi Trust and Check) sabiex:	7. L-awtoritajiet doganali ***għandhom*** jawtorizzaw lill-operaturi ta' Fiduċja u Verifikati (operaturi Trust and Check) sabiex:

Or. en

Emenda 256
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) (f) iwettqu żdoganar ċentralizzat f'konformità mal-Artikolu 72.

Or. en

Emenda 257
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) (g) jagħmlu entrata fir-rekords tad-dikjarant f'konformità mal-Artikolu 73.

Or. en

Emenda 258
Tom Vandenkendelaere

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. B'deroga mill-Artikolu 110, meta l-importatur jew l-esportatur tal-merkanzija li tidħol jew toħroġ mit-territorju doganali jkollu l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check), il-merkanzija għandha titqies taħt reġim ta' sospensjoni tad-dazju u tibqa' taħt superviżjoni doganali sad-destinazzjoni finali tagħha mingħajr l-obbligu li titqiegħed fi tranżitu. L-operatur ta'	9. B'deroga mill-Artikolu 110, meta l-importatur jew l-esportatur tal-merkanzija li tidħol jew toħroġ mit-territorju doganali jkollu l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check), il-merkanzija għandha titqies taħt reġim ta' sospensjoni tad-dazju u tibqa' taħt superviżjoni doganali sad-destinazzjoni finali tagħha ***mat-territorju doganali tal-Unjoni*** mingħajr l-obbligu li titqiegħed fi

Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jkun responsabbli għall-ħlas ta' dazji doganali, ta' taxxi oħrajn u ta' imposti oħrajn fl-Istat Membru tal-istabbiliment u fejn tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.	tranżitu. L-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jkun responsabbli għall-ħlas ta' dazji doganali, ta' taxxi oħrajn u ta' imposti oħrajn fl-Istat Membru tal-istabbiliment u fejn tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi ċċarat li s-servizzi doganali tal-UE ma għandhom l-ebda kompetenza barra mit-territorju doganali tal-UE.

Emenda 259
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 11 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-modalitajiet għall-applikazzjoni tal-kriterji msemmijin fil-paragrafu 3;	***imħassar***

Or. en

Emenda 260
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' appoġġ għall-bini tal-kapaċità u għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki għall-SMEs li jixtiequ jiksbu l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika;

Or. en

Emenda 261
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 26	***imħassar***
Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-simplifikazzjonijiet doganali	
1. Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(4), l-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu lill-persuni li jissodisfaw il-kriterji l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat għas-simplifikazzjonijiet doganali u jawtorizzawhom sabiex jibbenefikaw minn ċerti simplifikazzjonijiet u faċilitazzjonijiet f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali.	
2. Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(3), l-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw l-awtorizzazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati validi għas-simplifikazzjonijiet doganali sabiex jivverifikaw jekk id-detenturi tagħhom jistgħux jingħataw l-istatus ta' operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check). Jekk ma jistgħux, l-istatus ta' operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-simplifikazzjonijiet doganali u għas-simplifikazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 23(5) għandu jiġi rrevokat.	
3. Sakemm l-awtorizzazzjoni tiġi vvalutata mill-ġdid jew sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(3), skont liema tkun l-ewwel, ir-rikonoxximent tal-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat għas-simplifikazzjonijiet doganali għandu jibqa' validu, sakemm ma japplikawx l-Artikoli 9u 10 dwar l-annullament, ir-revoka jew l-emenda tad-deċiżjonijiet.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nippreferu li nżommu l-istatus ta' AEO, għalhekk nissuġġerixxu li jitħassar l-Artikolu 26 u li

jiġi emendat l-Artikolu 25(3) kif issuġġerit.

Emenda 262
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(4), l-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu lill-persuni li jissodisfaw il-kriterji l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat għas-simplifikazzjonijiet doganali u jawtorizzawhom sabiex jibbenefikaw minn ċerti simplifikazzjonijiet u faċilitazzjonijiet f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istatus tal-AOE u ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) għandu jeżisti flimkien bħala alternattivi, peress li s-sistemi attwali tal-AOE jaħdmu tajjeb ħafna.

Emenda 263
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(3), l-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw l-awtorizzazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati validi għas-simplifikazzjonijiet doganali sabiex jivverifikaw jekk id-detenturi tagħhom jistgħux jingħataw l-istatus ta' operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check). ***Jekk ma jistgħux, l-istatus ta' operaturi ekonomiċi awtorizzati għas-simplifikazzjonijiet doganali u għas-simplifikazzjonijiet imsemmijin fl-***	2. Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(3), l-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw l-awtorizzazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati validi għas-simplifikazzjonijiet doganali sabiex jivverifikaw jekk id-detenturi tagħhom jistgħux jingħataw l-istatus ta' operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check).

Artikolu 23(5) għandu jiġi rrevokat.

Or. en

Emenda 264
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sakemm l-awtorizzazzjoni tiġi vvalutata mill-ġdid jew sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(3), skont liema tkun l-ewwel, ir-rikonoxximent tal-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat għas-simplifikazzjonijiet doganali għandu jibqa' validu, sakemm ma japplikawx l-Artikoli 9u 10 dwar l-annullament, ir-revoka jew l-emenda tad-deċiżjonijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 265
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rappreżentant doganali indirett li jaġixxi f'ismu stess iżda għan-nom ta' importatur jew ta' esportatur għandu jitqies bħala l-importatur jew l-esportatur għall-finijiet tal-Artikoli 20 u 22, rispettivament.	Rappreżentant doganali indirett li jaġixxi f'ismu stess iżda għan-nom ta' importatur jew ta' esportatur għandu jitqies bħala l-importatur jew l-esportatur għall-finijiet tal-Artikoli 20 u 22, rispettivament***, bl-eċċezzjoni tal-obbligi fl-Artikolu 20(1) u l-Artikolu 22(1)(c)***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rappreżentanti doganali m'għandhomx ikunu responsabbli għall-obbligi ta' konformità mhux fiskali bħas-CBAM, id-Deforestazzjoni jew ir-Regolament dwar ix-Xogħol Furzat,

peress li ma għandhomx il-kapaċitajiet jew saħansitra l-possibbiltajiet li jivverifikaw il-konformità tal-importatur/esportatur. Dan huwa lil hinn mill-kontroll tagħhom. Għalhekk, ir-responsabbiltà konġunta tidher li hija piż mhux proporzjonat.

Emenda 266
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rappreżentant doganali indirett li jaġixxi f'ismu stess iżda għan-nom ta' importatur jew ta' esportatur għandu jitqies bħala l-importatur jew l-esportatur għall-finijiet tal-Artikoli 20 u 22, rispettivament.	Rappreżentant doganali indirett li jaġixxi f'ismu stess iżda għan-nom ta' importatur jew ta' esportatur għandu jitqies bħala l-importatur jew l-esportatur għall-finijiet tal-Artikoli 20 u 22, rispettivament***, mingħajr l-obbligi msemmija fil-paragrafi 1 ta' dawk l-Artikoli***.

Or. it

Emenda 267
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rappreżentant doganali indirett li jaġixxi f'ismu stess iżda għan-nom ta' importatur jew ***ta'*** esportatur ***għandu jitqies bħala l-importatur jew l-esportatur għall-finijiet tal-Artikoli 20 u 22, rispettivament***.	Rappreżentant doganali indirett li jaġixxi f'ismu stess iżda għan-nom ta' importatur jew esportatur ***jeħtieġlu jinżamm responsabbli b'mod konġunt mal-importatur jew l-esportatur għall-proċeduri doganali***.

Or. en

Emenda 268
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħlief meta jkun speċifikat mod ieħor, għandha tingħata eżenzjoni minn dak ir-rekwiżit meta r-rappreżentant doganali jaġixxi f'isem persuni li ma humiex meħtieġa jkunu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.	Ħlief meta jkun speċifikat mod ieħor, għandha tingħata eżenzjoni minn dak ir-rekwiżit meta r-rappreżentant doganali jaġixxi f'isem persuni li ma humiex meħtieġa jkunu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni. ***Persuni stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni li jiddeċiedu li jkollhom ir-rwol ta' importaturi jew esportaturi jistgħu jaġixxu f'isimhom jew għan-nom tagħhom, jew jaħtru rappreżentant doganali dirett jew indirett.***

Or. en

Emenda 269
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Rappreżentant doganali li jkollu l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Verifikat (operaturi Trust and Check) għandu jiġi rrikonoxxut biss bħala tali meta jaġixxi bħala rappreżentant indirett. Meta jaġixxi bħala rappreżentant dirett, ir-rappreżentant doganali jista' jiġi rrikonoxxut bħala operatur ta' Fiduċja u Verifikat (operatur Trust and Check) jekk il-persuna li f'isimha u għan-nom tagħha dak ir-rappreżentant ikun qiegħed jaġixxi tkun ingħatat status bħal dan.	3. Rappreżentant doganali li jkollu l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Verifikat (operaturi Trust and Check) għandu jiġi rrikonoxxut biss bħala tali meta jaġixxi bħala rappreżentant indirett. Meta jaġixxi bħala rappreżentant dirett, ir-rappreżentant doganali jista' jiġi rrikonoxxut bħala operatur ta' Fiduċja u Verifikat (operatur Trust and Check) jekk il-persuna li f'isimha u għan-nom tagħha dak ir-rappreżentant ikun qiegħed jaġixxi tkun ingħatat status bħal dan ***jew tkun intrapriża żgħira u mikro skont ir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE jew tkun operatur ekonomiku awtorizzat skont ir-Regolament preżenti***.

Or. en

Emenda 270
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Rappreżentant doganali li jkollu l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operaturi Trust and Check) għandu jiġi rrikonoxxut biss bħala tali meta jaġixxi bħala rappreżentant ***indirett. Meta jaġixxi bħala rappreżentant*** dirett***, ir-rappreżentant doganali jista' jiġi rrikonoxxut bħala operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check)*** jekk il-persuna li f'isimha u għan-nom tagħha dak ir-rappreżentant ikun qiegħed jaġixxi tkun ingħatat status ***bħal dan.***	3. Rappreżentant doganali li jkollu l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operaturi Trust and Check) għandu jiġi rrikonoxxut biss bħala tali meta jaġixxi bħala rappreżentant dirett ***jew indirett, irrispettivament minn*** jekk il-persuna li f'isimha u għan-nom tagħha dak ir-rappreżentant ikun qiegħed jaġixxi tkun ingħatat status ***ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check)***

Or. it

Emenda 271
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Rappreżentant*** doganali li ***jkollu*** l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operaturi Trust and Check) ***għandu jiġi rrikonoxxut biss bħala tali meta jaġixxi*** bħala rappreżentant ***indirett. Meta jaġixxi bħala rappreżentant dirett, ir-rappreżentant doganali jista' jiġi rrikonoxxut bħala operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jekk il-persuna li f'isimha u għan-nom tagħha dak ir-rappreżentant ikun qiegħed jaġixxi tkun ingħatat status bħal dan***.	3. ***Rappreżentanti*** doganali li ***jkollhom*** l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operaturi Trust and Check)***, irrispettivament minn jekk ikunux qed jaġixxu*** bħala rappreżentant ***dirett jew indirett, għandhom ikunu kapaċi joffru servizzi doganali anke fl-Istati Membri tal-Unjoni, u l-klijenti tagħhom se jibbenefikaw mis-simplifikazzjonijiet tagħhom mogħtija mill-awtoritajiet doganali***.

Or. en

Emenda 272
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet li bihom rappreżentant doganali jista' jipprovdi servizzi fit-territorju doganali tal-Unjoni.	4. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet li bihom rappreżentant doganali jista' jipprovdi servizzi fit-territorju doganali tal-Unjoni ***u l-Istati Membri individwali għandhom jiddeterminaw, f'konformità mad-dritt tal-UE, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li bihom ir-rappreżentanti doganali jistgħu jipprovdu servizzi fl-Istat Membru ta' stabbiliment***.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-operaturi doganali għandhom jkunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-Istati Membri tal-UE, iżda fi kwalunkwe każ għandhom ikunu l-liġijiet nazzjonali tal-Istati individwali li jistabbilixxu, f'konformità mad-dritt tal-UE, il-kundizzjonijiet li tagħhom ir-rappreżentanti doganali jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-Istat Membru ta' stabbiliment.

Emenda 273
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-Kummissjoni għandha tiddetermina***, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet li bihom ***rappreżentant*** doganali ***jista' jipprovdi*** servizzi ***fit-territorju doganali tal-Unjoni***.	4. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw***, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet li bihom ***ir-rappreżentanti*** doganali***, mingħajr l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operaturi Trust and Check), jistgħu jipprovdu*** servizzi ***fl-Istat Membru fejn huma stabbiliti***.

Or. en

Emenda 274
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ] il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema volontarja ta' akkreditazzjoni għar-rappreżentanti diretti u indiretti li jkollhom l-għarfien espert meħtieġ biex jaġixxu b'mod affidabbli bħala rappreżentanti diretti jew indiretti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-identifikazzjoni tal-intermedjarji affidabbli biżżejjed biex jieħdu f'idejhom l-obbligi legali hija ostaklu għall-SMEs fir-relazzjonijiet tagħhom mad-dwana. Xi Stati Membri għandhom reġistru nazzjonali volontarju, iżda l-UE ma għandhiex.

Emenda 275
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Għall-finijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta u tippubblika linji gwida li jistabbilixxu prinċipji u prattiki komuni għall-implimentazzjoni tal-obbligi skont l-Artikoli 20 u 22 rispettivament.

Or. en

Emenda 276
Maria Grapini

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tiżgura l-kwalità, l-integrità, it-traċċabbiltà u n-nonripudju tad-data pproċessata fiha, inkluża l-emenda ta' tali data;	(b) tiżgura l-kwalità ***tad-data kif definit fl-Artikolu 5 (66)***, l-integrità, it-traċċabbiltà u n-nonripudju tad-data pproċessata fiha, inkluża l-emenda ta' tali data;

Or. en

Emenda 277
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tiżgura l-kwalità, l-integrità, it-traċċabbiltà u n-nonripudju tad-data pproċessata fiha, inkluża l-emenda ta' tali data;	(b) tiżgura l-kwalità, ***is-sigurtà,*** l-integrità, it-traċċabbiltà u n-nonripudju tad-data pproċessata fiha, inkluża l-emenda ta' tali data;

Or. en

Emenda 278
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) XXXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 279
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) tippermetti s-sorveljanza doganali tal-merkanzija.	(h) tippermetti s-sorveljanza doganali tal-merkanzija ***u tikkontribwixxi għall-infurzar ta' leġiżlazzjonijiet oħra applikati mid-dwana***.

Or. en

Emenda 280
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt h – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	i) tippermetti lill-partijiet li jkollhom interess pubbliku jaċċessaw, soġġett għal ġustifikazzjoni xierqa u fuq talba magħmula għal raġunijiet ta' interess pubbliku, data doganali mhux personali miġbura minn partijiet li jinnegozjaw fi prodotti jew oġġetti importati fl-UE

Or. en

Emenda 281
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Tiġi permessa l-interoperabbiltà mas-Sistema tas-Single Window Marittima tal-UE għall-forniment u t-twettiq tal-formalitajiet doganali indikati fl-Anness

dwar l-Obbligi ta' Rapportar tar-Regolament 2019/1239.

Or. en

Emenda 282
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni doganali ma' atturi mhux statali bi skop ta' interess ġenerali;

Or. en

Emenda 283
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, timplimenta u żżomm il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, inkluż li tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-ipproċessar tad-data fiha, u għandha tistabbilixxi qafas tal-kwalità tad-data.	3. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, timplimenta u żżomm il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, inkluż li tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-ipproċessar tad-data fiha, u għandha tistabbilixxi qafas tal-kwalità tad-data ***u għandha tistabbilixxi punt ta' kuntatt pubbliku għal talbiet urġenti jew theddid għas-sigurtà li jikkonċernaw il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE***.

Or. en

Emenda 284
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) għal għanijiet ta' riċerka

Or. en

Emenda 285
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-kontrolli doganali, l-awtoritajiet doganali kollha jistgħu jirċievu u jipproċessaw id-data li tirriżulta minn kontroll doganali meta tkun instabet merkanzija mhux konformi.	Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-kontrolli doganali, l-awtoritajiet doganali kollha ***mit-territorju tal-UE*** jistgħu jirċievu u jipproċessaw id-data li tirriżulta minn kontroll doganali meta tkun instabet merkanzija mhux konformi.

Or. en

Emenda 286
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) it-twettiq ta' analiżi tar-riskju robusta f'ħin reali biex jiġu minimizzati r-responsabbiltajiet tal-operaturi leġittimi;

Or. en

Emenda 287
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 4 – punt h a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) l-appoġġ għall-infurzar ta' leġiżlazzjonijiet oħra tal-Unjoni li jikkonċernaw prodotti li jidħlu fis-suq intern

Or. en

Emenda 288
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") jista'***, fuq talba, jaċċessa*** d-data, inkluża data personali u kummerċjalment sensittiva, maħżuna jew disponibbli b'mod ieħor fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, ***esklużivament u*** sa fejn ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[66]***, sa fejn l-imġiba investigata mill-UPPE tikkonċerna d-dwana u skont il-kundizzjonijiet determinati f'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu***.	6. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") jista' ***jaċċessa u jipproċessa*** d-data, inkluża data personali u kummerċjalment sensittiva, maħżuna jew disponibbli b'mod ieħor fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, sa fejn ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[66].
[66] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).	[66] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

Or. en

Emenda 289
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“UPPE”) ***jista’, fuq talba, jaċċessa d-data***, inkluża data personali u kummerċjalment sensittiva, maħżuna jew disponibbli b’mod ieħor ***fil-Pjattaforma*** tad-Data Doganali tal-UE, ***esklużivament u*** sa fejn ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont ***l-Artikolu 4 tar-Regolament*** tal-Kunsill (UE) 2017/1939***[66], sa fejn l-imġiba investigata mill-UPPE tikkonċerna d-dwana u skont il-kundizzjonijiet determinati f’att ta’ implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 14 ta’ dan l-Artikolu***.	6. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“UPPE”) ***għandu jkollu aċċess dirett għad-data***, inkluża data personali u kummerċjalment sensittiva, maħżuna jew disponibbli b’mod ieħor ***fiċ-Ċentru*** tad-Data Doganali tal-UE, ***jew jipproċessaha b'mod ieħor*** sa fejn ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont ***ir-Regolament*** tal-Kunsill (UE) 2017/1939.

[66] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta’ Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

Or. en

Emenda 290
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jistgħu jipproċessaw data, inkluża data personali u kummerċjalment sensittiva, maħżuna jew disponibbli b’mod ieħor fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, esklużivament u sa fejn ikun neċessarju sabiex jiddeterminaw ir-responsabbiltà ta’ kwalunkwe persuna għad-dazju, għat-tariffi u għat-taxxi li	7. L-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jistgħu***, mal-approvazzjoni ta' talba ġustifikata,*** jipproċessaw data, inkluża data personali u kummerċjalment sensittiva, maħżuna jew disponibbli b’mod ieħor fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, esklużivament u sa fejn ikun neċessarju sabiex jiddeterminaw ir-responsabbiltà ta’ kwalunkwe persuna

jistgħu jkunu dovuti fl-Unjoni b'rabta mal-merkanzija rilevanti u skont il-kundizzjonijiet iddeterminati f'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu.

għad-dazju, għat-tariffi u għat-taxxi li jistgħu jkunu dovuti fl-Unjoni b'rabta mal-merkanzija rilevanti u skont il-kundizzjonijiet iddeterminati f'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 291
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[67] jistgħu jaċċessaw data, inkluża data personali u kummerċjalment sensittiva, maħżuna jew disponibbli b'xi mod ieħor fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE esklużivament u sa fejn ikun neċessarju għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-introduzzjoni fis-suq jew is-sikurezza tal-ikel, tal-għalf u tal-pjanti u għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali sabiex jimminimizzaw ir-riskji li l-prodotti mhux konformi jidħlu fl-Unjoni u skont il-kundizzjonijiet determinati f'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu.	8. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[67] jistgħu***, mal-approvazzjoni ta' talba ġustifikata,*** jaċċessaw data, inkluża data personali u kummerċjalment sensittiva, maħżuna jew disponibbli b'xi mod ieħor fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE esklużivament u sa fejn ikun neċessarju għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-introduzzjoni fis-suq jew is-sikurezza tal-ikel, tal-għalf u tal-pjanti u għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali sabiex jimminimizzaw ir-riskji li l-prodotti mhux konformi jidħlu fl-Unjoni u skont il-kundizzjonijiet determinati f'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu.
[67] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE)	[67] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE)

Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)(ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).	Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)(ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

Or. en

Emenda 292
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dežinjati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1020 jistgħu jipproċessaw data, inkluża data personali u kummerċjalment sensittiva, maħżuna jew inkella disponibbli fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, esklużivament u sa fejn ikun neċessarju għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-introduzzjoni fis-suq jew is-sikurezza tal-prodotti u għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali sabiex jiġu mminimizzati r-riskji li merkanzija mhux konformi tidħol fl-Unjoni, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu.	9. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dežinjati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1020 jistgħu***, mal-approvazzjoni ta' talba ġustifikata,*** jipproċessaw data, inkluża data personali u kummerċjalment sensittiva, maħżuna jew inkella disponibbli fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, esklużivament u sa fejn ikun neċessarju għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-introduzzjoni fis-suq jew is-sikurezza tal-prodotti u għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali sabiex jiġu mminimizzati r-riskji li merkanzija mhux konformi tidħol fl-Unjoni, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 293
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(3), il-Kummissjoni, l-OLAF u l-Awtorità Doganali tal-UE ladarba tiġi stabbilita għandhom, esklużivament għall-finijiet iddikjarati fil-paragrafi 4, 5 u 6, ikunu jistgħu jipproċessawdata, inkluża data personali, mis-sistemi elettroniċi eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013.	12. Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(3), il-Kummissjoni, l-OLAF***, l-UPPE*** u l-Awtorità Doganali tal-UE ladarba tiġi stabbilita għandhom, esklużivament għall-finijiet iddikjarati fil-paragrafi 4, 5 u 6, ikunu jistgħu jipproċessawdata, inkluża data personali, mis-sistemi elettroniċi eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Or. en

Emenda 294
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(3), il-Kummissjoni, l-OLAF u l-Awtorità Doganali tal-UE ladarba tiġi stabbilita għandhom, esklużivament għall-finijiet iddikjarati fil-paragrafi 4, 5 u 6, ikunu jistgħu jipproċessawdata, inkluża data personali, mis-sistemi elettroniċi eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013.	12. Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(3), il-Kummissjoni, l-OLAF***, l-UPPE*** u l-Awtorità Doganali tal-UE ladarba tiġi stabbilita għandhom, esklużivament għall-finijiet iddikjarati fil-paragrafi 4, 5 u 6, ikunu jistgħu jipproċessawdata, inkluża data personali, mis-sistemi elettroniċi eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Or. en

Emenda 295
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	12a. Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(3), id-data kummerċjali mhux personali miġbura permezz tas-sistemi elettroniċi eżistenti għandha tkun aċċessibbli għall-atturi mhux statali, speċjalment ir-riċerkaturi, permezz ta' talbiet għal-libertà tal-informazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali għandha tibqa' protetta, iżda data oħra mhux personali għandha tkun aċċessibbli

Emenda 296
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 14 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) tiddetermina l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet għat-talbiet għall-aċċess għad-data, inkluża data personali jew kummerċjalment sensittiva u liema mill-kontrolluri konġunti jagħtu l-aċċess għall-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.	(f) tiddetermina l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet għat-talbiet għall-aċċess għad-data ***f'każ partikolari***, inkluża data personali jew kummerċjalment sensittiva u liema mill-kontrolluri konġunti jagħtu l-aċċess għall-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika: l-awtoritajiet jeħtieġ li jitolbu aċċess għad-data għal kull każ individwali u mhux bħala talba ġenerali ta' darba għall-aċċess għad-data.

Emenda 297

Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 14 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta tiġi pproċessata data personali mill-awtoritajiet imsemmija f'dan l-Artikolu, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data għandu jiġi rispettat.

Or. en

Emenda 298
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 31a
	Pubblikazzjoni tad-data doganali
	Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2016/943, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, jew l-Awtorità Doganali tal-UE wara d-data inkluża fl-Artikolu 265(4), għandhom jippubblikaw aġġornamenti ta' kull xahar li jkun fihom data doganali mhux personali.
	L-informazzjoni ppubblikata għandha tinkludi rekord ta' kull kunsinna u, meta applikabbli, l-importatur relatat, l-importatur preżunt, l-esportatur, il-konsenjatur, il-bejjiegħ, id-destinatarju, ix-xerrej, id-dikjarant, ir-rappreżentant, il-produttur/il-manifattur, il-pajjiż tad-destinazzjoni, ir-reġjun tad-destinazzjoni, il-pajjiż tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni, il-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tal-oriġini preferenzjali, id-deskrizzjoni tal-merkanzija, il-kodiċi tal-komodità (Sistema Armonizzata/SA), il-volum, il-valur, u d-data tad-dikjarazzjoni.

Or. en

Emenda 299
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-suġġetti tad-data li jkunu involuti xi kultant f'attivitajiet koperti mil-leġiżlazzjoni doganali jew minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali;	(b) is-suġġetti tad-data li ***huma operaturi ekonomiċi li*** jkunu involuti xi kultant f'attivitajiet koperti mil-leġiżlazzjoni doganali jew minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali;

Or. en

Emenda 300
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-suġġetti tad-data li l-informazzjoni personali tagħhom tinsab fid-dokumenti ta' sostenn imsemmijin fl-Artikolu 40, jew fi kwalunkwe evidenza addizzjonali meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi imposti mil-leġiżlazzjoni doganali u minn leġiżlazzjoni oħrajn applikata mill-awtoritajiet doganali;	(c) is-suġġetti tad-data li ***huma operaturi ekonomiċi u li*** l-informazzjoni personali tagħhom tinsab fid-dokumenti ta' sostenn imsemmijin fl-Artikolu 40, jew fi kwalunkwe evidenza addizzjonali meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi imposti mil-leġiżlazzjoni doganali u minn leġiżlazzjoni oħrajn applikata mill-awtoritajiet doganali;

Or. en

Emenda 301
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) is-suġġetti tad-data li d-data	(d) is-suġġetti tad-data li ***huma***

personali tagħhom tinsab fid-data miġbura għall-finijiet tal-ġestjoni tar-riskju skont l-Artikolu 50(3), il-punt (a);	***operaturi ekonomiċi u li*** d-data personali tagħhom tinsab fid-data miġbura għall-finijiet tal-ġestjoni tar-riskju skont l-Artikolu 50(3), il-punt (a);

Or. en

Emenda 302
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli għall-anonimizzazzjoni tad-data personali wara l-iskadenza tal-perjodu taż-żamma.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemm l-ebda ħtieġa ta' att ta' implimentazzjoni għall-kompitu ta' anonimizzazzjoni biss.

Emenda 303
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni, l-Awtorità Doganali tal-UE u l-awtoritajiet doganali għandhom jużaw il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE meta jiskambjaw mal-awtoritajiet u mal-korpi tal-Unjoni msemmijin fl-Artikolu 31(6) sa (11) f'konformità ma' dan ir-Regolament.	1. Il-Kummissjoni, l-Awtorità Doganali tal-UE u l-awtoritajiet doganali għandhom jużaw il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE meta jiskambjaw mal-awtoritajiet u mal-korpi tal-Unjoni msemmijin fl-Artikolu 31(6) sa ***(9) u*** (11) f'konformità ma' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni, l-Awtorità Doganali tal-UE u l-awtoritajiet doganali għandhom jużaw is-SIENA meta jiskambjaw l-informazzjoni mal-Europol.***

Or. en

Emenda 304
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-awtoritajiet għajr l-awtoritajiet doganali ***jew il-korpi tal-Unjoni*** jagħmlu użu minn mezzi elettroniċi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, użati sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din, jew imsemmija fiha, il-kooperazzjoni tista' sseħħ permezz tal-interoperabbiltà ta' dawk il-mezzi elettroniċi mal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.	3. Meta l-awtoritajiet għajr l-awtoritajiet doganali***, il-korpi tal-Unjoni jew l-awtoritajiet minn pajjiżi terzi*** jagħmlu użu minn mezzi elettroniċi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, użati sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din, jew imsemmija fiha, il-kooperazzjoni tista' sseħħ permezz tal-interoperabbiltà ta' dawk il-mezzi elettroniċi mal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

Or. en

Emenda 305
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-awtoritajiet għajr l-awtoritajiet doganali ma jagħmlux użu minn mezzi elettroniċi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, użati sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din, jew imsemmija fiha, dawk l-awtoritajiet jistgħu jużaw is-servizzi u s-sistemi speċifiċi tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 31.	4. Meta l-awtoritajiet għajr l-awtoritajiet doganali ***jew l-awtoritajiet minn pajjiżi terzi*** ma jagħmlux użu minn mezzi elettroniċi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, użati sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din, jew imsemmija fiha, dawk l-awtoritajiet jistgħu jużaw is-servizzi u s-sistemi speċifiċi tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 31.

Or. en

Emenda 306
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha tibqa' taħt tali superviżjoni ***sakemm ikun neċessarju*** sabiex jiġi ddeterminat l-istatus doganali tagħha**.**	2. il-merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha tibqa' taħt tali superviżjoni sabiex jiġi ddeterminat l-istatus doganali tagħha***;***

Or. en

Emenda 307
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-uffiċċju doganali responsabbli għall-post tal-istabbiliment tal-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) ***jew tal-importatur preżunt*** għandu:	4. L-uffiċċju doganali responsabbli għall-post tal-istabbiliment tal-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu:

Or. en

Emenda 308
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fi kwalunkwe ħin***, l-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu li l-merkanzija tinħatt u titneħħa mill-pakketti għall-fini ta' eżami, ta' teħid ta' kampjuni minnha jew ta' eżami tal-mezzi tat-trasport li jkunu qegħdin iġorruha.	2. ***Meta jkun hemm raġunijiet xierqa***, l-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu li l-merkanzija tinħatt u titneħħa mill-pakketti għall-fini ta' eżami, ta' teħid ta' kampjuni minnha jew ta' eżami tal-mezzi tat-trasport li jkunu qegħdin iġorruha.

Or. en

Emenda 309
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ġbir, l-ipproċessar, l-iskambju u l-analiżi tad-data rilevanti disponibbli fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u minn sorsi oħrajn, inkluża data rilevanti ***minn awtoritajiet*** għajr l-awtoritajiet doganali;	(a) il-ġbir, l-ipproċessar, l-iskambju u l-analiżi tad-data rilevanti disponibbli fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u minn sorsi oħrajn, inkluża data rilevanti ***mill-awtoritajiet kompetenti*** għajr l-awtoritajiet doganali;

Or. en

Emenda 310
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-ksur ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mid-dwana u nnotifikata mill-awtoritajiet kompetenti lill-awtoritajiet doganali għandu jkollu impatt negattiv fuq il-profil tar-riskju tal-importaturi, l-esportaturi jew l-importaturi prežunti rilevanti;

Or. en

Emenda 311
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Il-Kummissjoni ***tista'*** tistabbilixxi oqsma ta' kontroll prijoritarju komuni u kriterji u standards komuni tar-riskju għal kwalunkwe tip ta' riskju, inklużi iżda mhux limitati għal riskji relatati mal-interessi finanzjarji.	1. Il-Kummissjoni ***għandha*** tistabbilixxi oqsma ta' kontroll prijoritarju komuni u kriterji u standards komuni tar-riskju għal kwalunkwe tip ta' riskju, inklużi iżda mhux limitati għal riskji relatati mal-interessi finanzjarji.

Or. en

Emenda 312
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, il-punt (f), ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 43, il-Kummissjoni ***tista'*** tidentifika oqsma speċifiċi fil-qasam ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali li jiġġustifikaw trattament ta' prijorità għall-ġestjoni u għall-kontrolli tar-riskju doganali.	2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, il-punt (f), ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 43, il-Kummissjoni ***għandha*** tidentifika oqsma speċifiċi fil-qasam ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali li jiġġustifikaw trattament ta' prijorità għall-ġestjoni u għall-kontrolli tar-riskju doganali.

Or. en

Emenda 313
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni ***tista'***:	3. Il-Kummissjoni ***għandha***:

Or. en

Emenda 314
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament

Artikolu 51 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 3, il-Kummissjoni tista' tiġbor, tipproċessa u tanalizza d-data disponibbli fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u minn sorsi oħrajn, inkluż minn awtoritajiet għajr awtoritajiet doganali.	4. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 3, il-Kummissjoni tista' tiġbor, tipproċessa u tanalizza d-data disponibbli fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u minn sorsi oħrajn, inkluż minn awtoritajiet għajr awtoritajiet doganali***, inkluż minn pajjiżi terzi, mis-segretarjati taħt il-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali u l-Bord Konsultattiv doganali***.

Or. en

Emenda 315
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 5 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) tiżviluppa u timplimenta analiżi komuni tar-riskju sabiex tiġġenera sinjali tar-riskju, riżultati tal-analiżi tar-riskju u, meta xieraq, toħroġ rakkomandazzjonijiet ta' kontroll u miżuri xierqa oħrajn ta' mitigazzjoni għall-awtoritajiet doganali, inkluż għall-applikazzjoni tal-oqsma ta' kontroll prijoritarju komuni u tal-kriterji u tal-istandards komuni tar-riskju stabbiliti mill-Kummissjoni u għall-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi;	(e) tiżviluppa u timplimenta analiżi komuni tar-riskju sabiex tiġġenera sinjali tar-riskju, riżultati tal-analiżi tar-riskju u, meta xieraq, toħroġ rakkomandazzjonijiet ta' kontroll u miżuri xierqa oħrajn ta' mitigazzjoni għall-awtoritajiet doganali, inkluż għall-applikazzjoni tal-oqsma ta' kontroll prijoritarju komuni u tal-kriterji u tal-istandards komuni tar-riskju stabbiliti mill-Kummissjoni u għall-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi; ***L-Aġenzija Doganali tal-UE tista' tistieden lill-Europol biex tikkontribwixxi għall-analiżi tar-riskji biex tistabbilixxi oqsma ta' kontroll prijoritarji komuni u kriterji u standards ta' riskju komuni, fil-limiti tal-mandat tal-Europol;***

Or. en

Emenda 316

Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 5 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) tinforma lill-OLAF meta tidentifika jew tissuspetta każijiet ta' frodi u tipprovdilu l-informazzjoni kollha neċessarja relatata ma' dawn il-każijiet.	(f) tinforma lill-OLAF meta tidentifika jew tissuspetta każijiet ta' frodi u tipprovdilu l-informazzjoni kollha neċessarja relatata ma' dawn il-każijiet. ***Il-Europol għandha tiġi informata wkoll fil-limiti tal-mandat tagħha.***

Or. en

Emenda 317
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 6 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) tipprovdi ġustifikazzjoni lill-Awtorità Doganali tal-UE f'każ li ma tkunx ġiet eżegwita rakkomandazzjoni ta' kontroll.	(h) tipprovdi ġustifikazzjoni lill-Awtorità Doganali tal-UE f'każ li ma tkunx ġiet eżegwita rakkomandazzjoni ta' kontroll. ***Il-kriterji li jeħtieġ li jiġu ssodisfati għal dan il-paragrafu se jiġu stabbiliti f'att delegat.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni żżomm il-prinċipju "ikkonforma jew spjega" u tapplika meta l-analiżi tar-riskju mill-Aġenzija Doganali tal-UE twassal għal rakkomandazzjonijiet ta' kontroll li l-awtoritajiet doganali jeħtieġu jimmaniġġaw. Jekk l-awtorità doganali tonqos milli ssegwi rakkomandazzjoni ta' kontroll, tkun tinħtieġ spjegazzjoni dwar għaliex il-kontroll ma twettaqx. Għandu jiġi abbozzat qafas biex jipprovdi ċertezza dwar sitwazzjonijiet meta jkun possibbli li wieħed jiddevja, pereżempju meta prijoritajiet oħrajn ikunu jipprevalu.

Emenda 318
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament

Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-informazzjoni dwar ir-riskju, is-sinjali, ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju, ir-rakkomandazzjonijiet ta' kontroll, id-deċiżjonijiet ta' kontroll u r-riżultati ta' kontroll kollha għandhom jiġu rreġistrati fil-proċess operazzjonali li magħhom ikunu relatati u fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, irrispettivament minn jekk kinux ibbażati fuq analiżi tar-riskju nazzjonali jew komuni, jew jekk kinux ibbażati fuq għażla aleatorja. L-awtoritajiet doganali għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar ir-riskju ma' xulxin, mal-Awtorità Doganali tal-UE u mal-Kummissjoni.	1. L-informazzjoni dwar ir-riskju, is-sinjali, ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju, ir-rakkomandazzjonijiet ta' kontroll, id-deċiżjonijiet ta' kontroll u r-riżultati ta' kontroll kollha għandhom jiġu rreġistrati fil-proċess operazzjonali li magħhom ikunu relatati u fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, irrispettivament minn jekk kinux ibbażati fuq analiżi tar-riskju nazzjonali jew komuni, jew jekk kinux ibbażati fuq għażla aleatorja. L-awtoritajiet doganali għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar ir-riskju ma' xulxin, mal-Awtorità Doganali tal-UE u mal-Kummissjoni ***u fejn ikun applikabbli, mas-segretarjati tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, dment li d-data personali tkun protetta kif xieraq***.

Or. en

Emenda 319
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-informazzjoni dwar ir-riskju, is-sinjali, ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju, ir-rakkomandazzjonijiet ta' kontroll, id-deċiżjonijiet ta' kontroll u r-riżultati ta' kontroll kollha għandhom jiġu rreġistrati fil-proċess operazzjonali li magħhom ikunu relatati u fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, irrispettivament minn jekk kinux ibbażati fuq analiżi tar-riskju nazzjonali jew komuni, jew jekk kinux ibbażati fuq għażla aleatorja. L-awtoritajiet doganali għandhom ***jaqsmu*** l-informazzjoni dwar ir-riskju ma' xulxin, mal-Awtorità Doganali tal-UE u mal-Kummissjoni.	1. L-informazzjoni dwar ir-riskju, is-sinjali, ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju, ir-rakkomandazzjonijiet ta' kontroll, id-deċiżjonijiet ta' kontroll u r-riżultati ta' kontroll kollha għandhom jiġu rreġistrati fil-proċess operazzjonali li magħhom ikunu relatati u fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, irrispettivament minn jekk kinux ibbażati fuq analiżi tar-riskju nazzjonali jew komuni, jew jekk kinux ibbażati fuq għażla aleatorja. L-awtoritajiet doganali għandhom ***jikkondividu*** l-informazzjoni dwar ir-riskju ma' xulxin, mal-Awtorità Doganali tal-UE u mal-Kummissjoni ***u mal-Europol, fil-limiti tal-mandat tal-Europol***.

Or. en

Emenda 320
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Doganali tal-UE u mal-awtoritajiet doganali, għandha tevalwa l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju sabiex ittejjeb kontinwament l-effettività u l-effiċjenza operazzjonali u strateġiċi tagħha tal-anqas darba kull ***sentejn; barra minn hekk,*** il-Kummissjoni tista' tagħmel arranġamenti sabiex jitwettqu attivitajiet ta' evalwazzjoni meta tqis li dawn ikunu neċessarji, u fuq bażi kontinwa.	1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Doganali tal-UE u mal-awtoritajiet doganali, għandha tevalwa l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju sabiex ittejjeb kontinwament l-effettività u l-effiċjenza operazzjonali u strateġiċi tagħha tal-anqas darba kull ***sena. Il-Kummissjoni għandha tippubblika din l-evalwazzjoni.*** Il-Kummissjoni tista' tagħmel arranġamenti sabiex jitwettqu attivitajiet ta' evalwazzjoni meta tqis li dawn ikunu neċessarji, u fuq bażi kontinwa.

Or. en

Emenda 321
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Doganali tal-UE u mal-awtoritajiet doganali, għandha tevalwa l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju sabiex ittejjeb kontinwament l-effettività u l-effiċjenza operazzjonali u strateġiċi tagħha tal-anqas darba ***kull sentejn;*** barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tagħmel arranġamenti sabiex jitwettqu attivitajiet ta' evalwazzjoni meta tqis li dawn ikunu neċessarji, u fuq bażi kontinwa.	1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Doganali tal-UE u mal-awtoritajiet doganali, għandha tevalwa l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju sabiex ittejjeb kontinwament l-effettività u l-effiċjenza operazzjonali u strateġiċi tagħha tal-anqas darba ***fis-sena; l-evalwazzjoni għandha tkun aċċessibbli pubblikament.*** barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tagħmel arranġamenti sabiex jitwettqu attivitajiet ta' evalwazzjoni meta tqis li dawn ikunu

neċessarji, u fuq bażi kontinwa.

Or. en

Emenda 322
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-importaturi preżunti għandhom jipprovdu jew jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata fit-territorju doganali tal-Unjoni ***sa mhux aktar tard mill-jum ta' wara d-data meta l-ħlas ikun ġie aċċettat u fi kwalunkwe każ qabel ir-rilaxx tal-merkanzija***.	2. L-importaturi preżunti għandhom jipprovdu jew jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 323
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) importatur jew esportatur ikun responsabbli għall-merkanzija;	(a) importatur***, persuna responsabbli,*** jew esportatur ikun responsabbli għall-merkanzija;

Or. en

Emenda 324
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jkollhom xi evidenza li l-merkanzija ma tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali***, sakemm dik il-leġiżlazzjoni ma tkunx teħtieġ li jiġu kkonsultati awtoritajiet oħrajn minn qabel;***	(b) meta jkollhom xi evidenza li l-merkanzija ma tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali

Or. en

Emenda 325
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jkollhom xi evidenza li l-merkanzija ma tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali***, sakemm dik il-leġiżlazzjoni ma tkunx teħtieġ li jiġu kkonsultati awtoritajiet oħrajn minn qabel***;	(b) meta jkollhom xi evidenza li l-merkanzija ma tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali;

Or. en

Emenda 326
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) meta leġiżlazzjoni oħra applikata mid-dwana teħtieġ konsultazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn;

Or. en

Emenda 327
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) meta leġiżlazzjoni oħra teħtieġ li jiġu kkonsultati l-awtoritajiet, dan għandu jiġi previst;

Or. en

Emenda 328
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 5 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-awtoritajiet l-oħrajn ma jkunux wieġbu sal-limitu ta' żmien iddeterminat fil-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 329
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 5 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-awtoritajiet l-oħrajn ma jkunux wieġbu sal-limitu ta' żmien iddeterminat fil-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 330
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 5 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-awtoritajiet l-oħrajn ma jkunux wieġbu sal-limitu ta' żmien iddeterminat fil-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 331
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 5 – punt b – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-awtoritajiet l-oħrajn jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali li jkun meħtieġ aktar żmien sabiex jiġi vvalutat jekk il-merkanzija tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, bil-kundizzjoni li ma jkunux talbu li tinżamm is-sospensjoni, u l-importatur jew l-esportatur jipprovdi lill-awtoritajiet doganali t-traċċabbiltà sħiħa ta' dawk il-prodotti għal 15-il jum li jibdew min-notifika tal-awtoritajiet l-oħrajn jew sakemm l-awtoritajiet l-oħrajn ikunu vvalutaw u kkomunikaw l-eżitu tal-kontrolli tagħhom lill-importatur jew lill-esportatur, skont liema jiġi l-ewwel. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu t-traċċabbiltà disponibbli għall-awtoritajiet l-oħrajn.	(iii) l-awtoritajiet l-oħrajn jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali li jkun meħtieġ aktar żmien sabiex jiġi vvalutat jekk il-merkanzija tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, bil-kundizzjoni li ma jkunux talbu li tinżamm is-sospensjoni, u l-importatur jew ***il-persuna responsabbli jew*** l-esportatur jipprovdi lill-awtoritajiet doganali t-traċċabbiltà sħiħa ta' dawk il-prodotti għal 15-il jum li jibdew min-notifika tal-awtoritajiet l-oħrajn jew sakemm l-awtoritajiet l-oħrajn ikunu vvalutaw u kkomunikaw l-eżitu tal-kontrolli tagħhom lill-importatur ***jew il-persuna responsabbli*** jew lill-esportatur, skont liema jiġi l-ewwel. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu t-traċċabbiltà disponibbli għall-awtoritajiet l-oħrajn.

Or. en

Emenda 332

Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 5 – punt b – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-awtoritajiet l-oħrajn jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali li jkun meħtieġ aktar żmien sabiex jiġi vvalutat jekk il-merkanzija tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, bil-kundizzjoni li ma jkunux talbu li tinżamm is-sospensjoni, u l-importatur jew l-esportatur jipprovdi lill-awtoritajiet doganali t-traċċabbiltà sħiħa ta' dawk il-prodotti ***għal 15-il jum li jibdew min-notifika tal-awtoritajiet l-oħrajn jew*** sakemm l-awtoritajiet l-oħrajn ikunu vvalutaw u kkomunikaw l-eżitu tal-kontrolli tagħhom lill-importatur jew lill-esportatur, skont liema jiġi l-ewwel. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu t-traċċabbiltà disponibbli għall-awtoritajiet l-oħrajn.	(iii) l-awtoritajiet l-oħrajn jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali li jkun meħtieġ aktar żmien sabiex jiġi vvalutat jekk il-merkanzija tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, bil-kundizzjoni li ma jkunux talbu li tinżamm is-sospensjoni, u l-importatur jew l-esportatur jipprovdi lill-awtoritajiet doganali t-traċċabbiltà sħiħa ta' dawk il-prodotti sakemm l-awtoritajiet l-oħrajn ikunu vvalutaw u kkomunikaw l-eżitu tal-kontrolli tagħhom lill-importatur jew lill-esportatur, skont liema jiġi l-ewwel. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu t-traċċabbiltà disponibbli għall-awtoritajiet l-oħrajn.

Or. en

Emenda 333
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 5 – punt b – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-awtoritajiet l-oħrajn jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali li jkun meħtieġ aktar żmien sabiex jiġi vvalutat jekk il-merkanzija tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, bil-kundizzjoni li ma jkunux talbu li tinżamm is-sospensjoni, u l-importatur jew l-esportatur jipprovdi lill-awtoritajiet doganali t-traċċabbiltà sħiħa ta' dawk il-prodotti ***għal 15-il jum li jibdew min-notifika*** tal-awtoritajiet l-oħrajn jew sakemm l-awtoritajiet l-oħrajn ikunu	(iii) l-awtoritajiet l-oħrajn jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali li jkun meħtieġ aktar żmien sabiex jiġi vvalutat jekk il-merkanzija tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, bil-kundizzjoni li ma jkunux talbu li tinżamm is-sospensjoni, u l-importatur jew l-esportatur jipprovdi lill-awtoritajiet doganali t-traċċabbiltà sħiħa ta' dawk il-prodotti tal-awtoritajiet l-oħrajn jew sakemm l-awtoritajiet l-oħrajn ikunu vvalutaw u kkomunikaw l-eżitu tal-

vvalutaw u kkomunikaw l-eżitu tal-kontrolli tagħhom lill-importatur jew lill-esportatur, skont liema jiġi l-ewwel. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu t-traċċabbiltà disponibbli għall-awtoritajiet l-oħrajn.	kontrolli tagħhom lill-importatur jew lill-esportatur, skont liema jiġi l-ewwel. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu t-traċċabbiltà disponibbli għall-awtoritajiet l-oħrajn.

Or. en

Emenda 334
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom jitqiesu li jkunu rrilaxxaw il-merkanzija meta ma jkunux għażluha għal kwalunkwe kontroll ***fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli*** wara li:	6. Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom jitqiesu li jkunu rrilaxxaw il-merkanzija meta ma jkunux għażluha għal kwalunkwe kontroll ***mill-aktar fis*** wara li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-prattika jkun l-aħjar li l-merkanzija tiġi rilaxxata fi żmien sigħat, sakemm id-dwana ma tkunx għażlitha għall-kontroll.

Emenda 335
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 75a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 75a
	Organizzazzjoni tal-Awtorità Doganali tal-UE
	Fl-interess tat-trasparenza, il-partijiet interessati għandhom jingħataw status ta' osservaturi fil-Bord Konsultattiv stabbilit

u kkonsultat mill-Bord Maniġerjali tal-Awtorità Doganali tal-UE.

Or. en

Emenda 336
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija għandha tinkludi tal-anqas l-importatur responsabbli għall-merkanzija, ir-referenza unika għall-kunsinna, il-kunsinnatur, id-destinatarju, deskrizzjoni tal-merkanzija, il-klassifikazzjoni tariffarja, il-valur, id-data dwar ir-rotta u n-natura u l-identifikazzjoni tal-mezzi tat-trasport li jġibu l-merkanzija u l-kost tat-trasport. L-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija għandha tiġi pprovduta qabel ma l-merkanzija tasal fit-territorju doganali tal-Unjoni.	2. L-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija għandha tinkludi tal-anqas l-importatur responsabbli għall-merkanzija, ir-referenza unika għall-kunsinna, il-kunsinnatur, id-destinatarju, deskrizzjoni tal-merkanzija, il-klassifikazzjoni tariffarja, il-valur, ***il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija tal-merkanzija,*** id-data dwar ir-rotta u n-natura u l-identifikazzjoni tal-mezzi tat-trasport li jġibu l-merkanzija u l-kost tat-trasport. L-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija għandha tiġi pprovduta qabel ma l-merkanzija tasal fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 337
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Sad-data fl-Artikolu 265(3), id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha titqies bħala l-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija.	9. Sad-data fl-Artikolu 265(3), id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ***ippreżentata f'konformità mar-regoli u r-rekwiżiti tad-data stabbiliti fir-Regolament 952/2013, l-Atti ta' Implimentazzjoni u l-Atti Delegati tiegħu*** għandha titqies bħala l-informazzjoni bil-quddiem dwar il-

merkanzija.

Or. en

Emenda 338
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sad-data fl-Artikolu 265(3), in-Notifika tal-Wasla għandha tiġi ppreżentata f'konformità mar-regoli u r-rekwiżiti tad-data stabbiliti fir-Regolament 952/2013, fl-atti ta' Implimentazzjoni u fl-atti Delegati tiegħu.

Or. en

Emenda 339
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Meta l-wasla tal-mezzi tat-trasport u tal-kunsinni fihom ma tkunx koperta min-notifika msemmija fil-paragrafu 1, it-trasportatur għandu jinnotifika l-wasla tal-merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru*** fil-port jew fl-ajruport fejn tinħatt jew tiġi trażbordata.	4. ***Il-merkanzija li tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru u li tibqa' abbord l-istess mezz ta' trasport għall-ġarr, għandha tiġi notifikata biss bħala li "waslet" fit-territorju doganali*** fil-port jew fl-ajruport fejn tinħatt jew tiġi trażbordata.

Or. en

Emenda 340
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-trasportatur ma għandux iħott, fit-territorju doganali tal-Unjoni, il-merkanzija li għaliha ma tkunx ġiet ipprovduta jew magħmula disponibbli informazzjoni minima bil-quddiem dwar il-merkanzija lid-dwana, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkunux talbu lit-trasportatur sabiex jippreżentaha f'konformità mal-Artikolu 85.	6. ***Mid-data stabbilita fl-Artikolu 265(3) u biss f'każijiet eċċezzjonali,*** it-trasportatur ma għandux iħott, fit-territorju doganali tal-Unjoni, il-merkanzija li għaliha ma tkunx ġiet ipprovduta jew magħmula disponibbli informazzjoni minima bil-quddiem dwar il-merkanzija lid-dwana, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkunux talbu lit-trasportatur sabiex jippreżentaha f'konformità mal-Artikolu 85. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 261, sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina d-data minima antiċipata dwar il-merkanzija msemmija fil-paragrafu 6 u ċ-ċirkostanzi speċifiċi meta t-trasportatur jista' ma jitħalliex iħott il-merkanzija.***

Or. en

Emenda 341
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet doganali għandhom jirrikjedu li t-trasportatur jippreżenta l-merkanzija u jipprovdi l-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija msemmija fl-Artikolu 80, meta din l-informazzjoni ma tkunx ġiet ipprovduta fi stadju aktar bikri.	2. L-awtoritajiet doganali għandhom jirrikjedu li t-trasportatur***, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80(5),*** jippreżenta l-merkanzija u jipprovdi l-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija msemmija fl-Artikolu 80, meta din l-informazzjoni ma tkunx ġiet ipprovduta fi stadju aktar bikri.

Or. en

Emenda 342
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sad-data fl-Artikolu 265(3), in-Notifika tal-Preżentazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'konformità mar-regoli u r-rekwiżiti tad-data stabbiliti fir-Regolament 952/2013, fl-atti ta' Implimentazzjoni u fl-atti Delegati tiegħu.

Or. en

Emenda 343
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sad-data fl-Artikolu 265(3), id-Dikjarazzjoni ta' Ħażna Temporanja għandha tiġi ppreżentata f'konformità mar-regoli u r-rekwiżiti tad-data stabbiliti fir-Regolament 952/2013, fl-atti ta' Implimentazzjoni u fl-atti Delegati tiegħu.

Or. en

Emenda 344
Marco Campomenosi, Alessandra Basso, Antonio Maria Rinaldi, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Merkanzija mhux tal-Unjoni	5. Merkanzija mhux tal-Unjoni

f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn ***3 ijiem*** wara n-notifika tal-wasla tagħha ***jew mhux aktar tard minn 6 ijiem wara n-notifika tal-wasla tagħha fil-każ ta' konsenjatarju awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 116(4), il-punt (b), sakemm*** l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. ***F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.***

f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn ***30 jum*** wara n-notifika tal-wasla tagħha ***ħlief jekk*** l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata.

Or. en

Emenda 345
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Merkanzija mhux tal-Unjoni f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn ***3 ijiem*** wara n-notifika tal-wasla tagħha ***jew mhux aktar tard minn 6 ijiem wara n-notifika tal-wasla tagħha fil-każ ta' konsenjatarju awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 116(4), il-punt (b),*** sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.	5. Merkanzija mhux tal-Unjoni f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn ***90 jum*** wara n-notifika tal-wasla tagħha sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.

Or. en

Emenda 346
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Merkanzija mhux tal-Unjoni	5. Merkanzija mhux tal-Unjoni

f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn ***3 ijiem*** wara n-notifika tal-wasla tagħha ***jew mhux aktar tard minn 6 ijiem wara n-notifika tal-wasla tagħha fil-każ ta' konsenjatarju awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 116(4), il-punt (b),*** sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.

f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn ***60 jum*** wara n-notifika tal-wasla tagħha sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tnaqqis taż-żmien tal-ħażna temporanja għal 3-6 ijiem biss awtomatikament ibiddel lill-operaturi tat-terminali f'operaturi ta' maħżen doganali. Din il-bidla ġġib magħha spejjeż amministrattivi u tal-IT sinifikanti minħabba d-domanda estensiva tad-data u d-dokumentazzjoni inerenti fir-rwol tal-maħżen doganali. Barra minn hekk, l-operaturi tat-terminali jiffaċċjaw kwistjonijiet potenzjali ta' responsabbiltà, peress li jista' jkun li ma jkunux jistgħu jivverifikaw il-preċiżjoni tad-data meħtieġa skont l-Artikolu 119(1) tal-proposta. Barra minn hekk, dan it-tnaqqis fiż-żmien tal-ħażna jista' jfixkel il-fluss bla xkiel tal-merkanzija.

Emenda 347
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Merkanzija mhux tal-Unjoni f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn ***3 ijiem*** wara n-notifika tal-wasla tagħha ***jew mhux aktar tard minn 6 ijiem wara n-notifika tal-wasla tagħha fil-każ ta' konsenjatarju awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 116(4), il-punt (b),*** sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.	5. Merkanzija mhux tal-Unjoni f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn ***90 jum*** wara n-notifika tal-wasla tagħha sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi evitata l-konġestjoni fil-portijiet u l-ajruporti tagħna, nippreferu bil-qawwa li nżommu l-iskeda ta' żmien attwali fir-rigward tal-merkanzija f'ħażna temporanja.

Emenda 348
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Merkanzija mhux tal-Unjoni f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn 3 ijiem wara n-notifika tal-wasla tagħha jew mhux aktar tard minn 6 ijiem wara n-notifika tal-wasla tagħha fil-każ ta' konsenjatarju awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 116(4), il-punt (b), sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.	5. Merkanzija mhux tal-Unjoni f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali ***għal perjodu ta' 90 jum*** mhux aktar tard minn 3 ijiem wara n-notifika tal-wasla tagħha jew mhux aktar tard minn 6 ijiem wara n-notifika tal-wasla tagħha fil-każ ta' konsenjatarju awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 116(4), il-punt (b), sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.

Or. en

Emenda 349
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 99 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Merkanzija li sejra tinħareġ 'il barra mit-territorju doganali tal-Unjoni għandha tkun soġġetta, kif xieraq, għal dawn li ġejjin:	***imħassar***
(a) ir-ripagament jew ir-remissjoni tad-dazju fuq l-importazzjoni;	
(b) il-pagament tar-rimborżi fuq l-esportazzjoni;	
(c) il-formalitajiet meħtieġa skont id-	

dispożizzjonijiet fis-seħħ fir-rigward ta' imposti oħrajn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-taxxa tal-VAT għandha tiġi rregolata skont id-Direttiva 2006/112/WE

Emenda 350
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 99 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-proċedura għar-rifużjoni tal-VAT lil persuni fiżiċi mhux stabbiliti fl-Unjoni kif imsemmi fil-paragrafu 3, il-punt (b). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 262(4).	***imħassar***

Or. en

Emenda 351
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 119 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operatur ta' maħżen doganali jew ta' żona ħielsa għandu jipprovdi jew jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali d-data minima neċessarja għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħażna tal-merkanzija li tinsab fiha, b'mod partikolari d-data msemmija fl-Artikolu 118(2), il-punt (a), l-istatus doganali tal-merkanzija mqiegħda taħt il-	1. ***Ladarba l-funzjonalitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 29 jkunu funzjonali bis-sħiħ,*** l-operatur ta' maħżen doganali jew ta' żona ħielsa għandu ***jkun mitlub*** jipprovdi jew jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali d-data minima neċessarja għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħażna tal-

proċedura ta’ ħażna u l-movimenti sussegwenti ta’ dik il-merkanzija.	merkanzija li tinsab fiha, b’mod partikolari d-data msemmija fl-Artikolu 118(2), il-punt (a), l-istatus doganali tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta’ ħażna u l-movimenti sussegwenti ta’ dik il-merkanzija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit li l-operaturi tat-terminali jipprovdu d-data stipulata fl-Artikolu 119(1) jista’ jwassal għal żieda enormi fl-ispejjeż amministrattivi u tal-IT kif ukoll għal tfixkil u konġestjoni fil-portijiet fil-każ li partijiet oħra fil-katina loġistika ma jipprovdux id-data meħtieġa fil-ħin. Għalhekk jenħtieġ li jitqies li d-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda dwar il-ħżin temporanju u l-ħżin doganali jiġi allinjat mad-dħul fis-seħħ taċ-Ċentru tad-Data, peress li dan inaqqas il-kostijiet amministrattivi għall-operaturi tat-terminali.

Emenda 352
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 147 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Oriġini nonpreferenzjali	***L-indikazzjoni tal-oriġini***

Or. fr

Emenda 353
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 147 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-regoli għad-determinazzjoni tal-oriġini nonpreferenzjali tal-merkanzija fl-Artikoli 148 u 149 għandhom jintużaw għall-applikazzjoni ta’ dawn li ġejjin:	***imħassar***
(a) it-Tariffa Doganali Komuni, ħlief għall-miżuri msemmijin fl-Artikolu 145(2), il-punti (d) u (e);	

(b) miżuri, għajr miżuri tariffarji, stabbiliti permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni li jirregolaw oqsma speċifiċi relatati mal-kummerċ fil-merkanzija; u

(c) miżuri oħrajn tal-Unjoni marbutin mal-oriġini tal-merkanzija.

Or. fr

Emenda 354
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 147 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodotti importati jew mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jkollhom indikazzjoni tal-pajjiżi tal-oriġini jew, meta d-daqs jew in-natura tal-prodott ma jippermettux dan, li dik l-indikazzjoni trid tingħata fuq l-imballaġġ jew fid-dokument li jkun hemm mal-prodott.

Or. fr

Emenda 355
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 147 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-fini tad-determinazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini fis-sens tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw ir-regoli dwar l-oriġini mhux preferenzjali stabbiliti fl-Artikoli 147a sa 149 ta' dan ir-Regolament, inklużi atti delegati adottati skont l-Artikolu 148 ta' dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 356
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 147 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-pajjiż tal-oriġini ddeterminat ikun Stat Membru tal-Unjoni, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jirreferu għall-Istat Membru.

Or. fr

Emenda 357
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 147 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-indikazzjonijiet tal-pajjiż tal-oriġini jistgħu, skont l-għażla tal-manifattur, jissemmew biss bl-Ingliż bl-użu tal-formula "Made in [pajjiż]".

Or. fr

Emenda 358
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 147a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 147a
	Oriġini nonpreferenzjali
	Ir-regoli għad-determinazzjoni tal-oriġini nonpreferenzjali tal-merkanzija fl-Artikoli

148 u 149 għandhom jintużaw għall-applikazzjoni ta' dawn li ġejjin:

(a) it-Tariffa Doganali Komuni bl-eċċezzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 145, il-punti (d) u (e);

(b) miżuri, għajr miżuri tariffarji, stabbiliti permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni li jirregolaw oqsma speċifiċi relatati mal-kummerċ fil-merkanzija; u

(c) miżuri oħrajn tal-Unjoni marbutin mal-oriġini tal-merkanzija.

Or. fr

Emenda 359
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 149 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta l-importatur ikun indika oriġini*** tal-merkanzija ***skont il-leġiżlazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali jistgħu*** jeħtieġu ***prova*** tal-oriġini ***tal-merkanzija***.	1. ***L-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu prova tal-oriġini*** tal-merkanzija ***u jistgħu, f'każijiet ta' dubju raġonevoli,*** jeħtieġu ***kwalunkwe evidenza addizzjonali meħtieġa biex jiżguraw li l-indikazzjoni*** tal-oriġini ***tikkonforma mar-regoli stabbiliti mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni***.

Or. fr

Emenda 360
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 149 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta tingħata prova tal-oriġini tal-merkanzija skont il-leġiżlazzjoni doganali jew leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tirregola oqsma speċifiċi, l-awtoritajiet	***imħassar***

doganali jistgħu, f'każ ta' dubju raġonevoli, jeħtieġu kwalunkwe evidenza addizzjonali li tkun meħtieġa sabiex jiżguraw li l-indikazzjoni tal-oriġini tikkonforma mar-regoli stabbiliti mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Or. fr

Emenda 361
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 149 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-eżiġenzi tal-kummerċ ikunu jeħtieġu hekk, jista' jinħareġ dokument fl-Unjoni li jagħti prova tal-oriġini f'konformità mar-regoli tal-oriġini fis-seħħ fil-pajjiż jew fit-territorju ta' destinazzjoni jew kwalunkwe metodu ieħor li jidentifika l-pajjiż fejn il-merkanzija nkisbet kollha kemm hija jew għaddiet mill-aħħar trasformazzjoni sostanzjali tagħha.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 362
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 150 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. ***Meta*** l-importatur ikun għażel li japplika t-trattament tariffarju simplifikat għall-bejgħ mill-bogħod, ***l-importatur ma jistax jibbenefika mill-miżuri*** msemmijin fl-Artikolu 145(2), il-punti (d) u (e), jew ***minn miżuri*** preferenzjali nontariffarji.	10. ***Anke jekk*** l-importatur ikun għażel li japplika t-trattament tariffarju simplifikat għall-bejgħ mill-bogħod, ***il-miżuri*** msemmijin fl-Artikolu 145(2), il-punti (d) u (e), jew ***il-miżuri*** preferenzjali nontariffarji***, ikunu japplikaw***.

Or. en

Emenda 363
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 150 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. ***Meta*** l-importatur ikun għażel li japplika t-trattament tariffarju simplifikat għall-bejgħ mill-bogħod, ***l-importatur ma jistax jibbenefika mill-miżuri*** msemmijin fl-Artikolu 145(2), il-punti (d) u (e), jew ***minn miżuri*** preferenzjali nontariffarji.	10. ***Anke jekk*** l-importatur ikun għażel li japplika t-trattament tariffarju simplifikat għall-bejgħ mill-bogħod, ***il-miżuri*** msemmijin fl-Artikolu 145(2), il-punti (d) u (e), jew ***il-miżuri*** preferenzjali nontariffarji***, ikunu japplikaw***.

Or. en

Emenda 364
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 159 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-informazzjoni pprovduta jew magħmula disponibbli għall-finijiet tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 twassal sabiex ma jinġabarx id-dazju fuq l-importazzjoni kollu jew parti minnu, il-persuna li pprovdiet dik l-informazzjoni u li kienet taf, jew li missha raġonevolment kienet taf, li tali informazzjoni kienet falza għandha tkun debitur ukoll.	Meta l-informazzjoni pprovduta jew magħmula disponibbli għall-finijiet tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 twassal sabiex ma jinġabarx id-dazju fuq l-importazzjoni kollu jew parti minnu, il-persuna li pprovdiet dik l-informazzjoni u li kienet taf, jew li missha raġonevolment kienet taf, li tali informazzjoni kienet falza għandha tkun debitur ukoll. ***Dik il-persuna għandha tkun responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe imposta oħra applikabbli inklużi t-tariffi tal-formalitajiet doganali u t-tariffi tal-kurriera.***

Or. en

Emenda 365
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 159 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-informazzjoni pprovduta jew magħmula disponibbli għall-finijiet tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 twassal sabiex ma jinġabarx id-dazju fuq l-importazzjoni kollu jew parti minnu, il-persuna li pprovdiet dik l-informazzjoni u li kienet taf, jew li missha raġonevolment kienet taf, li tali informazzjoni kienet falza għandha tkun debitur ukoll.	Meta l-informazzjoni pprovduta jew magħmula disponibbli għall-finijiet tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 twassal sabiex ma jinġabarx id-dazju fuq l-importazzjoni kollu jew parti minnu, il-persuna li pprovdiet dik l-informazzjoni u li kienet taf, jew li missha raġonevolment kienet taf, li tali informazzjoni kienet falza għandha tkun debitur ukoll. ***Dik il-persuna għandha tkun responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe imposta oħra applikabbli.***

Or. en

Emenda 366
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 159 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta t-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE japplika għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata minn pajjiżi jew minn territorji terzi lil klijent fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-importatur preżunt għandu jġarrab dejn doganali meta l-pagament għall-bejgħ mill-bogħod jiġi aċċettat u għandu jkun id-debitur.	3. Meta t-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE japplika għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata minn pajjiżi jew minn territorji terzi lil klijent ***aħħari*** fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-importatur preżunt għandu jġarrab dejn doganali meta l-pagament għall-bejgħ mill-bogħod jiġi aċċettat u għandu jkun id-debitur. ***L-importatur preżunt għandu jkun responsabbli wkoll għall-ħlas ta' kwalunkwe imposta oħra applikabbli.***

Or. en

Emenda 367
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament

Artikolu 159 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta t-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE japplika għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata minn pajjiżi jew minn territorji terzi lil klijent fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-importatur preżunt għandu jġarrab dejn doganali meta l-pagament għall-bejgħ mill-bogħod jiġi aċċettat u għandu jkun id-debitur.	3. Meta t-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE japplika għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija li tkun se tiġi importata minn pajjiżi jew minn territorji terzi lil klijent ***aħħari*** fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-importatur preżunt għandu jġarrab dejn doganali meta l-pagament għall-bejgħ mill-bogħod jiġi aċċettat u għandu jkun id-debitur. ***L-importatur preżunt għandu jkun responsabbli wkoll għall-ħlas ta' kwalunkwe imposta applikabbli oħra.***

Or. en

Emenda 368
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, meta n-notifika tad-dejn doganali tippreġudika investigazzjoni kriminali, l-awtoritajiet doganali jistgħu jiddeferixxu dik in-notifika sa meta din ma tibqax tippreġudika l-investigazzjonijiet kriminali.	Madankollu, meta n-notifika tad-dejn doganali tippreġudika investigazzjoni kriminali, l-awtoritajiet doganali jistgħu jiddeferixxu dik in-notifika sa meta din ma tibqax tippreġudika l-investigazzjonijiet kriminali***, anki jekk dik l-investigazzjoni sseħħ fi Stat Membru differenti. Jekk jintalbu jagħmlu dan minn awtorità li tkun kompetenti għal investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali, inkluż l-UPPE, l-awtoritajiet doganali għandhom jiddifferixxu n-notifika***.

Or. en

Emenda 369
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament

Artikolu 184 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Id-dħul fil-kontijiet jista' jkun differit fil-każ imsemmi fl-Artikolu 181(3), it-tieni subparagrafu, sa meta n-notifika tad-dejn doganali ma tibqax tippreġudika investigazzjoni kriminali.	9. Id-dħul fil-kontijiet jista' jkun differit fil-każ imsemmi fl-Artikolu 181(3), it-tieni subparagrafu, sa meta n-notifika tad-dejn doganali ma tibqax tippreġudika investigazzjoni kriminali***, anki jekk dik l-investigazzjoni sseħħ fi Stat Membru differenti***.

Or. en

Emenda 370
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 200 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-sanzjonijiet u l-obbligazzjonijiet imposti fuq l-entitajiet ekonomiċi għandhom ikunu proporzjonati mar-rwol tagħhom fil-proċess tat-tranżazzjoni, filwaqt li jiżguraw il-ġustizzja u ċ-ċarezza fl-applikazzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 371
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 203 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-protokolli u l-proċeduri ***jistgħu jkopru*** b'mod partikolari:	2. Il-protokolli u l-proċeduri ***għandhom jinkludu miżuri ta' ġestjoni tar-riskju, miżuri kollaborattivi u ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ, li jiżguraw il-fluss sikur u effiċjenti ta' oġġetti rilevanti għall-kriżi kif definit fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt 6 tar-Regolament li***

jistabbilixxi strument għas-Suq Uniku f'emerġenza u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 bejn il-fruntieri lejn, minn u fit-territorju Doganali matul iż-żmien kemm iddum tali kriżi, b'approċċ konsistenti u armonizzat li għandu jkopri b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 372
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 203 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. l-implimentazzjoni ta' korsiji diġitali rapidi doganali fil-fruntieri biex jiġu minimizzati d-dewmien u l-backups fil-flussi tal-merkanzija, li jippermettu kopji u firem diġitali.

Or. en

Emenda 373
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 203 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. l-evitar tar-restrizzjonijiet kummerċjali li jikkonċernaw oġġetti rilevanti għall-kriżi kif definit fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt 6 tar-Regolament li jistabbilixxi strument għas-Suq Uniku f'emerġenza u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98

Or. en

Emenda 374
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 204 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkoordina u tissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-arranġamenti xierqa mill-awtoritajiet doganali u għandha tirrapporta lura dwar ir-riżultati ta' din l-implimentazzjoni lill-Kummissjoni.	2. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkoordina u tissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-arranġamenti xierqa mill-awtoritajiet doganali u għandha tirrapporta lura dwar ir-riżultati ta' din l-implimentazzjoni lill-Kummissjoni***, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***.

Or. en

Emenda 375
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 206 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sede tal-Awtorità Doganali tal-UE ***għandha tkun […].***	***L-Istat Membru li jospita s-sede*** tal-Awtorità Doganali tal-UE ***għandu jissodisfa l-kriterji li ġejjin:*** ***a. Kwalità eċċellenti tal-faċilitajiet tal-IT f'termini kemm ta' maturità kif ukoll ta' kontinwità;*** ***b.Disponibbiltà fil-qrib ta' persunal ta' kwalità għolja, ta' għarfien espert u ta' edukazzjoni;*** ***c. Faċilitajiet disponibbli fl-inħawi għal konsultazzjoni adegwata.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex l-aġenzija tiffunzjona kemm jista' jkun bla xkiel, l-Istat Membru li se jospitaha għandu jkollu faċilitajiet adegwati fis-seħħ, f'termini ta' għarfien espert kif ukoll faċilitajiet tal-madwar li se jkunu meħtieġa.

Emenda 376
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 207 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-missjoni tal-awtoritajiet doganali li jappoġġaw attività kummerċjali leġittima, billi żżomm bilanċ xieraq bejn il-kontrolli doganali, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ leġittimu u s-simplifikazzjoni tal-proċessi u l-proċeduri doganali billi:
	(I) twettia analiżi tar-riskju robusta permessa mill-kapaċitajiet taċ-Ċentru tad-Data Doganali tal-UE, inkluża l-intelliġenza artifiċjali kif definita fl-Artikolu 29(1)(f); u
	(ii) tipprovdi lin-negozjanti fdati aċċess għal data tal-analiżi tar-riskju f'ħin reali magħmula disponibbli permezz taċ-Ċentru tad-Data Doganali tal-UE u kkategorizzata b'kodiċi bil-kulur, kif ġej:
	- Aħdar għal "vjeġġ mhux f'riskju" kif definit fl-Artikolu 5 (64a ġdid);
	- Isfar għal "vjeġġ f'riskju li għandu jiġi vvalutat qabel ir-rilaxx fis-suq intern", kif definit fl-Artikolu 5 (64b ġdid);
	- Aħmar għal "vjeġġ mhux konformi" li għandu jiġi miċħud għall-ġbir mill-oriġini kif definit fl-Artikolu 5 (64c ġdid).
	Id-dispożizzjoni tal-kodiċijiet tal-kulur għandha tkun dettaljata permezz ta' att ta' implimentazzjoni.
	(iii) tippreżenta fuq bażi annwali sensiela ta' rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb il-faċilitazzjoni doganali u biex jiġi żgurat livell ġust u bbilanċjat ta' responsabbiltà għan-negozjanti fdati.

Or. en

Emenda 377
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 207 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tintroduċi skema speċjali obbligatorja għall-ġbir tad-dazju doganali fuq il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi. Din l-iskema speċjali obbligatorja għandha tkun allinjata mal-iskema speċjali definita fit-Titolu XII, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112 (KE).

Or. en

Emenda 378
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Artikolu 208 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tappoġġa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jissorveljaw b'mod aktar effiċjenti l-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi fuq il-fluss tal-merkanzija li jistgħu jiġu adottati mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE, biex jiġi żgurat li dawk il-miżuri ma jiġux evitati.

Or. en

Emenda 379
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament

Artikolu 208 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tħejji l-kontenut minimu komuni ta' taħriġ għall-uffiċjali doganali fl-Unjoni u tissorvelja l-użu tiegħu mill-awtoritajiet doganali***;**	(c) tħejji l-kontenut minimu komuni ta' taħriġ għall-uffiċjali doganali fl-Unjoni u tissorvelja l-użu tiegħu mill-awtoritajiet doganali ***sabiex il-persunal ikun jeħtieġ il-ħiliet meħtieġa għal tagħmir tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, teknoloġija għall-analitika tal-big data u detezzjoni u kontrolli***

Or. en

Emenda 380
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Artikolu 208 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tħejji l-kontenut minimu komuni ta' taħriġ għall-uffiċjali doganali fl-Unjoni u tissorvelja l-użu tiegħu mill-awtoritajiet doganali;	(c) tħejji l-kontenut minimu komuni ta' taħriġ għall-uffiċjali doganali fl-Unjoni u tissorvelja l-użu tiegħu mill-awtoritajiet doganali ***inkluż il-kontenut għat-taħriġ imsemmi fl-Artikolu 25, il-paragrafu 3, il-punt (e), li għandu jiġi armonizzat***;

Or. en

Emenda 381
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Artikolu 208 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) tiffaċilita u tikkoordina l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni ***fil-qasam doganali***;	(f) tiffaċilita u tikkoordina l-attivitajiet ta' riċerka u ***innovazzjoni fil-qasam doganali, u tinforma regolarment liċ-Ċentru*** ta' Innovazzjoni ***tal-UE għas-Sigurtà Interna dwar l-attivitajiet tagħha***;

Or. en

Emenda 382
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 208 – paragrafu 3 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) tikkoopera mas-segretarjati tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali rilevanti li tagħhom l-UE hija parti kontraenti;

Or. en

Emenda 383
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 208 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. m. tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati u l-operaturi rilevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operaturi leġittimi bħall-intermedjarji doganali għandhom jiġu kkonsultati fi ħdan l-Awtorità biex jaqsmu l-esperjenza prattika u l-għarfien.

Emenda 384
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 210

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 210	***imħassar***

210 L-Awtorità Doganali tal-UE tista' tiġi assenjata kompiti ulterjuri fil-qasam tal-moviment liberu, tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni ta' merkanzija ta' pajjiżi terzi, jekk dan ikun previst mill-atti legali rilevanti tal-Unjoni.Meta kompiti bħal dawn jiġu assenjati jew fdati lill-Awtorità Doganali tal-UE, għandhom jiġu żgurati riżorsi finanzjarji u umani xierqa għall-implimentazzjoni tagħhom.	
L-Awtorità Doganali tal-UE tista' tiġi assenjata kompiti ulterjuri fil-qasam tal-moviment liberu, tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni ta' merkanzija ta' pajjiżi terzi, jekk dan ikun previst mill-atti legali rilevanti tal-Unjoni. Meta kompiti bħal dawn jiġu assenjati jew fdati lill-Awtorità Doganali tal-UE, għandhom jiġu żgurati riżorsi finanzjarji u umani xierqa għall-implimentazzjoni tagħhom.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni mhijiex meħtieġa peress li tikkoinċidi mar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet baġitarji (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill), li jevalwaw il-proposti finanzjarji tal-korpi tal-UE, inkluż id-dħul u l-infiq preliminari, bħala parti mill-proċess baġitarju annwali tagħhom, abbażi ta' sottomissjonijiet mill-Kummissjoni.

Emenda 385
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 211 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) korp konsultattiv li għandu jeżerċita l-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 212 (a -ġdid)

Or. en

Emenda 386
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 212 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u minn żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, ilkoll bid-dritt tal-vot.	1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u minn żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, ilkoll bid-dritt tal-vot. ***Il-piż tal-vot ta' kull rappreżentant minn Stat Membru għandu jkun ibbażat fuq il-volumi ta' kummerċ relattivi ta' dak l-Istat Membru.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nqisu li huwa importanti li jiġi rikonoxxut li l-intensità tat-traffiku tal-merkanzija fil-fruntieri esterni mhijiex ugwali madwar l-UE. Biex aġenzija topera b'mod effettiv, huwa importanti li l-istruttura ta' governanza tagħha tirrifletti din ir-realtà.

Emenda 387
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 212 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u minn żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, ilkoll bid-dritt tal-vot.	1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u minn żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni ***u minn rappreżentant wieħed mill-Parlament Ewropew***, ilkoll bid-dritt tal-vot.

Or. en

Emenda 388
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 212 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi wkoll membru wieħed dežinjat mill-Parlament Ewropew, li ma jkollu l-ebda dritt tal-vot.	***imħassar***

Or. en

Emenda 389
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 212a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 212a
	Funzjonijiet tal-bord konsultattiv
	Il-Bord tat-Tmexxija għandu jaħtar erbgħa mill-membri tal-bord konsultattiv biex jipparteċipaw bi status ta' osservaturi fil-Bord tat-Tmexxija. Huma għandhom jirrappreżentaw, b'mod wiesa' kemm jista' jkun, il-fehmiet differenti rappreżentati f'dan il-korp konsultattiv. Il-mandat inizjali għandu jkun ta' 48 xahar u għandu jkun jista' jiġi estiż.

Or. en

Emenda 390
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 214 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord tat-Tmexxija ***jista'*** jistieden lil ***kwalunkwe persuna li jista' jkollha opinjoni li tkun ta' interess sabiex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur***.	4. Il-Bord tat-Tmexxija ***għandu*** jistieden lil ***rappreżentanti tal-industrija maħtura mill-korp konsultattiv kif definit fl-Artikolu 215, il-paragrafu 1, il-punt va (ġdid)***.

Or. en

Emenda 391
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 215 – paragrafu 1 – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi korp konsultattiv li jirrappreżenta l-firxa sħiħa tal-partijiet interessati affettwati mill-ħidma tal-Awtorità Doganali tal-UE, li għandu jikkonsulta qabel ma jieħu d-deċiżjonijiet. Il-Bord ta' Tmexxija fl-ebda każ ma jkun marbut bl-opinjoni tal-korp konsultattiv.

Or. en

Emenda 392
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 215 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi u jadotta regoli ta' proċedura għal korp konsultattiv li jirrappreżenta l-firxa sħiħa tal-partijiet ikkonċernati affettwati mill-ħidma tal-Awtorità Doganali tal-UE, li għandu jikkonsulta regolarment qabel ma jieħu d-deċiżjonijiet.

Or. en

Emenda 393
Tom Vandenkendelaere

Proposta għal regolament

Artikolu 216 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 215(1), il-punti (b), (c), (e), (f), (j), (m), (n), (o) u (s) tista' tittieħed biss jekk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jitfgħu vot pożittiv. Għall-finijiet tat-teħid tad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 215(1), il-punt (s), il-kunsens tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandu jkun meħtieġ biss fuq l-elementi tad-deċiżjoni li ma jkunux relatati mal-programm ta' ħidma annwali u pluriennali tal-Awtorità Doganali tal-UE.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità Doganali tal-UE għandhom jittieħdu permezz tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni Ewropea ma għandu jkollha l-ebda dritt ta' veto għal din id-deċiżjoni. L-Awtorità Doganali tal-UE jeħtieġ li tkun entità appoġġata mill-Istati Membri:

Emenda 394
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Artikolu 217 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżgura, flimkien mal-Bord tat-Tmexxija, li jingħata segwitu xieraq għas-sejbiet u għar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapporti tal-awditjar u mill-evalwazzjonijiet interni jew esterni, kif ukoll minn investigazzjonijiet tal-OLAF u tal-UPPE;	(b) jiżgura, flimkien mal-Bord tat-Tmexxija, li jingħata segwitu xieraq għas-sejbiet u għar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapporti tal-awditjar u mill-evalwazzjonijiet interni jew esterni, kif ukoll minn investigazzjonijiet tal-OLAF u tal-UPPE***, kif ukoll jimplimenta proċeduri adegwati ta' rapportar ta' suspetti ta' mġiba kriminali lil dan tal-aħħar***;

Or. en

Emenda 395

Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Artikolu 219 – paragrafu 5 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) iħejji pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-konklużjonijiet tar-rapporti tal-awditjar u tal-evalwazzjonijiet interni jew esterni, kif ukoll dwar l-investigazzjonijiet mill-OLAF u mill-UPPE, u rapport dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni u b'mod regolari lill-Bord Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija;	(f) iħejji pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-konklużjonijiet tar-rapporti tal-awditjar u tal-evalwazzjonijiet interni jew esterni, kif ukoll dwar l-investigazzjonijiet mill-OLAF u mill-UPPE, u rapport dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni u b'mod regolari lill-Bord Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija***, kif ukoll jiżgura r-rapportar ta' suspetti ta' mġiba kriminali lill-UPPE, fejn ikun il-każ***;

Or. en

Emenda 396
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 221 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Taqsima 4 Il-Bord Konsultattiv Doganali
	221a Il-Bord Konsultattiv Doganali
	1.L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tistabbilixxi Bord Konsultattiv Doganali biex jassisti lill-Bord Eżekuttiv
	2.Il-Bord Konsultattiv Doganali huwa inkarigat li:
	a) jagħti input dwar id-dimensjonijiet doganali ta' leġiżlazzjonijiet oħrajn applikati mill-awtoritajiet doganali;
	b) jikkomunika r-rakkomandazzjonijiet għall-oqsma prijoritarji ta' kontroll
	3.Il-Bord Konsultattiv Doganali għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet tal-konsumatur, federazzjonijiet tal-impjegaturi u partijiet ikkonċernati

oħrajn.

3. Il-Bord Konsultattiv Doganali għandu jorganizza mill-inqas laqgħa ordinarja waħda kull sitt xhur. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq talba tal-Awtorità Doganali tal-UE jew tal-Bord Eżekuttiv.

Or. en

Emenda 397
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Artikolu 228 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE ***jista'*** jinvestiga u jieħu passi legali kontra każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst ***fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[77].	6. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE ***huwa responsabbli li*** jinvestiga u jieħu passi legali kontra każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst ***f'dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, l-Awtorità għandha tirrapporta mingħajr dewmien żejjed lill-UPPE kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22 u l-Artikolu 25(2) u (3) ta' dak ir-Regolament***.

[77] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

Or. en

Emenda 398
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament

Artikolu 228 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE ***jista' jinvestiga u jieħu passi legali kontra każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn*** li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[77].	6. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE ***huwa responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-awturi u l-kompliċi ta' reati kriminali*** li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[77]***, inklużi reati li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali u reati marbuta b'mod inseparabbli ma' dan, kif prevista fl-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament***.
[77] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).	[77] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-UPPE: L-UPPE għandu jkun responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq għall-ġustizzja fir-rigward ta' awturi u kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2017/1371 u ddeterminati b'dan ir-Regolament.

Emenda 399
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 240 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ma' awtoritajiet oħrajn fil-livell nazzjonali, inklużi iżda mhux limitati għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet sanitarji u fitosanitarji, għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u	1. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ma' awtoritajiet oħrajn fil-livell nazzjonali, inklużi iżda mhux limitati għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet sanitarji u fitosanitarji, għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u

għall-awtoritajiet tat-taxxa, fil-qasam ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali, fil-ġbir tad-dazji u fit-taxxi u f'oqsma rilevanti oħrajn ta' kooperazzjoni. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ukoll ma' korpi, ma' gruppi ta' esperti, ma' aġenziji, ma' uffiċċji jew ma' networks rilevanti li jikkoordinaw l-attivitajiet ta' awtoritajiet oħrajn fil-livell tal-Unjoni. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ukoll ma' partijiet rilevanti oħrajn fil-livell tal-UE, kif imsemmi fil-paragrafu 9, u l-awtoritajiet doganali involuti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità Doganali tal-UE.

għall-awtoritajiet tat-taxxa, fil-qasam ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali, fil-ġbir tad-dazji u fit-taxxi u f'oqsma rilevanti oħrajn ta' kooperazzjoni. ***L-awtoritajiet doganali għandhom javżaw minnufih lill-awtoritajiet rilevanti kollha meta jissuspettaw ksur ta' leġiżlazzjonijiet oħra tal-UE u jibagħtu notifika fiċ-Ċentru tad-Data Doganali tal-UE.*** Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ukoll ma' korpi, ma' gruppi ta' esperti, ma' aġenziji, ma' uffiċċji jew ma' networks rilevanti li jikkoordinaw l-attivitajiet ta' awtoritajiet oħrajn fil-livell tal-Unjoni. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ukoll ma' partijiet rilevanti oħrajn fil-livell tal-UE, kif imsemmi fil-paragrafu 9, u l-awtoritajiet doganali involuti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità Doganali tal-UE.

Or. en

Emenda 400
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 240 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ma' awtoritajiet oħrajn fil-livell nazzjonali, inklużi iżda mhux limitati għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet sanitarji u fitosanitarji, għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u għall-awtoritajiet tat-taxxa, fil-qasam ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali, fil-ġbir tad-dazji u fit-taxxi u f'oqsma rilevanti oħrajn ta' kooperazzjoni. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ukoll ma' korpi, ma' gruppi ta' esperti, ma' aġenziji, ma' uffiċċji jew ma' networks rilevanti li jikkoordinaw l-attivitajiet ta' awtoritajiet oħrajn fil-livell	1. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ma' awtoritajiet oħrajn fil-livell nazzjonali, inklużi iżda mhux limitati għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet sanitarji u fitosanitarji, għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u għall-awtoritajiet tat-taxxa, fil-qasam ta' leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali, fil-ġbir tad-dazji u fit-taxxi u f'oqsma rilevanti oħrajn ta' kooperazzjoni. ***L-awtoritajiet doganali għandhom iwissu lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwar suspett ta' ksur ta' leġiżlazzjonijiet oħra tal-UE u jżidu l-informazzjoni fiċ-Ċentru tad-Data Doganali tal-UE.*** Meta jkun xieraq, l-

tal-Unjoni. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ukoll ma' partijiet rilevanti oħrajn fil-livell tal-UE, kif imsemmi fil-paragrafu 9, u l-awtoritajiet doganali involuti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità Doganali tal-UE.	awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ukoll ma' korpi, ma' gruppi ta' esperti, ma' aġenziji, ma' uffiċċji jew ma' networks rilevanti li jikkoordinaw l-attivitajiet ta' awtoritajiet oħrajn fil-livell tal-Unjoni. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw ukoll ma' partijiet rilevanti oħrajn fil-livell tal-UE, kif imsemmi fil-paragrafu 9, u l-awtoritajiet doganali involuti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità Doganali tal-UE.

Or. en

Emenda 401
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 240 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-iskambju tal-ħiliet u tal-aħjar prattiki permezz ta' taħriġ konġunt dwar kif jiġu identifikati prodotti mhux konformi, inkluż li jinżamm aġġornat dwar kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tistabbilixxi rekwiżiti ta' konformità bħal dawk relatati mas-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-prodotti.

Or. en

Emenda 402
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Artikolu 240 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkoopera mill-qrib mal-OLAF meta jkun hemm frodi jew suspett ta' frodi fi kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħha.	8. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkoopera mill-qrib mal-OLAF ***u mal-UPPE*** meta jkun hemm frodi jew suspett ta' frodi fi kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 403
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Artikolu 241 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tippjana, torganizza u tikkoordina kontrolli konġunti li jitwettqu mill-awtoritajiet doganali, meta rilevanti f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet, ma' korpi u ma' aġenziji oħrajn f'konformità mal-Artikolu 240(9).	1. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tippjana, torganizza u tikkoordina kontrolli konġunti li jitwettqu mill-awtoritajiet doganali, meta rilevanti f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet, ma' korpi u ma' aġenziji oħrajn***, inkluża l-Europol,*** f'konformità mal-Artikolu 240(9).

Or. en

Emenda 404
Vlad-Marius Botoş

Proposta għal regolament
Artikolu 241 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal dan l-għan, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha ssegwi l-prijoritajiet tal-politika doganali u tiżgura r-rabtiet u l-koordinazzjoni neċessarji mal-attivitajiet kontra l-frodi ***mill-OLAF u mill-UPPE u mal-investigazzjonijiet doganali*** nazzjonali.	2. Għal dan l-għan, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha ssegwi l-prijoritajiet tal-politika doganali u tiżgura r-rabtiet u l-koordinazzjoni neċessarji mal-attivitajiet kontra l-frodi ***tal-OLAF u mal-investigazzjonijiet doganali nazzjonali, kif ukoll l-investigazzjonijiet mill-UPPE nazzjonali kompetenti jew minn awtoritajiet*** nazzjonali ***kompetenti oħra***.

Or. en

Emenda 405
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament

Artikolu 241 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal dan l-għan, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha ssegwi l-prijoritajiet tal-politika doganali u tiżgura r-rabtiet u l-koordinazzjoni neċessarji mal-attivitajiet kontra l-frodi ***mill-OLAF u mill-UPPE u*** mal-investigazzjonijiet ***doganali*** nazzjonali.	2. Għal dan l-għan, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha ssegwi l-prijoritajiet tal-politika doganali u tiżgura r-rabtiet u l-koordinazzjoni neċessarji mal-attivitajiet kontra l-frodi ***tal-OLAF u mal-investigazzjonijiet doganali nazzjonali, kif ukoll*** mal-investigazzjonijiet ***kriminali tal-UPPE jew ta' awtoritajiet*** nazzjonali ***kompetenti oħrajn***.

Or. en

Emenda 406
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Artikolu 241 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal dan l-għan, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha ssegwi l-prijoritajiet tal-politika doganali u tiżgura r-rabtiet u l-koordinazzjoni neċessarji mal-attivitajiet kontra l-frodi mill-OLAF u mill-UPPE u mal-investigazzjonijiet doganali nazzjonali.	2. Għal dan l-għan, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha ssegwi l-prijoritajiet tal-politika doganali u tiżgura r-rabtiet u l-koordinazzjoni neċessarji mal-attivitajiet kontra l-frodi mill-OLAF u mill-UPPE u ***mill-EUROPOL u*** mal-investigazzjonijiet doganali nazzjonali.

Or. en

Emenda 407
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 242 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) iwissu lil awtoritajiet oħrajn dwar ir-riskji rilevanti għall-ħidma tagħhom;	(h) iwissu lil awtoritajiet oħrajn dwar ir-riskji rilevanti għall-ħidma tagħhom***, kif ukoll jirrapporta suspetti ta' frodi u kriminalità***;

Or. en

Emenda 408
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 243 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità Doganali tal-UE ***tista'***, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni u soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel tagħha, tikkonkludi arranġamenti ta' ħidma mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn l-arranġamenti ma għandhomx joħolqu obbligi legali imposti fuq l-Unjoni.	L-Awtorità Doganali tal-UE ***għandha***, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni u soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel tagħha, tikkonkludi arranġamenti ta' ħidma mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn l-arranġamenti ma għandhomx joħolqu obbligi legali imposti fuq l-Unjoni. ***Huma għandhom jagħtu s-setgħa lill-Awtorità Doganali tal-UE biex tiskambja informazzjoni u l-aħjar prattiki ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u twettaq attivitajiet konġunti.***

Or. en

Emenda 409
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 244 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Stat Membru jista' jingħata s-setgħa f'konformità mal-proċeduri u mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'att delegat adottat f'konformità mal-paragrafu 6 sabiex jidħol f'negozjati ma' pajjiż terz bl-għan li jikkonkludi ftehim bilaterali dwar l-iskambju msemmi fil-paragrafu 1 jew li jinżamm ftehim eżistenti. Tali ftehim bilaterali ma jibqax japplika mad-dħul fis-seħħ ta' ftehim li jipprevedi l-iskambju ta' informazzjoni doganali bejn l-Unjoni u l-	***imħassar***

pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minn perspettiva ta' implimentazzjoni dan mhuwiex mixtieq jekk jirrestringi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiddeċiedu individwalment ma' pajjiżi terzi dwar kompiti nazzjonali (mhux tal-UE). Dan jikser il-kompetenza tal-Istati Membri li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni doganali nazzjonali u tal-UE.

Emenda 410
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 244 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 261, sabiex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jiddetermina l-kundizzjonijiet u l-proċeduri li skont dawn Stat Membru jista' jingħata s-setgħa li jidħol f'negozjati msemmijin fil-paragrafu 5. Dawn għandhom jinkludu notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn kollha dwar il-kontenut possibbli tal-ftehim bilaterali u valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-impatt tiegħu fuq id-dritt tal-Unjoni u fuq in-negozjati futuri fil-livell tal-Unjoni, inkluż jekk il-kontenut tiegħu jkunx limitat għall-implimentazzjoni tal-obbligi tad-dritt tal-Unjoni jew internazzjonali. L-att delegat għandu jipprevedi wkoll il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawk il-ftehimiet.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minn perspettiva ta' implimentazzjoni dan mhuwiex mixtieq jekk jirrestringi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiddeċiedu individwalment ma' pajjiżi terzi dwar kompiti nazzjonali (mhux tal-UE). Dan jikser il-kompetenza tal-Istati Membri li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni doganali nazzjonali u tal-UE.

Emenda 411
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 244 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien 90 jum mill-wasla tan-notifika, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, jekk għandhiex tawtorizza lill-Istat Membru sabiex jidħol fil-ftehim bilaterali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 262(2).	***imħassar***
Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza marbutin ma' awtorizzazzjoni bħal din, li jkunu debitament ġustifikati mill-ħtieġa li jkun jista' jsir malajr l-iskambju ta' informazzjoni mitlub, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 262(5).	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minn perspettiva ta' implimentazzjoni dan mhuwiex mixtieq jekk jirrestringi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiddeċiedu individwalment ma' pajjiżi terzi dwar kompiti nazzjonali (mhux tal-UE). Dan jikser il-kompetenza tal-Istati Membri li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni doganali nazzjonali u tal-UE.

Emenda 412
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani

Proposta għal regolament
Artikolu 252 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) it-twaħħil ta' indikazzjoni tal-oriġini meta dik l-indikazzjoni ma tkunx

konformi mar-regoli għad-determinazzjoni tal-oriġini mhux preferenzjali

Or. fr

Emenda 413
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 252 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) in-nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-importatur u tal-importatur preżunt f'konformità mal-Artikoli 20 u 21.

Or. en

Emenda 414
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 252 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) in-nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-importatur u tal-importatur preżunt f'konformità mal-Artikoli 20 u 21.

Or. en

Emenda 415
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 252 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ga) in-nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-importatur u tal-importatur preżunt f'konformità mal-Artikoli 20 u 21.

Or. en

Emenda 416
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 253 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 254, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu sanzjonijiet addizzjonali għall-ksur doganali msemmi fl-Artikolu 252 u għall-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li sanzjonijiet bħal dawn jiġu implimentati. Sanzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu effettivi, proprozjonati u dissważivi.	1. Mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 254, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu sanzjonijiet addizzjonali għall-ksur doganali msemmi fl-Artikolu 252 u għall-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li sanzjonijiet bħal dawn jiġu implimentati. Sanzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu effettivi, proprozjonati u dissważivi. ***Il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-Awtorità Doganali tal-UE għandhom jiskambjaw regolarment l-aħjar prattiki u l-metodoloġiji applikabbli fil-qasam tal-awditjar u tal-kalkolu tas-sanzjonijiet, sabiex itejbu l-konverġenza u l-koerenza tas-sanzjonijiet madwar l-UE. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta regolarment jekk is-sanzjonijiet applikati mill-Istati Membri humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi deskritti fl-Artikolu 2, u tieħu azzjoni xierqa jekk ikun meħtieġ.***

Or. en

Emenda 417
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 254 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jiġu applikati sanzjonijiet għall-ksur doganali msemmi fl-Artikolu 252, ***dawn għandhom jieħdu tal-anqas waħda jew aktar mill-forom li ġejjin, filwaqt li jiżguraw li s-sanzjonijiet ikunu*** effettivi, proporzjonati u dissważivi u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi estenwanti u ta' mitigazzjoni msemmijin fl-Artikolu 247 u taċ-ċirkostanzi aggravanti msemmijin fl-Artikolu 248:	Meta jiġu applikati sanzjonijiet għall-ksur doganali msemmi fl-Artikolu 252, ***kull Stat Membru għandu jipprevedi sanzjonijiet li jkunu*** effettivi, proporzjonati u dissważivi u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi estenwanti u ta' mitigazzjoni msemmijin fl-Artikolu 247 u taċ-ċirkostanzi aggravanti msemmijin fl-Artikolu 248:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna ma nappoġġawx il-proposta għal dispożizzjonijiet ta' sanzjonijiet tal-UE b'sentenzi minimi, peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw il-livell ta' kastig għall-imġiba, u l-piena finali hija f'idejn il-qrati.

Emenda 418
Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 254 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) imposta monetarja mill-awtoritajiet doganali, inkluż, meta xieraq, ftehim applikat minflok piena kriminali u kkalkolat fuq l-ammonti jew il-perċentwali minimi li ġejjin:	***imħassar***
(i) meta l-ksur doganali jkollu impatt fuq id-dazji doganali u fuq imposti oħrajn, l-imposta pekunarja għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-ammont ta' dazji doganali u ta' imposti oħrajn imsemmijin, kif ġej:	
(1) meta l-ksur doganali jkun twettaq intenzjonalment, l-imposta monetarja għandha tinkludi ammont ugwali għal bejn 100 % u 200 % tal-ammont ta' dazji doganali u ta' imposti oħrajn imsemmijin;	
(2) f'każijiet oħrajn, l-imposta monetarja għandha tinkludi ammont ugwali għal	

bejn 30 % u 100 % tal-ammont ta' dazji doganali u ta' imposti oħrajn imsemmijin;

(ii) meta ma jkunx possibbli li tiġi kkalkolata l-imposta monetarja f'konformità mal-punt (i), l-imposta pekunarja għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-valur doganali tal-merkanzija, kif ġej:

(1) meta l-ksur doganali jkun twettaq intenzjonalment, l-imposta monetarja għandha tinkludi ammont ugwali għal bejn 100 % u 200 % tal-ammont tal-valur doganali tal-merkanzija;

(2) f'każijiet oħrajn, l-imposta monetarja għandha tinkludi ammont ugwali għal bejn 30 % u 100 % tal-ammont tal-valur doganali tal-merkanzija;

(iii) meta l-ksur doganali ma jkunx relatat ma' merkanzija speċifika, l-imposta monetarja għandha tinkludi ammont ugwali għal bejn EUR 150 u EUR 150 000;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna ma nappoġġawx il-proposta għal dispożizzjonijiet ta' sanzjonijiet tal-UE b'sentenzi minimi, peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw il-livell ta' kastig għall-imġiba, u l-piena finali hija f'idejn il-qrati.

Emenda 419
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 254 – paragrafu 1 – punt a – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) meta l-ksur doganali jkun relatat mal-obbligi tal-importatur preżunt, l-imposta pekunarja għandha tinkludi ammont sa 10 % tal-fatturat totali tal-importatur fis-sena finanzjarja preċedenti.

Or. en

Emenda 420
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 254 – paragrafu 1 – punt a – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) meta l-ksur doganali jkun relatat mal-obbligi tal-importatur preżunt, l-imposta pekunarja għandha tinkludi ammont sa 4 % tal-fatturat totali tal-importatur fis-sena finanzjarja preċedenti.

Or. en

Emenda 421
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 256 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika r-rapport u wara tibagħtu lill-Istati Membri għall-informazzjoni.	4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika r-rapport u wara tibagħtu lill-Istati Membri ***u lill-Parlament Ewropew*** għall-informazzjoni.

Or. en

Emenda 422
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 256 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika r-rapport u wara tibagħtu ***lill-Istati Membri***	4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika r-rapport u wara tibagħtu ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** għall-

għall-informazzjoni.

informazzjoni.

Or. en

Emenda 423
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 258 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***5*** snin wara d-dħul fis-seħħ] u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-objettivi li jsegwi u għandha tippreżenta rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.	Sa ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***3*** snin wara d-dħul fis-seħħ] u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-objettivi li jsegwi u għandha tippreżenta rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Or. en

Emenda 424
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ***mill-1 ta' Marzu 2028***:	2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ***mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***:

Or. en

Emenda 425
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ***mill-1 ta' Marzu 2028***:	2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ***mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***:

Or. en

Emenda 426
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-funzjonalitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 29 għandhom ikunu kompletament operazzjonali sal-31 ta' Diċembru ***2037***.	3. Il-funzjonalitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 29 għandhom ikunu kompletament operazzjonali sal-31 ta' Diċembru ***2032***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bi qbil mal-indikazzjonijiet tar-rapporteur

Emenda 427
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-funzjonalitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 29 għandhom ikunu kompletament operazzjonali sal-31 ta' Diċembru ***2037***.	3. Il-funzjonalitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 29 għandhom ikunu kompletament operazzjonali sal-31 ta' Diċembru ***2032***.

Or. en

Emenda 428
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jibdew jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan ir-Regolament billi jużaw il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE mill-1 ta' Marzu ***2032***.	4. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jibdew jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan ir-Regolament billi jużaw il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE mill-1 ta' Marzu ***2029***.

Or. en

Emenda 429
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Qabel il-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jipprovdi valutazzjoni tal-iżdoganar ċentralizzat imsemmi fl-Artikolu 72. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva bl-għan li tiżgura distribuzzjoni ġusta tad-drittijiet u tal-obbligi tal-Istati Membri b'rabta mal-valutazzjoni tad-dejn doganali mal-importazzjoni u r-responsabbiltà għalih.	6. Qabel il-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jipprovdi valutazzjoni tal-iżdoganar ċentralizzat imsemmi fl-Artikolu 72. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva bl-għan li tiżgura distribuzzjoni ġusta tad-drittijiet u tal-obbligi tal-Istati Membri b'rabta mal-valutazzjoni tad-dejn doganali mal-importazzjoni u r-responsabbiltà għalih. ***Dan ir-rapport għandu jkun disponibbli għal-pubbliku***

Or. en

Emenda 430
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Qabel il-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jipprovdi valutazzjoni tal-iżdoganar ċentralizzat imsemmi fl-Artikolu 72. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva bl-għan li tiżgura distribuzzjoni ġusta tad-drittijiet u tal-obbligi tal-Istati Membri b'rabta mal-valutazzjoni tad-dejn doganali mal-importazzjoni u r-responsabbiltà għalih.	6. Qabel il-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jipprovdi valutazzjoni tal-iżdoganar ċentralizzat imsemmi fl-Artikolu 72. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva bl-għan li tiżgura distribuzzjoni ġusta tad-drittijiet u tal-obbligi tal-Istati Membri b'rabta mal-valutazzjoni tad-dejn doganali mal-importazzjoni u r-responsabbiltà għalih. ***Dan ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.***

Or. en

Emenda 431
Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Sal-31 ta' Diċembru 2035, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tivvaluta, b'mod partikolari:	7. Sal-31 ta' Diċembru 2035, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***u tippubblikah għall-pubbliku,*** sabiex tivvaluta, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 432
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Sal-31 ta' Diċembru 2035, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tivvaluta, b'mod partikolari:	7. Sal-31 ta' Diċembru 2035, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***u tippubblikah,*** sabiex tivvaluta, b'mod

partikolari:

Or. en

Emenda 433
Anna Cavazzini, Francisco Guerreiro

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Sal-31 ta' Diċembru ***2035***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tivvaluta, b'mod partikolari:	7. Sal-31 ta' Diċembru ***2031***, il-Kummissjoni għandha ***tippubblika u*** tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tivvaluta, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 434
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 265 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Sal-31 ta' Diċembru ***2035***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tivvaluta, b'mod partikolari:	7. Sal-31 ta' Diċembru ***2029***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tivvaluta, b'mod partikolari:

Or. en